**KATEKEŻI TAL-PAPA FRANĠISKU**

**DWAR IT-TAMA NISRANIJA**

01. Farrġu, farrġu lill-poplu tiegħi. Isaija 40. 07/12/2016.

02. Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta’ min ixandar is-sliem. 14/12/2016.

03. It-twelid ta' Ġesù, għajn ta' tama. 21/12/2016.

04. Abraham, missier fil-fidi u fit-tama. 28/12/2016.

05. Rakel “tibki lil uliedha”, imma… “hemm tama għall-ġejjieni”. 04/01/2017.

06. It-tagħmiet fiergħa fl-idoli. Is-Salm 115. 11/01/2017.

07. Ġona: it-tama u t-talb. 18/01/2017.

08. Ġuditta: il-kuraġġ ta’ mara jimla bit-tama lil poplu sħiħ. 25/01/2017.

09. L-elmu tat-Tama. 01/02/2017.

10. It-tama għajn ta’ faraġ għal xulxin u ta’ sliem. 08/02/2017.

11. It-tama ma tqarraqx bina. 15/02/2017.

12. Fit-tama nagħrfu li aħna lkoll salvi. 22/02/2017.

13. Ir-Randan hu mixja ta' tama. 01/03/2017.

14. Nifirħu bit-Tama. 15/03/2017.

15. It-Tama msejsa fuq il-Kelma. 22/03/2017.

16. It-Tama kontra kull tama. 29/03/2017.

17. Nagħtu raġuni tat-tama li hemm fina. 05/04/2017.

18. It-tamiet tad-dinja u t-tama tas-Salib. 12/04/2017.

19. Kristu Rxoxt it-tama tagħna. 19/04/21017.

20. Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien. 26/04/2017.

21. Omm it-Tama. 10/05/2017.

22. Marija Maddalena, Appostlu tat-Tama. 17/05/2017.

23. Għemmaws, il-mixja tat-Tama. 24/05/2017.

24. L-Ispirtu s-Santu jkattar fina t-Tama. 31/05/2017.

25. il-Paternità ta' Alla, għajn ta' tama tagħna. 07/06/2017.

26. Ulied maħbuba, ċertezza tat-Tama. 14/06/2017.

27. Il-Qaddisin, xhieda u sieħba tat-Tama. 21/06/2017.

28. It-Tama, qawwa tal-martri. 28/06/2017.

29. Il-Magħmudija: Bieb tat-Tama. 02/08/2017.

30. Il-Maħfra Divina: Mutur ta' Tama. 09/08/2017.

31. Il-ġdid tat-Tama Nisranija. 23/08/2017.

32. Il-Memorja tal-Vokazzjoni ġġedded it-tama. 30/08/2017.

33. Nedukaw għat-Tama. 20/09/2017.

34. L-Għedewwa tat-Tama. 27/09/2017.

35. Missjunarji tat-Tama. 04/10/2017.

36. L-Istennija Attenta. 11/10/2017.

37. Henjin dawk li jmutu fil-Mulej. 18/10/2017.

38. Il-ġenna, destinazzjoni tat-tama tagħna. 25/10/2017.

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2016*

**It-Tama Nisranija – 1. Isaija 40: "Farrġu, farrġu lill-poplu tiegħi…"**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum nibdew serje ġdida ta' katekeżi, fuq it-tema tat-*tama Nisranija*. Hi importanti ħafna, għax it-tama ma tqarraq qatt bina. L-ottimiżmu jqarraq bina, it-tama le! Għandna bżonnha ħafna, f'dawn iż-żminijiet li jidhru mudlama, meta xi drabi nħossuna mitlufin quddiem il-ħażen u l-vjolenza li jdawruna, quddiem it-tbatija ta' tant minn ħutna. Hemm bżonn tat-tama! Inħossuna mitlufa u anki xi ftit qalbna maqtugħa, għax insibuna ma nistgħu nagħmlu xejn u donnu dan id-dlam mhu ħa jispiċċa qatt.

Imma ma rridux inħallu t-tama titlaqna, għax Alla bi mħabbtu jimxi magħna. "Jien nittama, għax Alla jinsab miegħi": dan kollha nistgħu ngħiduh. Kull wieħed u waħda minna jista' jgħid: "Jien nittama, għandi t-tama, għax Alla jimxi miegħi". Jimxi u jaqbadli f'idi. Alla ma jitlaqniex waħidna. Il-Mulej Ġesù għeleb il-ħażen u fetħilna t-triq tal-ħajja.

U għalhekk, b'mod partikulari f'dan iż-żmien tal-Avvent, li hu ż-żmien tal-istennija, li fih nitħejjew biex nilqgħu mill-ġdid il-misteru kollu faraġ tal-Inkarnazzjoni u d-dawl tal-Milied, importanti nirriflettu fuq it-tama. Inħallu lill-Mulej jgħallimna xi jfisser tittama. Mela nisimgħu kliem l-Iskrittura Mqaddsa, u nibdew bil-*Profeta Isaija*, il-profeta kbir tal-Avvent, il-ħabbar kbir tat-tama.

Fit-tieni parti tal-ktieb tiegħu, Isaija jdur fuq il-poplu bi *bxara ta' faraġ*:
"Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi, jgħid Alla tagħkom.
Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha
li ntemm il-jasar tagħha,
tħallset ħżunitha […]".
Leħen jgħajjat:
"Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert,
wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri.
Jintradam kull wied,
u jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet;
kull art imħabbta titwitta,
kull art imħarbta ssir maqgħad.

U tfiġġ il-glorja tal-Mulej,
u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa,
għax fomm il-Mulej tkellem" (40:1-2,3-5).

Alla l-Missier ifarraġ billi jqanqal farraġa, li jitlobhom jagħmlu l-qalb lill-poplu tiegħu, lil uliedu, u jħabbru li ntemm żmien it-tiġrib, spiċċat it-tbatija, u d-dnub ġie maħfur. Dan hu li jfejjaq il-qalb maqsuma u mbeżżgħa. Għalhekk il-profeta jitlobna *nħejju t-triq għall-Mulej*, billi niftħu qalbna għad-doni tiegħu u għas-salvazzjoni tiegħu.

Il-faraġ, għall-poplu, jibda bil-possibbiltà li jimxi fit-triq tal-Mulej, triq ġdida, iddrittata u mwittija, triq imħejjija *fid-deżert*, biex jista' jaqsmu u jerġa' lura f'pajjiżu. Għax il-poplu li lejh idur il-profeta kien għaddej mit-traġedja tal-eżilju fil-Babilonja, imma issa jisma' lil min jgħidlu li jista' jerġa' lura f'artu, permezz ta' triq tajba u wiesgħa, mingħajr widien u muntanji li jagħmlu l-mixja iktar iebsa, triq miftuħa fid-deżert. Li nħejju din it-triq għalhekk ifisser li nħejju *mixja ta' salvazzjoni u ta' ħelsien* minn kull xkiel u diffikultà.

*L-eżilju* kien żmien traġiku fl-istorja ta' Israel, meta l-poplu kien tilef kollox. Il-poplu kien tilef pajjiżu, il-libertà, id-dinjità, u anki l-fiduċja f'Alla. Ħassu abbandunat u bla tama. Min-naħa l-oħra, isimgħuha s-sejħa tal-profeta li jerġa' jiftaħ il-qalb għall-fidi. *Id-deżert* hu post fejn qajla tista' tgħix, imma proprju hemm issa jistgħu jimxu biex *jerġgħu lura mhux biss f'pajjiżhom, imma jerġgħu lura għand Alla, u jerġgħu lura biex jittamaw u jitbissmu*. Meta nkunu fid-dlam, fid-diffikultajiet, ma jiġiniex li nitbissmu, u hi sewwasew it-tama li tgħallimna nitbissmu biex insibu dik it-triq li twassal għand Alla. Waħda mill-ewwel affarijiet li jiġrilhom dawk li jinqatgħu minn Alla hi li huma nies bla tbissima. Forsi kapaċi jidħku daħka kbira, waħda wara l-oħra, battuta, daħka… imma nieqsa t-tbissima! It-tbissima tagħtiha biss it-tama: hi t-tbissima tat-tama li nsibu lil Alla.

Il-ħajja spiss qisha deżert, diffiċli nimxu fil-ħajja, imma jekk nintelqu f'idejn Alla tista' ssir sabiħa u wiesgħa daqs arterja prinċipali. Biżżejjed ma nitilfu qatt it-tama, biżżejjed nibqgħu nemmnu, dejjem, minkejja kollox. Meta aħna nsibu ruħna quddiem tarbija, jaf ikollna ħafna diffikultajiet u problemi, imma minn ġewwa nħossu li għandna nitbissmu, għax insibu ruħna quddiem it-tama: tarbija hi tama! U hekk fil-ħajja għandna nagħrfu naraw il-mixja tat-tama li twassalna biex insibu lil Alla, Alla li sar Tarbija għalina. U dan iġagħalna nitbissmu, jagħtina kollox!

Proprju dawn il-kelmiet ta' Isaija mbagħad jinqeda bihom Ġwanni l-Battista fil-predikazzjoni tiegħu li biha stieden għall-konverżjoni. Qal hekk: "Leħen ta'

wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq għall-Mulej" (Mt 3:3). Hu leħen li jgħajjat fejn donnu ħadd ma jista' jisimgħu – għax min jista' jisimgħu fid-deżert? – li jgħajjat qalb il-konfużjoni minħabba fil-kriżi tal-fidi. Ma nistgħux niċħdu li d-dinja tal-lum tinsab fi kriżi ta' fidi. Jingħad: "Jiena nemmen f'Alla, jien Nisrani" – "Jiena minn dik ir-reliġjon…". Imma ħajtek hi mbiegħda sew minn dik ta' Nisrani; imbiegħda sew minn Alla! Ir-reliġjon, il-fidi spiċċat espressjoni: "Jien nemmen?" – "Iva!". Imma hawn qed nitkellmu fuq li nerġgħu lura lejn Alla, indawru qalbna lura lejn Alla u nibqgħu f'din it-triq biex insibuh. Hu qed jistenniena. Din hi l-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista: nitħejjew. Nitħejjew għal-laqgħa tagħna ma' din it-Tarbija li troddilna lura t-tbissima. Il-Lhud, meta l-Battista jħabbrilhom il-miġja ta' Ġesù, kienu bħallikieku għadhom fl-eżilju, għax kienu taħt il-ħakma Rumana, li kienet tagħmilhom barranin fl-istess pajjiżhom, iggvernati minn ħakkiema setgħana li jiddeċiedu huma għalihom. Imma l-vera storja mhix dik magħmula mis-setgħanin tal-art, imma dik *li jagħmel Alla flimkien maċ-ċkejknin tiegħu*. L-istorja vera – dik li ħa tibqa' għal dejjem – hi dik li jikteb Alla *maċ-ċkejknin tiegħu*: Alla ma' Marija, Alla ma' Ġesù, Alla ma' Ġużeppi, *Alla maċ-ċkejknin*. Dawk iċ-ċkejkna u sempliċi li nsibu madwar Ġesù fit-twelid tiegħu: Żakkarija u Eliżabetta, xwejħa u sterili, Marija, xebba u verġni żagħżugħa mgħarrsa lil Ġużeppi, ir-ragħajja, li kienu mistmerra u ma kienu jiswew xejn. Huma ċ-ċkejknin, li jsiru kbar minħabba fil-fidi tagħhom, *iċ-ċkejknin li jafu jkomplu jittamaw*. U t-tama hi l-virtù taċ-*ċkejknin*. Il-kbar, dawk li jħossuhom sodisfatti, ma jafux x'inhi t-tama; ma jafux x'inhi.

Huma ċ-ċkejknin li ma' Alla, ma' Ġesù jibdlu d-deżert tal-eżilju, tas-solitudni ddisprata, tat-tbatija, fi triq watja li fuqha wieħed jista' jimxi biex imur jiltaqa' mal-glorja tal-Mulej. U niġu għall-punt: ejjew nitgħallmu t-tama. Nistennew kollna fiduċja ż-żjara tal-Mulej, u hu x'inhu d-deżert ta' ħajjitna – kull wieħed u waħda jaf f'liema deżert iħossu miexi – jinbidel fi ġnien kollu ward. It-tama ma tqarraqx bina!

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016*

**It-Tama Nisranija – 2. Isaija 52:**
**"Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min ixandar is-sliem…"**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Qed noqorbu lejn il-Milied, u l-profeta Isaija għal darb'oħra sa jgħinna niftħu qalbna għat-tama billi nilqgħu l-Aħbar it-Tajba tal-miġja tas-salvazzjoni.

Il-kapitlu 52 ta' Isaija jiftaħ bl-istedina lil Ġerusalemm biex tistenbaħ, tfarfar it-trab u l-ktajjen ta' fuqha u xxidd l-isbaħ ilbies, għax il-Mulej ġie biex jeħles il-poplu tiegħu (vv. 1-3). U jżid: "Għalhekk il-poplu tiegħi jagħraf ismi; jagħraf dakinhar li hu jien li kont ngħid: 'Hawn jien!'" (v. 6).

Għal din l-"Hawn jien" li jgħid Alla, li tiġbor fiha r-rieda kollha tiegħu li jifdina u jkun qrib tagħna, iwieġeb l-għana ta' ferħ ta' Ġerusalemm, skont l-istedina tal-profeta. Hu mument storiku importanti ħafna. Hu t-tmiem tal-eżilju fil-Babilonja, hi l-possibbiltà għal Israel li jsib mill-ġdid lil Alla u, fil-fidi, jerġa' jsib lilu nnifsu. Il-Mulej jersaq qrib, u l-"fdal ċkejken", jiġifieri l-poplu ċkejken li baqa' wara l-eżilju u li fl-eżilju baqa' sħiħ fil-fidi, li għadda mill-kriżi u baqa' jemmen u jittama anki qalb id-dlam, dak il-"fdal ċkejken" issa jista' jara l-għeġubijiet ta' Alla.

Hawn il-profeta jdaħħal għanja ta' ferħ:

"Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji
r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara,
ta' min ixandar is-sliem,
ta' min iħabbar ir-risq,
ta' min ixandar is-salvazzjoni,
u jgħid lil Sijon: 'Alla tiegħek isaltan!'.
[…]
Intom, ħerbiet ta' Ġerusalemm,
għajtu lkoll bil-ferħ,
għax farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu,
feda lil Ġerusalemm.
Kixef il-Mulej id-driegħ tiegħu qaddis,

quddiem il-ġnus kollha,
u raw it-truf kollha tal-art
is-salvazzjoni ta' Alla tagħna" (Is 52:7,9-10).

Dan il-kliem ta' Isaija, li fuqu nixtieqù nieqfu għal ftit, jirriferi għall-miraklu tal-paċi, u dan jagħmlu b'mod partikulari ħafna, billi jixħet ħarstu mhux fuq il-ħabbar imma fuq riġlejh li jiġru ħfief: "Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara…".

Donnu l-għarus tal-Għanja tal-Għanjiet li jiġri lejn il-maħbuba tiegħu: "Arah, hu ġej, jaqbeż fuq il-muntanji, jitqabeż fuq l-għoljiet" (Għanja 2:8). Hekk ukoll jiġri l-ħabbar tas-sliem, iwassal il-bxara hienja tal-ħelsien, tas-salvazzjoni, u jxandar li Alla jsaltan.

Alla ma telaqx lill-poplu tiegħu u ma ħalliex il-ħażen jirbħu, għax hu fidil, u l-grazzja tiegħu aqwa mid-dnub. Dan hemm bżonn nitgħallmuh, għax aħna rasna iebsa u ma nitgħallmu qatt. Imma jien nistaqsi: Min hu l-akbar, Alla jew id-dnub? Alla! U min se jirbaħ fl-aħħar? Alla jew id-dnub? Alla. Hu kapaċi jegħleb l-ikbar dnub, l-iżjed wieħed tal-mistħija, l-iktar terribbli, l-agħar mid-dnubiet kollha? B'liema arma Alla jirbaħ lid-dnub? Bl-imħabba! Dan ifisser li "Alla jsaltan"; dawn huma l-kelmiet tal-fidi fil-Mulej li l-qawwa tiegħu tmil lejn il-bniedem, titbaxxa, biex toffri ħniena u teħles lill-bniedem minn dak li jgħawweġ fih ix-xbieha sabiħa ta' Alla, għax meta nkunu fid-dnub ix-xbieha ta' Alla tiġi mgħawġa. U t-twettiq ta' tant imħabba sa tkun proprju s-Saltna ta' Alla mwaqqfa minn Ġesù, dik is-Saltna ta' maħfra u ta' paċi li aħna niċċelebraw bil-Milied u li titwettaq għalkollox fl-Għid. U l-isbaħ ferħ tal-Milied hu dan il-ferħ ġewwieni ta' sliem: il-Mulej ħassar ħtijieti, il-Mulej ħafirli, il-Mulej ġietu ħniena minni, ġie biex isalvani. Dan hu l-ferħ tal-Milied!

Dawn huma, ħuti, ir-raġunijiet tat-tama tagħna. Meta kollox ikun donnu spiċċa, meta, quddiem tant realtajiet negattivi, il-fidi ssir tqila u tiġina t-tentazzjoni li ngħidu li xejn iżjed ma fadallu sens, araw kif taslilna l-bxara sabiħa mwassla minn dawn ir-riġlejn ħfief: Alla ġej biex iwettaq xi ħaġa ġdida, biex iwaqqaf saltna ta' sliem; Alla "kixef driegħu" u ġabilna l-ħelsien u l-faraġ. Il-ħażen mhux sa jittrijonfa għal dejjem, hemm tmiem għall-uġigħ u t-tbatija. Il-qtigħ il-qalb ġie mirbuħ għax Alla jinsab fostna.

U anki aħna mħeġġin nistenbħu xi ftit, bħal Ġerusalemm, skont l-istedina li jagħmlilha l-profeta; aħna msejħin insiru bnedmin ta' tama, nikkollaboraw mal-miġja ta' din is-Saltna mlibbsa bid-dawl u miftuħa għal kulħadd, bnedmin ta' tama. Kemm hi ħaġa kerha meta tara Nisrani li tilef it-tama! "Imma jien m'għadx għandi tama, kollox spiċċa għalija": hekk jgħid Nisrani li mhux kapaċi

jħares lejn ixfqa ta' tama u quddiem qalbu jara biss ħajt. Imma Alla jeqred dawn il-ħitan bil-maħfra tiegħu! U għalhekk jeħtieġ nitolbu, biex Alla jagħtina ta' kuljum it-tama u jagħtiha lil kulħadd, dik it-tama li titnissel meta naraw lil Alla fil-maxtura ta' Betlehem. Il-messaġġ tal-Aħbar it-Tajba li hi fdata lilna hu urġenti, jeħtieġ aħna wkoll niġru bħall-ħabbar fuq il-muntanji, għax id-dinja ma tistax tistenna, il-bnedmin huma bil-ġuħ u bil-għatx għall-ġustizzja, għall-verità, għall-paċi.

U meta jaraw lit-Tarbija ċkejkna ta' Betlehem, iċ-ċkejknin ta' din l-art jagħrfu li l-wegħda twettqet, il-messaġġ seħħ. F'tarbija li għadha kemm twieldet, bżonn ta' kollox, imfisqija fil-ħrieqi u mqiegħda f'maxtura, hemm miġbura l-qawwa kollha ta' Alla li jsalva. Il-Milied hu jum biex niftħu qlubna: jeħtieġ niftħu qlubna għal tant ċokon, li jinsab hemm f'dik it-Tarbija, u għal tant għaġeb. Hu l-għaġeb tal-Milied, li għalih qed nitħejjew, bit-tama, f'dan iż-żmien tal-Avvent. Hi s-sorpriża ta' Alla tarbija, ta' Alla fqajjar, ta' Alla dgħajjef, ta' Alla li jħalli l-kobor tiegħu biex jiġi qrib ta' kull wieħed u waħda minna.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Awla Pawlu VI*

*L-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2016*

## It-Tama Nisranija – 3. It-twelid ta' Ġesù, għajn ta' tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Xi żmien ilu bdejna l-mixja ta' katekeżi fuq it-tema tat-tama, hekk adatta għal żmien l-Avvent. Sa issa mexxiena l-Profeta Isaija. Illum, ftit jiem qabel il-Milied, nixtieq nirrifletti b'mod iżjed speċifiku fuq il-mument li fih, biex ngħidu hekk, *it-tama daħlet fid-dinja*, bl-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla. L-istess Isaija kien ħabbar sa minn qabel it-twelid tal-Messija f'xi siltiet: "Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el" (7:14); u anki: "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu" (11:1). Minn dawn is-siltiet toħroġ it-tifsira tal-Milied: Alla jwettaq il-wegħda billi sar bniedem; ma jitlaqx lill-poplu tiegħu, jersaq qrib tagħna billi anki jitneżża' mid-divinità tiegħu. Hekk Alla juri l-fedeltà tiegħu u jniedi Saltna ġdida, li tagħti *tama ġdida lill-bnedmin*. U liema hi din it-tama? Il-ħajja ta' dejjem.

Meta nitkellmu fuq tama, spiss inkunu nirriferu għal dak li mhux taħt is-setgħa tal-bniedem u li ma jidhirx. Fil-fatt, dak li nittamaw fih imur lil hemm mis-saħħa tagħna u minn dak li għandna l-ħila naraw. Imma t-Twelid ta' Kristu, bl-inawgurazzjoni tal-fidwa, ikellimna fuq tama differenti, tama li tista' torbot fuqha, li tidher u tinftiehem, għax hi mwaqqfa f'Alla. Hu jidħol fid-dinja u jagħtina l-qawwa li nimxu miegħu: Alla jimxi magħna f'Ġesù u jekk nimxu miegħu lejn il-milja tal-ħajja dan jagħtina l-qawwa li ngħixu b'mod differenti l-preżent, anki jekk mhux nieqes mit-taħbit. Għalhekk, għan-Nisrani, li jittama jfisser iċ-ċertezza li nimxu ma' Kristu lejn il-Missier li qed jistenniena. It-tama qatt mhi wieqfa, it-tama dejjem miexja u tridna nimxu. Din it-tama, li tagħtina t-Tarbija ta' Betlehem, toffri destinazzjoni, destin tajjeb għall-preżent, is-salvazzjoni lill-bnedmin, l-hena lil min jintelaq f'idejn Alla ħanin. San Pawl jiġbor dan kollu fl-espressjoni: "Aħna salvi bit-tama" (Rum 8:24). Jiġifieri, mixjin f'din id-dinja, bit-tama, aħna salvi. U hawn kull wieħed u waħda minna jista' jistaqsi lilu nnifsu: Jien miexi bit-tama, jew il-ħajja interjuri tiegħi hi wieqfa, magħluqa? Qalbi hi kexxun magħluq jew kexxun miftuħ għat-tama li tmexxini mhux waħdi, imma ma' Ġesù?

Fid-djar tal-Insara, matul iż-żmien tal-Avvent, jitħejja *l-presepju*, skont it-tradizzjoni li tmur lura sa San Franġisk ta' Assisi. Fis-sempliċità tiegħu, il-

presepju jittrasmetti t-tama; kull wieħed mill-persunaġġi hu mgħaddas f'din l-atmosfera ta' tama.

Qabel xejn ninnutaw il-post li fih jitwieled Ġesù: *Betlehem*. Belt ċkejkna tal-Lhudija fejn elf sena qabel kien twieled David, ir-ragħaj żagħżugħ maħtur minn Alla bħala sultan ta' Israel. Betlehem mhix kapitali, u għalhekk hi ppreferuta mill-Providenza divina, li tħobb taħdem permezz taċ-ċkejkna u l-umli. F'dak il-post jitwieled "bin David" l-hekk mistenni, Ġesù, li fih jiltaqgħu t-tama ta' Alla u t-tama tal-bniedem.

Imbagħad inħarsu lejn *Marija*, Omm it-tama. Bl-"iva" tagħha hi fetħet lil Alla l-bieb tad-dinja tagħna: il-qalb żagħżugħa tagħha kienet mimlija bit-tama, imqanqla kollha kemm hi mill-fidi; u hekk, Alla għażilha sa minn qabel u hi emmnet il-kelma tiegħu. Dik li għal disa' xhur kienet l-arka tal-Patt il-ġdid u li jibqa' għal dejjem, fl-għar tikkontempla t-Tarbija u tilmaħ fiha l-imħabba ta' Alla, li jiġi biex jifdi lill-poplu tiegħu u lill-bnedmin kollha. Biswit Marija hemm *Ġużeppi*, li ġej min-nisel ta' Ġesse u ta' David; anki hu emmen kliem l-anġlu, u meta jħares lejn Ġesù fil-maxtura, jimmedita kif dik it-Tarbija ġejja mill-Ispirtu s-Santu, u kif Alla nnifsu amarlu jsejjaħlu hekk, "Ġesù". F'dak l-isem hemm it-tama għal kull bniedem, għax permezz ta' dak l-iben ta' mara, Alla sa jifdi lill-bnedmin kollha mill-mewt u mid-dnub. Għalhekk importanti nħarsu lejn il-presepju!

U fil-presepju hemm ukoll ir-*ragħajja*, li jirrappreżentaw lill-umli u l-foqra li kienu jistennew il-Messija, il-"faraġ ta' Israel" (Lq 2:25) u l-"fidwa ta' Ġerusalemm" (Lq 2:38). F'dik it-Tarbija jaraw it-twettiq tal-wegħdiet u jittamaw li s-salvazzjoni ta' Alla sa fl-aħħar tilħaq lil kull wieħed minnhom. Min jorbot fuq is-sigurtajiet tiegħu nnifsu, fuq kollox dawk materjali, ma jistenniex is-salvazzjoni ta' Alla. Ħa ndaħħluha f'rasna: is-sigurtajiet tagħna mhux sa jsalvawna; l-unika ċertezza li tista' ssalvana hi dik tat-tama f'Alla. Issalvana għax hi qawwija u tmexxina bil-ferħ fil-ħajja, bir-rieda li nagħmlu l-ġid, bir-rieda li nkunu hienja għal dejjem. Imma ċ-ċkejknin, ir-ragħajja, jafdaw f'Alla, jittamaw fih u jifirħu meta jagħrfu f'dik it-Tarbija s-sinjal muri lilhom mill-anġli (ara Lq 2:12).

U sewwa sew *il-kor tal-anġli* jħabbar mill-għoli l-pjan kbir li jitwettaq f'dik it-Tarbija: "Glorja lil Alla fl-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin, li huwa jħobb" (Lq 2:14). It-tama Nisranija tesprimi ruħha fit-tifħir u r-radd il-ħajr lil Alla, li ġabilna s-Saltna tiegħu ta' mħabba, ta' ġustizzja u ta' paċi.

Għeżież ħuti, f'dawn il-jiem, aħna u nikkontemplaw il-presepju, ejjew nitħejjew għall-Milied tal-Mulej. Tkun tabilħaqq festa jekk nilqgħu lil Ġesù, żerriegħa ta'

tama li Alla jixħet fix-xquq tal-istorja personali u komunitarja tagħna. Kull "iva" lil Ġesù li ġej hi żerriegħa ta' tama. Ħa jkollna fiduċja f'din it-tama li għad twarrad, f'din l-iva: "Iva, Ġesù, int tista' ssalvani, int tista' ssalvani". Il-Milied it-tajjeb ta' tama lil kulħadd!

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016*

## It-Tama Nisranija – 4. Abraham, missier fil-fidi u fit-tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

San Pawl, fl-Ittra lir-Rumani, ifakkarna fil-figura kbira ta' Abraham, biex jurina t-triq tal-fidi u tat-tama. Dwar l-Appostlu jikteb: "Meta ma kellu ebda tama, ittama u emmen; u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus" (Rum 4:18); "meta ma kellu ebda tama, ittama". Dan il-kunċett hu qawwi: imqar meta ma hemmx tama, jien nittama. Dan hu missierna Abraham. San Pawl qed jirriferi għall-fidi li biha Abraham emmen kliem Alla li wegħdu li sa jkollu iben. Imma veru ried jafda u jittama "kontra kull tama", tant kemm ma kienx probabbli dak li l-Mulej kien qed iħabbarlu, għax hu kien xiħ – kellu kważi mitt sena – u martu ma setax ikollha tfal. Ma rnexxilhiex ikollha! Imma dan qalu Alla, u hu emmen. Ma kienx hemm tama umana għax hu kien xiħ u martu ma setax ikollha tfal: u hu emmen.

Fiduċjuż f'din il-wegħda, Abraham jibda miexi, jaċċetta li jħalli artu u jsir barrani, jittama f'dan l-iben "impossibbli" li Alla kellu jagħtih minkejja li l-ġuf ta' Sara issa kien mejjet. Abraham jemmen, il-fidi tiegħu tinfetaħ għal tama li minn barra tidher għalkollox bla raġuni; din hi l-ħila li wieħed imur lil hemm mir-raġunamenti umani, mill-għerf u mill-prudenza tad-dinja, lil hemm minn dak li normalment jinżamm bħala sens komun, biex jemmen f'dak li ma jistax ikun. It-tama tiftaħ ixfqa ġodda, tagħmilna kapaċi noħolmu dak li mank nifilħu nistħajlu. It-tama ddaħħalna fid-dalma ta' futur inċert biex nimxu fid-dawl. Kemm hi sabiħa l-virtù tat-tama; timliena b'tant qawwa biex nimxu fil-ħajja!

Imma din hi mixja iebsa. U jiġi l-waqt, anki għal Abraham, li jaqa' fil-kriżi tal-qtigħ il-qalb. Hu fada, telaq daru, artu, ħbiebu… Kollox. Telaq, wasal fil-pajjiż li Alla kien urieh, għadda ż-żmien. F'dak iż-żmien, li tagħmel vjaġġ bħal dan ma kienx bħal-lum, bl-ajruplani – fi ftit sigħat tasal –; ridt ix-xhur, is-snin! Għadda ż-żmien, imma l-iben baqa' ma wasalx, il-ġuf ta' Sara baqa' magħluq fl-isterilità tiegħu.

U Abraham, ma ngħidx li tilef sabru, imma mar igerger mal-Mulej. Dan ukoll nitgħallmu minn missierna Abraham: li ngergru mal-Mulej hu mod kif nitolbu. Xi drabi jien u nqarar nisma' min jgħidli: "Ħadtha mal-Mulej…", u [jien

inwieġbu]: "Tinkwetax! Gergirlu, għax hu missierek!". U dan hu mod kif titlob: teħodha mal-Mulej, tagħmel sew. Abraham gerger mal-Mulej u qallu: "'Sidi Mulej, […] se nibqa' bla tfal, u l-werriet ta' dari se jkun Eligħeżer ta' Damasku' [Eligħeżer kien dak li jeħodlu ħsieb kollox]. U Abram żied jgħid: 'Ara, int lili ma tajtnix nisel, u qaddej dari se jiritni'. U ara, waslitlu l-kelma tal-Mulej u qallu: 'Ma jirtekx dan, imma wieħed ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, hu għad jirtek". U ħarġu barra u qallu: 'Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom'. U żied jgħidlu: 'Hekk għad ikun nislek'. U hu emmen fil-Mulej, u dan għaddhulu b'ġustizzja" (Ġen 15:2-6).

Din ix-xena sseħħ billejl, barra fid-dlam, imma anki fil-qalb ta' Abraham hemm id-dlam tad-delużjoni, tal-qtigħ il-qalb, tad-diffikultà li jibqa' jittama f'ħaġa impossibbli. Issa l-patrijarka hu mdaħħal wisq fiż-żmien, donnu m'għadx fadal iżjed żmien għal iben, u sa jkun qaddej li jidħol jiret kollox warajh.

Abraham idur fuq il-Mulej, imma Alla, anki jekk jinsab hemm preżenti u qed jitkellem miegħu, issa donnu bħal tbiegħed, bħallikieku ma żammx kelmtu. Abraham iħossu waħdu, hu xwejjaħ u għajjien, il-mewt iħossha tagħfas fuqu. Kif jista' jibqa' jafda?

U madankollu, diġà dan it-tgergir tiegħu hu għamla ta' fidi, hu talba. Minkejja kollox, Abraham jibqa' jemmen f'Alla u jittama li għad tista' sseħħ xi ħaġa. Jekk mhux hekk, għaliex joqgħod iħabbat lill-Mulej, jeħodha miegħu, ifakkru fil-wegħdiet tiegħu? Il-fidi mhix biss is-silenzju li jaċċetta kollox bla ma jiftaħ ħalqu, it-tama mhix ċertezza li tneħħilek kull dubju u taħbil il-moħħ. Imma ħafna drabi, it-tama hi dalma; imma hemm tkun it-tama… qiegħda tmexxik 'il quddiem. Il-fidi tfisser ukoll li nissaraw ma' Alla, nuruh bid-dwejjaq tagħna, mingħajr ma noqogħdu ninħbew wara ħafna "tjieba" żejda. "Irrabjajt ma' Alla u għidtlu hekk, hekk u hekk…". Imma hu missier, hu fehmek: mur fis-sliem! Irid ikollna l-kuraġġ! U din hi t-tama. U t-tama hi wkoll li ma nibżgħux naraw ir-realtà kif inhi u naċċettaw il-kuntrarju fil-ħajja.

Għalhekk Abraham, bil-fidi, idur fuq Alla biex dan jgħinu jibqa' jittama. Kurjuża, ma jitolbux iben. Jitolbu: "Għinni nibqa' nittama", it-talba li jibqa' jittama. U l-Mulej iwieġeb billi jkompli jinsisti bil-wegħda impossibbli tiegħu: mhux il-qaddej sa jkun li jirtu, imma sewwa sew iben, li jitwieled lil Abraham, nislu. Xejn ma nbidel min-naħa ta' Alla. Hu jibqa' jtenni dak li diġà kien qal qabel, u ma jġibx skużi lil Abraham, biex dan iħossu fiż-żgur. L-unika ċertezza hi li jafda fil-kelma tal-Mulej u jibqa' jittama.

U dak is-sinjal li Alla jagħti lil Abraham hu sejħa biex jibqa' jemmen u jittama: "Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb […] Hekk għad ikun

nislek" (Ġen 15:5). Wegħda għadha, għadha xi ħaġa li tistenniha sseħħ fil-futur. Alla joħroġ lil Abraham barra mit-tinda, fir-realtà mill-viżjoni limitata tiegħu, u jurih il-kwiekeb. Biex temmen, hemm bżonn tagħraf tħares bl-għajnejn tal-fidi; huma sempliċi kwiekeb, li kulħadd jista' jarahom, imma għal Abraham iridu jsiru s-sinjal tal-fedeltà ta' Alla.

Din hija l-fidi, din il-mixja tat-tama li kull wieħed u waħda minna jrid iterraq. Jekk anki għalina tibqa' bħala l-unika possibbiltà dik li nħarsu lejn il-kwiekeb, allura wasal iż-żmien li nafdaw f'Alla. M'hemmx ħaġa isbaħ. It-tama ma tqarraqx bina. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 4 ta' Jannar 2017*

## It-Tama Nisranija –
## 5. Rakel "tibki lil uliedha", imma… "hemm tama għall-ġejjieni" (Ġer 31)

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Fil-katekeżi tal-lum nixtieq nikkontempla magħkom figura ta' mara li tkellimna dwar it-tama li hi għexet fid-dmugħ. It-tama li hi għexet fil-biki. Qed nitkellem dwar Rakel, mart Ġakobb u omm Ġużeppi u Benjamin, dik li, kif jirrakkontalna l-Ktieb tal-Ġenesi, tmut hi biex tagħti d-dawl lit-tieni iben tagħha, Benjamin.

Il-profeta Ġeremija jirriferi għal Rakel meta jdur fuq l-Israeliti eżiljati biex ifarraġhom, bi kliem mimli emozzjoni u poeżija; jiġifieri jaqbad id-dmugħ ta' Rakel, imma biex jagħti t-tama:

Hekk jgħid il-Mulej:
"Instama' leħen f'Rama,
ilfiq u biki kollu mrar,
Rakel titbekka għal uliedha,
ma tridx taf b'sabar,
għax iżjed mhumiex" (Ġer 31:15).

F'dawn il-ftit versi, Ġeremija jippreżentalna lil din il-mara mill-poplu tiegħu, il-matrijarka kbira tat-tribù tagħha, f'realtà ta' qsim il-qalb u biki, imma flimkien ma' perspettiva ta' ħajja li wieħed ma kienx jistħajjel. Rakel, li fir-rakkont tal-Ġenesi kienet mietet hi u teħles, u kienet ħadet din il-mewt biex seta' jgħix binha, issa l-profeta jirrappreżentaha bħala ħajja f'Rama, hemm fejn kienu jinġemgħu l-imkaxkra fl-eżilju, qed tibki lil uliedha li f'ċertu sens huma mejta għax qed jinġarru lejn l-eżilju; ulied li, kif tgħid hi stess, "m'għadhomx iżjed", għebu għal dejjem.

U għalhekk Rakel ma tridx min ifarraġha. Dan ir-rifjut jesprimi kemm hu qawwi l-uġigħ tagħha u l-imrar ta' dmugħha. Quddiem it-traġedja ta' wliedha mitlufa, omm ma tistax taċċetta kliem jew ġesti ta' faraġ, li qatt mhuma f'posthom, qatt ma jistgħu jtaffu t-tbatija ta' ġerħa li ma tistax u ma tridx tfiq. Tbatija ta' weġgħa li hi kbira daqs l-imħabba.

Kull omm tafu dan kollu; u huma ħafna, anki llum, l-ommijiet li jibku, li ma jirrassenjawx ruħhom għat-telfa ta' binhom, ma jistgħux jitfarrġu quddiem mewt li impossibbli jaċċettaw. Rakel tiġbor fiha l-uġigħ tal-qalb tal-ommijiet kollha tad-dinja, ta' kull żmien, u d-dmugħ ta' kull bniedem li jibki telfiet irreparabbli.

Dan ir-rifjut ta' Rakel li ma tridx min ifarragħha jgħallimna wkoll x'delikatezza għandu jkollna quddiem l-uġigħ ta' ħaddieħor. Biex lil min hu qalbu maqtugħa nkellmuh fuq tama, hemm bżonn naqsmu fil-qtigħ il-qalb tiegħu; biex nixxuttaw demgħa minn fuq wiċċ min qed ibati, jeħtieġ ngħaqqdu l-biki tagħna ma' tiegħu. Hekk biss kliemna jista' jkun tassew kapaċi jnissel xi ftit tat-tama. U jekk ma nafx illissen kliem hekk, bil-biki, bl-uġigħ, aħjar inżomm sieket; iż-żegħila, il-ġest u kliem xejn.

U Alla, bil-ħlewwa u l-imħabba tiegħu, iwieġeb għall-biki ta' Rakel bi kliem veru, mhux ta' biċ-ċajt; fil-fatt hekk ikompli jikteb Ġeremija:

Jgħid il-Mulej – iwieġeb għal dak il-biki:
"Żomm leħnek 'il bogħod mill-biki,
għajnejk 'il bogħod mid-dmugħ,
għax hemm ħlas għal taħbitek,
oraklu tal-Mulej,
għax huma għad jerġgħu lura minn pajjiż l-għadu.
Hemm tama għall-ġejjieni,
oraklu tal-Mulej,
uliedek għad jerġgħu lejn arthom" (Ġer 31:16-17).

Propju minħabba f'dak il-biki tal-omm, għad hemm tama għall-ulied, li għad jerġgħu lura għall-ħajja. Din il-mara, li kienet aċċettat li tmut, fil-ħin tal-ħlas, biex binha seta' jgħix, bil-biki tagħha issa ssir il-bidu ta' ħajja ġdida għal uliedha eżiljati, imjassra, imbiegħda minn arthom. Għall-uġigħ u għall-biki kollu mrar ta' Rakel, il-Mulej iwieġeb b'wegħda li issa tista' ssir għaliha raġuni ta' faraġ veru: il-poplu jista' jerġa' lura mill-eżilju u fil-fidi, ħieles, jgħix ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Id-dmugħ nissel it-tama. U din mhix ħaġa ħafifa biex nifhmuha, imma hi minnha. Ħafna drabi, fil-ħajja tagħna, id-dmugħ jiżra' t-tama, hu żerriegħa ta' tama.

Kif nafu, dan it-test ta' Ġeremija mbagħad jerġa' jaqbad fuqu Mattew li japplikah għall-ħerba tal-innoċenti (ara 2:16-18). Test li jqegħidna quddiem it-traġedja tal-qtil ta' bnedmin li m'għandhomx min jiddefendihom, quddiem il-kruha tal-poter li jżeblaħ u jxejjen il-ħajja. It-trabi ta' Betlehem mietu minħabba f'Ġesù. U Hu, il-Ħaruf innoċenti, imbagħad min-naħa tiegħu kellu jmut għalina

lkoll. L-Iben ta’ Alla daħal fl-uġigħ tat-tbatija tal-bnedmin. Dan ma rridux ninsewh. Meta xi ħadd idur fuqi u jagħmilli mistoqsijiet diffiċli, ngħidu aħna: “Għidli, Dun, għaliex għandhom ibatu t-tfal?”, tassew, jien ma nkunx naf x’naqbad inwieġbu. Ngħidlu biss: “Ħares lejn il-Kurċifiss: Alla tana lil Ibnu, hu bata, u forsi hemm issib tweġiba”. Imma tweġibiet minn hawn [juri moħħu] mhux sa ssib. Huwa biss jekk inħarsu lejn l-imħabba ta’ Alla li jagħti lil Ibnu li joffri ħajtu għalina, li nistgħu nsibu xi triq ta’ faraġ. U għalhekk ngħidu li l-Iben ta’ Alla daħal fl-uġigħ u t-tbatija tal-bnedmin; qasam fil-mewt u ħadha fuqu; Kelmtu hi bla dubju ta’ xejn kelma ta’ faraġ, għax ħierġa mid-dmugħ.

U fuq is-salib huwa hu, l-Iben li qed imut, li jagħmel lil ommu mill-ġdid għammiela, meta jafdalha lid-dixxiplu Ġwanni u jagħmilha omm tal-poplu ta’ dawk li jemmnu. Il-mewt hi mirbuħa, u hekk titwettaq il-profezija ta’ Ġeremija. Anki d-dmugħ ta’ Marija, bħal dak ta’ Rakel, nissel tama u ħajja ġdida. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 11 ta' Jannar 2017*

## It-Tama Nisranija – 6. Is-Salm 115. It-tamiet fiergħa fl-idoli

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Fix-xahar l-ieħor ta' Diċembru u fl-ewwel parti ta' Jannar iċċelebrajna ż-żmien tal-Avvent u mbagħad dak tal-Milied: żmien tas-sena liturġika li fil-poplu ta' Alla jerġa' jqanqal it-tama. Li l-bniedem jittama hu bżonn primarju: jittama fil-futur, jemmen fil-ħajja, dak li aħna ngħidu "taħseb pożittivament".

Imma importanti li din it-tama nqegħduha f'dak li tassew jista' jgħinna ngħixu u nagħtu sens lill-ħajja tagħna. Għalhekk l-Iskrittura twissina kontra *t-tamiet fiergħa* li tagħtina d-dinja, u tikxef kemm dawn ma jiswew għal xejn u turina kemm huma bla sens. U dan tagħmlu b'diversi modi, imma fuq kollox billi tikkundanna l-frugħa tal-*idoli* li fihom il-bniedem il-ħin kollu hu ttentat iqiegħed il-fiduċja tiegħu u jagħmilhom l-oġġett tat-tama tiegħu.

B'mod partikulari l-profeti u l-għorrief jisħqu fuq dan, u jmissu punt kruċjali tal-mixja tal-fidi ta' min jemmen. Għax il-fidi tfisser li tafda f'Alla – min għandu l-fidi, jafda f'Alla –, imma jiġi l-mument li fih, meta jsib ruħu wiċċ ma' wiċċ mad-diffikultajiet fil-ħajja, il-bniedem iduq id-dgħufija ta' dik il-fiduċja u jħoss il-bżonn ta' diversi ċertezzi, ta' sigurtajiet tanġibbli, konkreti. Jien nafda f'Alla, imma s-sitwazzjoni bħalissa hi naqra kerha u jien għandi bżonn ta' ċertezza xi ftit iżjed konkreta. U hemm hu l-periklu! U allura nħossuna ttentati nfittxu xi jfarraġna anki fi ħwejjeġ li jgħaddu, li donnhom jidhru qed jimlew il-vojt tas-solitudni u jtaffu mit-taħbit biex wieħed jemmen. U dawn naħsbu li nistgħu nsibuhom fiċ-ċertezza li jistgħu jagħtu l-flus, fil-pattijiet mas-setgħana, fil-mondanità, fl-ideoloġiji foloz. Xi drabi nfittxuhom f'alla li joqgħod għal dak li nitolbuh aħna u b'mod maġiku jintervieni biex jibdel ir-realtà u jagħmilha kif irriduha aħna; mela, idolu li bħala tali ma jista' jagħmel xejn, bla saħħa u giddieb. Imma lilna jogħġbuna l-idoli, jogħġbuna wisq! Darba, fi Buenos Aires, ridt naqsam minn knisja għal oħra, xi elf metru, u fil-ġnien kien hemm imwejjed żgħar, imma ħafna, ħafna, fejn kienu bilqiegħda s-sħaħar. Kien mimli nies, li kienu wkoll f'filliera jistennew. Int tagħtih idek u hu jibda, imma d-diskors dejjem l-istess: Hemm mara f'ħajtek, qed nara dell, imma kollox sa jmur tajjeb… U mbagħad, tħallas. U dan jagħtik ċertezza? Hi ċ-ċertezza – ippermettuli l-kelma – fi stupidaġni! Tmur għand saħħar jew saħħara li jaqraw

il-karti: dan hu idolu! Dan hu l-idolu, u meta aħna nintrabtu tant miegħu: inkunu nixtru tamiet foloz. Waqt li f'dik li it-tama li tingħatalna b'xejn, li wasslitna għand Ġesù Kristu, li ta ħajtu għalina b'xejn, f'dik xi drabi ma tantx nafdaw.

Salm mimli tama jpinġilna b'mod suġġestiv ħafna l-falzità ta' dawn l-idoli li toffri d-dinja lit-tama tagħna u li l-bnedmin ta' kull żmien ġew ittentati jafdaw fiha. Hu s-Salm 115, li jgħid hekk:
"Fidda u deheb huma l-allat tagħhom,
xogħol ta' jdejn il-bniedem.
Għandhom il-fomm, u ma jitkellmux;
għandhom l-għajnejn, u ma jarawx;
għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux;
għandhom l-imnieħer, u ma jxommux;
għandhom l-idejn, u ma jmissux;
għandhom ir-riġlejn, u ma jimxux;
ebda leħen ma joħroġ minn fommhom.
Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom,
u dawk kollha li jittamaw fihom" (vv. 4-8).

Is-salmista jippreżentalna, b'mod anki xi ftit ironiku, ir-realtà ta' dawn l-idoli li ttir għalkollox mar-riħ. U rridu nifhmu li hawn mhux jitkellem biss fuq raffigurazzjonijiet tal-metall jew ta' xi materjal ieħor, imma anki fuq dawk mibnija bil-moħħ tagħna, meta nafdaw f'realtajiet limitati li nibdluhom f'assoluti, jew meta nirriduċu lil Alla għall-iskemi tagħna u għall-ideat tagħna ta' divinità; alla li jixbahna, ċar, prevedibbli, sewwasew bħall-idoli li dwarhom jitkellem is-Salm. Il-bniedem, xbieha ta' Alla, joħloq alla fuq ix-xbieha tiegħu, u biex tagħqad hi wkoll xbieha li ħarġitlu ħażin: ma tismax, ma tiħux azzjoni, u fuq kollox ma tistax titkellem. Imma aħna kuntenti iżjed li mmorru għand l-idoli milli li mmorru għand il-Mulej. Iżjed kuntenti bit-tama li ttir mar-riħ li jagħtina dan l-idolu falz, milli bit-tama kbira u żgura li jagħtina l-Mulej.

Kontra t-tama f'Sid il-ħajja li bil-Kelma tiegħu ħalaq id-dinja u jmexxi l-eżistenza tagħna, hemm il-fiduċja fi xbihat muti. L-ideoloġiji li jippretendu li huma assoluti, l-għana – u dan hu idolu kbir –, il-poter u s-suċċess, il-vanità, bl-illużjoni tagħhom ta' eternità u ta' omnipotenza. Valuri bħall-ġmiel fiżiku u s-saħħa, meta jsiru idoli li mħabba fihom nissagrifikaw kollox, huma kollha realtajiet li jħawdu l-moħħ u l-qalb, u flok iġibu l-ħajja, iwasslu għall-mewt. Kemm hu ikrah u ta' wġigħ il-qalb tara dak li darba, snin ilu, rajt iseħħ fid-Djoċesi ta' Buenos Aires: mara brava, il-ġmiel tagħha, kienet qed tiftaħar bi ġmielha, u tikkummenta, bħallikieku din kienet xi ħaġa naturali: "Eħ, iva, kelli nagħmel abort għax il-figura tiegħi importanti wisq". Dawn huma l-idoli, u jitfgħuk fit-triq il-ħażina u ma jimlewkx bil-ferħ.

Il-messaġġ tas-Salm hu ċar biżżejjed: jekk inqiegħdu t-tama tagħna fl-idoli, insiru bħalhom: xbihat battala b'idejn li ma jmissux, riġlejn li ma jimxux, fommijiet li ma jistgħux jitkellmu. Ma jibqgħalniex iżjed x'ngħidu, ma nibqgħux kapaċi ngħinu, nibdlu l-affarijiet, ma nibqgħux kapaċi nitbissmu, ningħataw, inħobbu. U anki aħna, nies tal-Knisja, nistgħu nirriskjaw dan meta naqgħu għall-"mondanità". Jeħtieġ nibqgħu fid-dinja imma nħarsu ruħna mill-illużjonijiet tad-dinja, li huma dawn l-idoli li semmejt.

Kif ikompli jgħid is-Salm, irridu nafdaw u nittamaw f'Alla, u Alla jagħtina l-barka. Hekk jgħid is-Salm:
"Iżrael ittama fil-Mulej […]
Dar Aron ittamaw fil-Mulej […]
Dawk li jibżgħu mill-Mulej ittamaw fil-Mulej […]
Il-Mulej jiftakar fina u jberikna" (vv. 9,10,11,12).

Il-Mulej dejjem jiftakar fina. Anki fil-mumenti koroh hu jiftakar fina. U din hi t-tama tagħna. U t-tama ma tqarraqx bina. Qatt. Qatt. L-idoli dejjem iqarrqu bina: huma fantasiji, mhumiex realtà.

Din hi r-realtà mill-isbaħ tat-tama: jekk nittamaw fil-Mulej insiru bħalu, il-barka tiegħu tibdilna f'uliedu, li għandhom sehem fil-ħajja tiegħu. It-tama f'Alla ddaħħalna, biex ngħidu hekk, fl-ispazju tat-tifkira tiegħu, tal-memorja tiegħu li tberikna u ssalvana. U hekk tista' tnixxi l-Hallelujah, it-tifħir lil Alla ħaj u veru, li twieled għalina minn Marija, miet fuq is-salib u qam fil-glorja. U f'dan Alla aħna nittamaw, u dan Alla – li mhuwiex idolu – ma jqarraq qatt bina.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

## UDJENZA ĠENERALI

*Awla Pawlu VI*

*L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017*

### It-Tama Nisranija – 7. Ġona: it-tama u t-talb

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba.*

Fl-Iskrittura Mqaddsa, fost il-profeti ta' Israel, tispikka figura xi ftit stramba, profeta li jipprova jiżgiċċa mis-sejħa tal-Mulej u jirrifjuta li joqgħod għas-servizz tal-pjan divin tal-fidwa. Dan hu l-profeta Ġona, li l-istorja tiegħu jirrakkontaha ktejjeb ċkejken ta' erba' kapitli biss, għamla ta' parabbola li fiha tagħlima kbira, dik tal-ħniena ta' Alla li taħfer.

Ġona hu profeta "li joħroġ" u wkoll profeta li jaħrab! Hu profeta li joħroġ u li Alla jibagħtu "fil-periferija", f'Ninwe, biex jikkonverti lin-nies ta' dik il-belt kbira. Imma Ninwe, għal Israelita bħal Ġona, kienet tirrappreżenta realtà ta' theddida, l-għadu li kien qed jipperikola l-ħajja ta' Ġerusalemm infisha, u għalhekk kellha tiġi meqruda, u żgur mhux salvata. Għalhekk, meta Alla jibgħat lil Ġona jipprietka f'dik il-belt, il-profeta, li jaf kemm hu twajjeb il-Mulej u kemm jixtieq jaħfer, jipprova jiżgiċċa mid-dmir li jmiss lilu u jaħrab.

Matul il-ħarba tiegħu, il-profeta jidħol f'kuntatt mal-pagani, il-baħrin tal-ġifen li fuqu kien tela' biex jitbiegħed minn Alla u mill-missjoni tiegħu. U jaħrab 'il bogħod, għax Ninwe kienet fiz-zona tal-Iraq u hu jaħrab lejn Spanja, jaħrab tassew. U hi sewwasew l-imġiba ta' dawn l-irġiel pagani, kif imbagħad kellha tkun dik ta' Ninwe, li llum tippermettilna nirriflettu xi ftit fuq it-*tama* li, quddiem il-periklu u l-mewt, *wieħed jesprimiha fit-talb*.

Fil-fatt, huma u jaqsmu l-baħar, qam riefnu qawwi, u Ġona jinżel fl-istiva tal-ġifen u jorqod. Min-naħa l-oħra l-baħrin, meta raw li kienu sa jintilfu, "kull wieħed minnhom beda jgħajjat lill-alla tiegħu" (Ġon 1:5). Il-kaptan tal-ġifen qajjem lil Ġona u qallu: "Int kif int rieqed? Qum, u sejjaħ lil Alla tiegħek! Għandu mnejn Alla jiftakar fina u ma nintilfux!" (Ġon 1:6).

Ir-reazzjoni ta' dawn il-"pagani" hi r-reazzjoni t-tajba quddiem il-mewt, quddiem il-periklu; għax hu hemm li l-bniedem jagħmel esperjenza sħiħa tad-dgħufija tiegħu u l-bżonn li jsalva. Il-biża' naturali li mmutu jikxef il-ħtieġa li *nittamaw f'Alla tal-ħajja*. "Għandu mnejn Alla jiftakar fina u ma nintilfux!": hu l-kliem tat-*tama li ssir talba*, dik il-karba tal-biża' li titla' fuq ix-xufftejn ta' min jinsab quddiem periklu imminenti ta' mewt.

Wisq drabi aħna nduru lejn Alla fil-bżonn, f'talba li tiġbed lejna, u għalhekk hi imperfetta. Imma Alla jaf bid-dgħufija tagħna, jaf li niftakru fih biex nitolbuh l-għajnuna, u bit-tbissima twajba ta' missier, Alla jwieġeb kollu tjieba magħna.

Meta Ġona għaraf ir-responsabbiltà li kellu u nxteħet fil-baħar biex isalva lil sħabu tal-vjaġġ, it-tempesta siktet. Il-mewt imminenti wasslet lil dawk l-irġiel pagani biex jitolbu, u hekk b'xi mod il-profeta, minkejja kollox, seta' jgħix is-sejħa tiegħu għall-qadi tal-oħrajn billi aċċetta li jissagrifika ruħu għalihom, u issa jwassal lil dawk li salvaw mill-għarqa biex jagħrfu lill-veru Alla u jagħtuh ġieħ. Il-baħrin, li kienu bdew jitolbu minħabba fil-biża' li ħakimhom u daru fuq l-allat tagħhom, issa, b'biża' sinċier tal-Mulej, jagħrfu lill-veru Alla u joffru sagrifiċċji u jagħmlulu l-wegħdiet tagħhom. It-tama, li kienet wasslithom biex jitolbu li ma jmutux, tidher iktar qawwija u tinseġ realtà li tmur anki lil hinn minn dak kollu li huma kienu qed jittamaw: mhux biss ma jintilfux fit-tempesta, imma jiftħu qalbhom għall-għarfien ta' Alla l-veru u waħdieni tas-sema u tal-art.

Iktar tard, l-istess nies ta' Ninwe, quddiem il-possibbiltà li jisfaw meqruda, *jitolbu, imqanqla mit-tama fil-maħfra ta' Alla*. Jagħmlu penitenza, jitolbu lill-Mulej u jduru lura b'qalbhom lejh, ibda mis-sultan, li, bħall-kaptan tal-ġifen, jittama u jgħid: "Min jaf jekk Alla jibdilux u jisgħobbx bih, u jdur mill-korla mixgħula tiegħu, u aħna ma nintilfux?" (Ġn 3:9). Anki għalihom, kif ġara għall-ekwipaġġ fit-tempesta, il-fatt li ħabbtu wiċċhom mal-mewt u ħarġu salvi wassalhom għall-verità. Hekk, taħt il-ħniena divina, u iżjed u iżjed fid-dawl tal-

Misteru tal-Għid, il-mewt tista' ssir, kif saret għal San Franġisk ta' Assisi, "oħtna l-mewt" u tirrappreżenta, għal kull bniedem u għal kull wieħed u waħda minna, l-okkażjoni sorprendenti biex nagħrfu t-tama u niltaqgħu mal-Mulej. Jalla l-Mulej ifehemna din ir-rabta bejn it-talb u t-tama. It-talb imexxik lejn it-tama u meta l-affarijiet jiddallmu, hemm bżonn ta' iżjed talb! U tikber ukoll it-tama. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 25 ta' Diċembru 2017*

## It-Tama Nisranija – 8. Ġuditta: il-kuraġġ ta' mara jimla bit-tama lil poplu sħiħ

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Fost il-figuri ta' nisa li jippreżentalna t-Testment il-Qadim, tispikka dik ta' eroina kbira tal-poplu: Ġuditta. Il-ktieb bibliku li jġib isimha jirrakkonta l-kampanja militari imponenti tas-sultan Nebukadnessar, li, meta saltan fuq Ninwe, wessa' l-konfini tal-imperu billi rebaħ fuq il-poplu ta' madwaru u ġabhom taħtu. Il-qarrej jifhem li hawn għandu quddiemu għadu kbir u invinċibbli li qed jiżra' l-mewt u l-qerda u li jasal saħansitra sal-Art Imqaddsa, u jqiegħed fil-periklu l-ħajja ta' wlied Israel.

Fil-fatt l-armata ta' Nebukadnessar, taħt it-tmexxija tal-ġeneral Oloferne, tassedja belt tal-Lhudija, Betulja, u taqta' l-provvista tal-ilma ħalli hekk iddgħajjef ir-reżistenza tal-poplu.

Is-sitwazzjoni hi waħda drammatika, tant li n-nies tal-belt iduru fuq ix-xjuħ tal-poplu u jitolbuhom iċedu l-armi quddiem l-għedewwa tagħhom. Dan tagħhom hu kliem ta' disperazzjoni: "Issa ma għandna ebda għajnuna; Alla biegħna f'idejhom biex nintemmu quddiemhom bil-għatx u b'telf kbir. Mela sejħulhom u itilqu l-belt bi priża f'idejhom, f'idejn in-nies ta' Oloferne u l-eżerċtu tiegħu kollu" (Ġdt 7:25-26). Donnu m'għadx hemm iżjed fejn taħrab mit-tmiem, intemmet kull ħila li wieħed jafda f'Alla. Il-ħila li wieħed jafda f'Alla spiċċat għalkollox. U kemm drabi aħna naslu għal sitwazzjonijiet ta' limitu fejn lanqas inħossu l-ħila li jkollna fiduċja f'Alla. Hi tentazzjoni kerha! U, paradossalment, donnu, biex naħarbu minn ħalq il-mewt, ma jifdlilna xejn iżjed x'nagħmlu ħlief nagħtu ruħna b'mirbuħa f'idejn min joqtol. Huma jafu li dawn is-suldati sa jidħlu jħarbtu l-belt, jieħdu n-nisa tagħhom bħala lsiera u mbagħad joqtlu lill-oħrajn kollha. Dan hu propju "l-limitu".

U quddiem tant qtigħ il-qalb, il-mexxej tal-poplu jaħsel jipproponi xaqq ta' tama: jirreżistu għal ħamest ijiem oħra, u jistennew l-intervent salvifiku ta' Alla. Imma hi tama dgħajfa, li twasslu biex jikkonkludi: "Jekk imbagħad jgħaddi dan iż-żmien, u ma taslilna ebda għajnuna, nagħmel kif qegħdin tgħidu" (7:31). Imsejken: ma kellux triq oħra. Ħamest ijiem jingħatawlu lil Alla – u hawn hu d-

dnub –; ħamest ijiem jingħatawlu lil Alla biex jintervieni; ħamest ijiem ta' stennija, imma diġà bil-perspettiva tat-tmiem ta' kollox. Lil Alla jagħtuh ħamest ijiem biex isalvahom, imma jafu li m'għandhomx fiduċja, jistennew l-agħar jasal. Fir-realtà, ħadd iżjed, fost il-poplu, ma għadu kapaċi jittama. Kienu qalbhom maqtugħa.

Hu f'din is-sitwazzjoni li tidħol fix-xena Ġuditta. Armla, mara ta' ġmiel u għerf liema bħalhom, hi tkellem lill-poplu bil-lingwaġġ tal-fidi. Qalbiena, iċċanfar lill-poplu f'wiċċu: "Tridu b'daqshekk tistħarrġu l-Mulej li jista' kollox? […] Ma jkun qatt, ħuti, li tgħaddbu lil Alla tagħna. Għaliex ukoll jekk ma jridx jgħinna f'dawn il-ħamest ijiem, hu għandu s-setgħa li jaqbeż għalina meta jrid jew li jeqridna quddiem l-għedewwa tagħna. […] Għalhekk aħna għandna nistennew is-salvazzjoni tagħna mingħandu, u sadattant nitolbuh jgħinna; u jekk dan jogħġbu, żgur li jisma' leħinna" (8:13,14-15,17). Dan hu l-lingwaġġ tat-tama. Inħabbtu fuq il-bibien tal-qalb ta' Alla, hu Missier, hu jista' jsalvana. Din il-mara, armla, tirriskja mqar li tidher kerha quddiem l-oħrajn! Imma għandha l-kuraġġ! Tibqa' miexja! Din hi opinjoni tiegħi: in-nisa huma iżjed kuraġġjużi mill-irġiel. [Ċapċip fis-sala].

U bil-qawwa ta' profeta, Ġuditta terġa' ssejjaħ lill-irġiel tal-poplu tagħha biex mill-ġdid tnissel fihom il-fiduċja f'Alla; bil-ħarsa ta' profeta, hi tara lil hemm mix-xefaq dejjaq propost mill-mexxejja u li l-biża' iktar jagħmlu limitat. Alla żgur li sa jaġixxi – tafferma hi –, waqt li l-proposta tal-ħamest ijiem ta' stennija hi mod kif jittentawh u biex ma joqogħdux għar-rieda tiegħu. Il-Mulej hu Alla tas-salvazzjoni, – u hi temmnu dan –, hi x'inhi x-xejra li din tieħu. Hi salvazzjoni li hu jeħles mill-għedewwa u jagħti l-ħajja, imma, fil-pjanijiet tiegħu li ħadd ma jista' jifhem, tista' tkun salvazzjoni wkoll li jagħti l-mewt. Mara ta' fidi, dan hi tafu. Imbagħad l-għeluq nafuh, kif spiċċat l-istorja: Alla jsalva.

Għeżież ħuti, ejjew ma nqiegħdu qatt kundizzjonijiet lil Alla, imma nħallu t-tama tegħleb il-biżgħat tagħna. Li nafdaw f'Alla jfisser nidħlu fil-pjanijiet tiegħu mingħajr ma nippretendu xejn, anki billi naċċettaw li s-salvazzjoni tiegħu u l-għajnuna tiegħu jaslu għandna b'mod differenti minn dak li nistennew aħna. Aħna lil Alla nitolbuh il-ħajja, is-saħħa, l-imħabba, il-ferħ; u sewwa nagħmlu, imma fl-għarfien li Alla kapaċi joħroġ il-ħajja anki mill-mewt, li nistgħu nduqu l-paċi anki fil-mard, u li nistgħu nkunu sereni anki fis-solitudni u hienja anki fid-dmugħ. Mhux aħna li nistgħu ngħallmu lil Alla dak li għandu jagħmel, dak li aħna għandna bżonn. Hu jaf aħjar minna, u rridu nafdaw, għax it-toroq tiegħu u l-ħsibijiet tiegħu huma differenti ħafna minn tagħna.

Il-mixja li turina Ġuditta hi dik tal-fiduċja, tal-istennija fis-sliem, tat-talb u tal-ubbidjenza. Hi l-mixja tat-tama. Bla rassenjazzjonijiet faċli, nagħmlu dak kollu

li hu fil-possibbiltà tagħna, imma dejjem billi nibqgħu fir-rieda ta' Alla, għax – dan nafuh – hi talbet ħafna, kellmet ħafna lill-poplu u mbagħad, kuraġġjuża, marret, fittxet mod kif tersaq lejn il-kap tal-armata u rnexxielha taqtagħlu rasu, tħanxru. Hi kuraġġjuża fil-fidi u fl-opri. U tfittex dejjem lill-Mulej! Ġuditta, fil-fatt, għandha pjan tagħha, twettqu b'suċċess u twassal lill-poplu għar-rebħa, imma dejjem fl-atteġġjament ta' fidi ta' min kollox jilqa' minn idejn Alla, żgura mit-tjieba tiegħu.

Hekk, mara mimlija fidi u kuraġġ trodd mill-ġdid il-qawwa lill-poplu tagħha fil-periklu tal-mewt u twasslu fit-toroq tat-tama, u dawn turihom lilna wkoll. U aħna, jekk niftakru ftit, kemm drabi smajna kliem għaref, kuraġġjuż, minn persuni umli, minn nisa umli li wieħed jaħseb – bla ma nbaxxihom – li kienu injoranti… Imma hu l-kliem tal-għerf ta' Alla! Il-kliem tan-nanniet… Kemm drabi n-nanniet ikunu jafu jlissnu l-kelma t-tajba, il-kelma ta' tama, għax għandhom l-esperjenza tal-ħajja, batew ħafna, fdaw f'Alla u l-Mulej jagħtina dan id-don tal-parir ta' tama. U, jekk nimxu f'dawk it-toroq, bil-ferħ u bid-dawl tal-Għid inkunu nistgħu nintelqu b'fiduċja fil-Mulej bi kliem Ġesù fuq fommna: "Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi" (Lq 22:42). U din hi t-talba tal-għerf, tal-fiduċja u tat-tama.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

## UDJENZA ĠENERALI

*L-Erbgħa 1 ta' Frar 2017*

### It-Tama Nisranija – 9. L-elmu tat-tama (1 Tess 5:4-11)

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Fil-katekeżi li għaddew bdejna l-mixja tagħna fuq it-tema tat-tama billi f'din il-perspettiva qrajna mill-ġdid xi paġni tat-Testment il-Qadim. Issa ejjew ngħaddu biex nixħtu dawl fuq l-importanza straordinarja li din il-virtù għandha fit-Testment il-Ġdid, meta tiltaqa' mal-element ġdid irrappreżentat minn Ġesù Kristu u mill-ġrajja tal-Għid: it-tama Nisranija. Aħna l-Insara, aħna rġiel u nisa tat-tama.

Dan hu li joħroġ b'mod ċar sa mill-ewwel test li nkiteb, jiġifieri l-Ewwel Ittra ta' San Pawl lit-Tessalonkin. Fis-silta li għadna kemm smajna, nistgħu nħossu l-freskezza u l-ġmiel kollu tal-ewwel tħabbira Nisranija. Dik ta' Tessaloniki hi komunità żagħżugħa, li ma kinitx ilha mwaqqfa; madankollu, minkejja d-diffikultajiet u l-ħafna provi, għandha għeruqha mniżżla fil-fidi u tiċċelebra b'ħeġġa u b'ferħ il-qawmien tal-Mulej Ġesù. L-Appostlu għalhekk jithenna f'qalbu ma' kulħadd, għax dawk li jitwieldu mill-ġdid fl-Għid isiru tabilħaqq "ulied id-dawl u wlied il-jum" (5:5), bil-qawwa tal-komunjoni sħiħa tagħhom ma' Kristu.

Meta kitbilha Pawlu, il-komunità ta' Tessaloniki kienet għadha kemm twaqqfet, u ftit kien hemm snin jifirduha mill-Għid ta' Kristu. Għalhekk, l-Appostlu jfittex mod kif ifisser l-effetti u l-konsegwenzi kollha li din il-ġrajja unika u deċiżiva, jiġifieri l-qawmien tal-Mulej, iġġib fl-istorja u l-ħajja ta' kull wieħed u waħda. B'mod partikulari, id-diffikultà tal-komunità ma kinitx daqshekk li tagħraf li Ġesù qam mill-mewt, dan kulħadd kien jemmnu, imma li temmen fil-qawmien mill-imwiet. Iva, Ġesù qam mill-mewt, imma d-diffikultà kienet li temmen li l-mejtin iqumu. F'dan is-sens, din l-ittra hi attwali daqs qatt qabel.

Kull darba li nsibu ruħna quddiem il-mewt tagħna, jew quddiem dik ta' persuna għażiża, inħossu li l-fidi tagħna qed tiġi ppruvata. Ifeġġu d-dubji kollha tagħna, id-dgħufija kollha tagħna, u nistaqsu lilna nfusna: "Imma tassew li sa jkun hemm ħajja wara l-mewt…? Ħa nkun nista' nara u ngħannaq mill-ġdid lill-persuni li ħabbejt…?". Din il-mistoqsija għamlithieli waħda mara xi jiem ilu waqt udjenza, għax kellha dubju: "Se nerġa' narahom lil tiegħi?". Anki aħna, fil-kuntest attwali, hemm bżonn nerġgħu lura għall-għeruq u għall-bażi tal-fidi tagħna, biex nifhmu dak li Alla għamel għalina fi Kristu Ġesù u xi tfisser il-mewt tagħna. Kollha nibżgħu xi ftit minħabba f'din l-inċertezza tal-mewt. Jiġini f'moħħi wieħed xwejjaħ, anzjan, twajjeb, li kien jgħid: "Jien ma nibżax mill-mewt. Nibża' xi ftit meta nħossha ġejja". Minn dan kien jibża'.

Pawlu, quddiem il-biżgħat u d-dubji tal-komunità, jistedinhom biex iżommu sħiħa fuq rashom bħal elmu, fuq kollox fit-tiġrib u fil-mumenti l-iżjed diffiċli tal-ħajja, "it-tama tas-salvazzjoni". Hi elmu. Dak li hi t-tama Nisranija. Meta nitkellmu fuq it-tama, nistgħu naħsbu fiha skont it-tifsira komuni tat-terminu, jiġifieri f'riferiment għal xi ħaġa sabiħa li nixtiequ, imma li tista' sseħħ jew ma sseħħx. Nittamaw li sseħħ, hi bħal xewqa. Ngħidu aħna, ngħidu: "Nittama li għada jagħmel ftit bnazzi!"; imma nafu li l-għada jista' jagħmel temp ikrah… It-tama Nisranija mhix hekk. It-tama Nisranija hi l-istennija ta' xi ħaġa li diġà twettqet; hemm il-bieb hemm, u jien nittama li nasal sal-bieb. Xi rrid nagħmel? Nimxi lejn il-bieb! Jiena ċert li ħa nasal sal-bieb. Hekk it-tama Nisranija: iċ-ċertezza li jien miexi lejn xi ħaġa li teżisti, mhux li jien nixtieq li teżisti. Din hi t-tama Nisranija. It-tama Nisranija hi l-istennija ta' xi ħaġa li diġà twettqet u li żgur se sseħħ għal kull wieħed u waħda minna. Mela anki l-qawmien tagħna u dak tal-għeżież mejtin tagħna mhux xi ħaġa li tista' sseħħ jew le, imma hu realtà ċerta, għax għandha għeruqha fil-ġrajja tal-qawmien ta' Kristu. Mela li nittamaw ifisser nitgħallmu ngħixu fl-istennija. Nitgħallmu ngħixu fl-istennija u nsibu l-ħajja. Meta mara tintebaħ li hi tqila, ta' kuljum titgħallem tgħix fl-istennija li għad tara l-ħarsa ta' dik it-tarbija li ġejja. Hekk aħna wkoll għandna ngħixu u nitgħallmu minn dawn l-istennijiet umani kif ngħixu fl-istennija li għad naraw lill-Mulej, li għad niltaqgħu mal-Mulej. Din mhix ħaġa faċli, imma wieħed jitgħallem: jgħix fl-istennija. It-tama tfisser u timplika qalb umli, qalb fqajra. Min hu fqir biss jaf jistenna. Min hu diġà mimli bih innifsu u b'dak li għandu, ma jaf iqiegħed il-fiduċja tiegħu f'ħadd iżjed jekk mhux fih innifsu.

Jikteb mill-ġdid San Pawl: "[Ġesù] miet għalina, sabiex sew jekk inkunu nishru u sew jekk inkunu rieqda meta jiġi, ngħixu ħaġa waħda miegħu" (1 Tess 5:10). Dawn il-kelmiet huma dejjem motiv ta' faraġ u sliem kbir. Anki għall-persuni

maħbuba li ħallewna aħna msejħin nitolbu biex jgħixu fi Kristu u jkunu f'xirka sħiħa magħna. Ħaġa li tmissli tassew qalbi hi espressjoni ta' San Pawl, dejjem indirizzata lit-Tessalonkin. Lili timlieni biċ-ċertezza tat-tama. Jgħid hekk: "Hekk inkunu dejjem mal-Mulej" (1 Tess 4:17). Kemm hi sabiħa: kollox jgħaddi imma, wara l-mewt, sa nkunu dejjem mal-Mulej. Din hi ċ-ċertezza sħiħa tat-tama, l-istess waħda li, ħafna żmien qabel, wasslet lil Ġob biex jesklama: "Jien naf li d-Difensur tiegħi ħaj […]. Lilu narah b'ħabib tiegħi, dak li jilmħu għajnejja ma jkunlix barrani" (Ġob 19:25,27). U hekk għal dejjem inkunu mal-Mulej. Intom temmnuh dan? Qed nistaqsikom: temmnuh dan? Biex nagħmlu ftit saħħa ħa nistedinkom tgħiduha tliet darbiet flimkien miegħi: "Hekk inkunu dejjem mal-Mulej". U hemm, mal-Mulej, għad niltaqgħu lkoll flimkien.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*

*L-Erbgħa 8 ta' Frar 2017*

**It-Tama Nisranija – 10. It-tama għajn ta' faraġ għal xulxin u ta' sliem (1 Tess 5:12-22)**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

L-Erbgħa li għadda rajna kif San Pawl, fl-Ewwel Ittra tiegħu lit-Tessalonkin, iħeġġiġhom biex iżommu għeruqhom imniżżla fit-tama tal-qawmien (ara 5:4-11), b'dik il-kelma sabiħa "nkunu dejjem mal-Mulej" (4:17). Fl-istess kuntest, l-Appostlu jurina li t-*tama Nisranija* m'għandhiex biss sens personali, individwali, imma *komunitarju, ekkleżjali*. Aħna lkoll nittamaw; ilkoll għandna tama, anki b'mod komunitarju.

Għalhekk, Pawlu dlonk jifrex il-ħarsa tiegħu fuq ir-realtajiet kollha li jsawru l-komunità Nisranija, u jsejħilhom biex jitolbu għal xulxin u jwieżnu lil xulxin. Ngħinu wieħed lill-ieħor. Imma mhux biss ngħinu lil xulxin fil-ħtiġijiet li jkollna, fil-ħafna ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum, imma ngħinu lil xulxin *fit-tama*, inwieżnu wieħed lill-ieħor fit-tama. U mhux ta' b'xejn li jibda proprju billi jirriferi għal *dawk li huma fdati bir-responsabbiltà u t-treġija pastorali*. Huma l-ewwel li msejħa jkattru t-tama, u dan mhux għax huma aħjar mill-oħrajn, imma bil-qawwa ta' ministeru divin li jmur sew lil hemm mill-qawwa tagħhom. Għalhekk, iktar u iktar għandhom bżonn tar-rispett, il-ftehim u s-sapport twajjeb ta' kulħadd.

L-attenzjoni mbagħad tinxteħet fuq l-*aħwa li iktar minn oħrajn qed jirriskjaw li jitilfu t-tama*, li jaqgħu fil-qtigħ il-qalb. Dejjem nisimgħu b'persuni li jaqgħu fil-qtigħ il-qalb u jagħmlu ħwejjeġ koroh… Il-qtigħ il-qalb iwassalhom biex jagħmlu tant ħwejjeġ koroh. Ir-riferiment hu għal min hu qalbu maqtugħa, għal

min hu dgħajjef, għal min iħossu mgħaffeġ mit-toqol tal-ħajja u tal-ħtijiet tiegħu u ma jirnexxilux jistejqer iżjed. F'dawn il-każi, il-qrubija u s-sħana tal-Knisja kollha għandhom ikunu ikbar u mimlija b'iżjed imħabba, u għandhom jieħdu x-xejra ħelwa tal-kompassjoni, li ma jfissirx li tiġik ħasra minn xi ħadd: il-kompassjoni tfisser li tħoss u tbati mal-ieħor, tersaq qrib ta' min qed ibati; kelma, żegħila, imma li toħroġ mill-qalb. Għal min għandu bżonn tal-faraġ u tal-konsolazzjoni. Dan hu importanti iżjed minn qatt qabel: it-tama Nisranija ma tistax ma tkunx imħabba ġenwina u konkreta. L-istess Appostlu tal-ġnus, fl-Ittra lir-Rumani, minn qiegħ qalbu jafferma: "Aħna li aħna sħaħ fil-fidi għandna ngħinu lid-dgħajfa jerfgħu l-piż tagħhom u mhux infittxu nogħġbu lilna nfusna" (15:1). Nerfgħu, nerfgħu d-dgħufijiet tal-oħrajn. Din ix-xhieda mbagħad ma tibqax magħluqa 'l ġewwa mill-ħitan tal-komunità Nisranija: tidwi bil-qawwa kollha tagħha anki 'l barra minnha, fil-kuntest soċjali u ċivili, bħala sejħa biex ma nibnux ħitan imma pontijiet, biex ma npattux id-deni b'deni, biex nirbħu l-ħażen bit-tajjeb, l-offiża bil-maħfra – in-Nisrani qatt ma jista' jgħid: Issa tpattiha qares!, qatt; dan mhux ġest Nisrani; l-offiża nirbħuha bil-maħfra –, biex ngħixu fis-sliem ma' kulħadd. Din hi l-Knisja! U dan hu dak li taħdem fina t-tama Nisranija, meta tagħmel tagħha l-karatteristiċi b'saħħithom imma fl-istess waqt ħelwa tal-imħabba. L-imħabba hi qawwija u ħelwa. Hi sabiħa.

Hekk nifhmu li waħidna ma nistgħux nitgħallmu nittamaw. Ħadd ma jitgħallem jittama waħdu. Mhux possibbli. It-tama, biex tikber*, bilfors għandha bżonn ta' "ġisem"*, li fih il-bosta membri jwieżnu lil xulxin u jagħtu l-ħajja lil xulxin. Dan għalhekk ifisser li, jekk nittamaw, dan għax ħafna minn ħutna għallmuna nittamaw u żammew mixgħula t-tama tagħna. U fost dawn, jispikkaw *iċ-ċkejknin, il-foqra, is-sempliċi, l-imwarrbin*. Iva, għax ma jafx x'inhi tama min jingħalaq fil-ġid tiegħu: jittama biss fil-ġid tiegħu u din mhix tama: hi sigurtà relattiva; ma jafx x'inhi tama min jingħalaq fis-sodisfazzjon bih innifsu, min iħossu dejjem f'postu… Imma jittamaw dawk li ta' kuljum iduqu l-prova, il-prekarjetà u l-limitu tagħhom. Huma dawn ħutna li jagħtuna l-isbaħ xhieda u l-aktar b'saħħitha, għax jibqgħu sodi fil-fiduċja tagħhom fil-Mulej, għax jafu li, lil hemm min-niket tagħhom, mill-jasar u mill-mewt li ma tistax taħrabha, l-aħħar kelma sa tkun tiegħu, u sa tkun kelma ta' ħniena, ta' ħajja u ta' sliem. Min jittama, jittama li jum wieħed għad jisma' din il-kelma: "Ejja, ejja għandi, ħija; ejja, ejja għandi, oħti, għal dejjem".

Għeżież ħbieb, jekk – kif għidna – l-għamara naturali tat-tama hi "ġisem" solidali, fil-każ tat-tama Nisranija dan il-ġisem hu *l-Knisja*, waqt li n-nifs tal-ħajja, ir-ruħ ta' din it-tama hu *l-Ispirtu s-Santu*. Mingħajr l-Ispirtu s-Santu ma

jistax ikollna tama. Għalhekk mela l-Appostlu Pawlu jistedinna fl-aħħar biex insejħulu l-ħin kollu. Jekk mhix ħaġa ħafifa li temmen, wisq u wisq inqas hi li tittama. Hu itqal li tittama milli li temmen, hu itqal. Imma meta l-Ispirtu s-Santu jgħammar fi qlubna, hu li jfehimna li m'għandniex nibżgħu, li l-Mulej hu qrib tagħna u jieħu ħsiebna; hu li jagħġen il-komunitajiet tagħna, f'Pentekoste dejjiemi, bħala sinjali ħajjin ta' tama għall-familja tal-bnedmin. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*

*L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017*

## It-Tama Nisranija – 11. It-tama ma tqarraqx bina (ara Rum 5:1-5)

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Sa minn ċkunitna jgħallmuna li mhux sewwa titkabbar bik innifsek. F'pajjiżi, dawk li jiftaħru jsejħulhom "paguni". U veru, għax meta niftaħru b'dak li aħna jew b'dak li għandna, dan, barra li jġib ċerta suppervja, jikxef ukoll ċertu nuqqas ta' rispett lejn l-oħrajn, speċjalment lejn dawk li huma inqas ixxurtjati minna. Imma f'din is-silta tal-Ittra lir-Rumani, l-Appostlu Pawlu jissorprendina, għax għal darba darbtejn jistedinna niftaħru. Mela biex nistgħu niftaħru? Għax jekk hu jsejħilna biex niftaħru, b'xi ħaġa tista' tiftaħar. U kif nistgħu nagħmlu dan, bla ma nweġġgħu lill-oħrajn, bla ma neskludu lil ħadd?

Fl-ewwel każ, aħna mistednin *niftaħru bil-kotra tal-grazzja li biha mtlejna fi Kristu Ġesù*, permezz tal-fidi. Pawlu jrid jurina li, jekk nitgħallmu naqraw kull ħaġa bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, nintebħu li kollox hu grazzja! Kollox hu don! Fil-fatt, jekk noqogħdu attenti, nintebħu li – fl-istorja, kif ukoll f'ħajjitna – mhux aħna imma qabelxejn hu Alla li qed jaġixxi. Hu l-protagonista assolut, li joħoloq kollox bħala don ta' mħabba, li jinseġ il-ħjata tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni u jwasslu għat-twettiq tiegħu minħabba fina, permezz ta' Ibnu Ġesù. Minna hu mitlub li nagħrfu dan kollu, li nilqgħuh bi gratitudni u li nagħmlu minnu motiv ta' tifħir, ta' barka u ta' hena kbir. Jekk nagħmlu dan, inkunu fis-sliem ma' Alla u ngħixu fil-ħelsien. U dan is-sliem imbagħad jinfirex fl-oqsma u r-relazzjonijiet kollha ta' ħajjitna: inkunu fis-sliem magħna nfusna, inkunu fis-sliem fil-familja, fil-komunità tagħna, fuq ix-xogħol u mal-persuni li magħhom niltaqgħu ta' kuljum fil-mixja tagħna.

Imma Pawlu jsejħilna *niftaħru anki fit-tiġrib*. Din mhux faċli nifhmuha. Dan jidhrilna iktar diffiċli u jista' jidher li m'għandu xejn x'jaqsam mal-qagħda tas-sliem li għadna kemm fissirna. Imma fil-verità hu l-presuppost l-aktar awtentiku tagħha, l-iktar wieħed veru. Fil-fatt, is-sliem li joffrilna u li jiggarantilna l-Mulej ma hux in-nuqqas ta' tħassib, ta' delużjonijiet, ta' nuqqasijiet, ta' motivi ta' tbatija. Kieku kien hekk, li kellna nsibu ftit ħin tal-mistrieħ, dak il-mument malajr kien jgħosfor u żgur nerġgħu nispiċċaw m'aħniex sew. Għax is-sliem li joħroġ mill-fidi huwa don: hi l-grazzja li nduqu li Alla jħobbna u li hu dejjem magħna, ma jitlaqna qatt waħidna lanqas għal waqt wieħed biss ta' ħajjitna. U dan, kif jafferma l-Appostlu, iġib is-sabar, għax nafu li, imqar fl-iktar mumenti iebsa u li jħawduna, il-ħniena u t-tjieba tal-Mulej huma ikbar minn kull ħaġa oħra u xejn ma jista' jaqlagħna minn ġo dirgħajh u mill-komunjoni tagħna miegħu.

Għalhekk li t-tama Nisranija hi b'saħħitha, għalhekk *ma tqarraqx* bina. Qatt ma tqarraq bina. It-tama ma tqarraq qatt bina! Mhix mibnija fuq dak li aħna nistgħu nagħmlu jew inkunu, u lanqas fuq dak li fih nistgħu naqgħu. Il-bażi tagħha, jiġifieri l-bażi tat-tama Nisranija, hi l-aktar ħaġa fidila u żgura li tista' teżisti, jiġifieri l-imħabba li Alla nnifsu juri għal kull wieħed u waħda minna. Faċli ngħiduha: Alla jħobbna. Kollha ngħiduha. Imma aħsbu naqra: kull wieħed u waħda minna kapaċi jgħid: Jiena ċert li Alla jħobbni? Din mhux daqshekk faċli ngħiduha. Imma hi vera. Hu taħriġ tajjeb, dan, li ngħidu lilna nfusna: Alla jħobbni. Dan hu l-għerq taċ-ċertezza tagħna, l-għerq tat-tama. U l-Mulej sawwab bil-kotra l-Ispirtu tiegħu fi qlubna – li hi l-imħabba ta' Alla – bħala ħallieq, bħala garanti, proprju biex jista' jseddaq fina l-fidi u jżomm ħajja din it-tama. U din iċ-ċertezza: Alla jħobbni. "Imma f'dan iż-żmien ikrah li għaddej minnu?" – Alla jħobbni. "U lili, li għamilt din il-ħaġa kerha jew ħażina?" – Alla jħobbni. Dik iċ-ċertezza ħadd ma jista' jeħodhielna. U jeħtieġ intennuha bħala talba: Alla jħobbni. Jiena ċert li Alla jħobbni. Jiena ċerta li Alla jħobbni.

Issa nifhmu għaliex l-Appostlu Pawlu jistedinna niftaħru dejjem b'dan kollu. Jien niftaħar bl-imħabba ta' Alla, għax hu jħobbni. It-tama li ngħatatilna ma tifridniex mill-oħrajn, wisq inqas twassalna biex inbaxxuhom jew inwarrbuhom. Anzi, dan hu don tal-għaġeb li aħna msejħin insiru "kanali" tiegħu, b'umiltà u sempliċità, għal kulħadd. U għalhekk l-ikbar ftaħir tagħna jkun dak li jkollna bħala Missierna Alla li ma jagħmilx preferenzi, li ma jaqta' lil ħadd barra, imma li jiftaħ daru għall-bnedmin kollha, ibda minn dawk tal-aħħar u mbiegħda, biex bħala wliedu nitgħallmu nfarrġu lil xulxin u nwieżnu wieħed lill-ieħor. U tinsewx: it-tama ma tqarraqx bina.

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 22 ta' Frar 2017*

**It-Tama Nisranija**
**12. Fit-tama nagħrfu li aħna lkoll salvi (ara Rum 8:19-27)**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Spiss aħna ttentati naħsbu li l-ħolqien hu proprjetà tagħna, li nistgħu nagħmlu użu minnu kif jogħġobna u li m'aħna obbligati nagħtu kont lil ħadd dwaru. Imma fis-silta tal-Ittra lir-Rumani (8:19-27) li għadna kemm smajna parti minnha, l-Appostlu Pawlu jfakkarna li l-ħolqien hu don mill-isbaħ li Alla ħalla f'idejna, biex nistgħu nidħlu f'relazzjoni miegħu u nagħrfu fih il-marka tal-pjan ta' mħabbtu, li aħna, jum wara l-ieħor, imsejħin nikkollaboraw fit-twettiq tiegħu.

Imma meta jħalli l-egoiżmu jirkbu, il-bniedem jispiċċa jirvina mqar l-isbaħ affarijiet li ġie fdat bihom. U hekk ġara wkoll għall-ħolqien. Aħsbu fl-ilma. L-ilma hu ħaġa sabiħa ħafna u tant importanti; l-ilma jagħtina l-ħajja, jgħinna f'kollox, imma biex nużaw il-minerali qed inniġġsu l-ilma, inħammġu u neqirdu l-ħolqien. Dan hu biss eżempju wieħed. Hemm ħafna oħrajn. Bl-esperjenza traġika tad-dnub, meta farrakna l-komunjoni tagħna ma' Alla, ksirna dik il-komunjoni tal-bidu ma' dak kollu li għandna madwarna u spiċċajna biex għarraqna l-ħolqien, u hekk jassarnieh, spiċċa lsir tal-waqgħa tagħna li twassal għall-mewt. U l-konsegwenza ta' dan kollu qed narawha sseħħ traġikament taħt għajnejna stess, ta' kuljum. Meta jkisser il-komunjoni ma' Alla, il-bniedem jitlef il-ġmiel li kellu u jispiċċa jisfigura kull ħaġa li għandu madwaru; u fejn qabel, kollox kien iwasslek għand il-Missier Ħallieq u l-imħabba bla tarf tiegħu, issa jġorr is-sinjal kiebi u vojt tal-kburija u tal-kilba umana. Il-kburija tal-bniedem tabbuża mill-ħolqien u ġġib il-qerda.

Imma l-Mulej ma jitlaqniex waħidna u anki f'dan il-kwadru ta' qtigħ il-qalb joffrilna perspettiva ġdida ta' ħelsien, ta' salvazzjoni universali. Hu dak li jurina Pawlu bil-ferħ, meta jistedinna nagħtu widen għall-krib tal-ħolqien kollu. Fil-fatt, jekk noqogħdu attenti, madwarna kollox qed jokrob: jokrob il-ħolqien stess, nokorbu aħna l-bnedmin u jokrob l-Ispirtu fina, fil-qalb tagħna. Issa dan il-krib mhux lamentazzjoni vojta, bla faraġ, imma – kif jippreċiża l-Appostlu – hu l-krib tal-uġigħ tal-ħlas; hu l-krib ta' min qed ibati, imma li fl-istess waqt jaf li waslet biex tfeġġ ħajja ġdida. U fil-każ tagħna hu tassew hekk. Aħna għadna

qed nitqabdu mal-konsegwenzi tad-dnub tagħna u kollox, madwarna, għadu jġib is-sinjal tal-uġigħ tagħna, tan-nuqqasijiet tagħna, tal-għeluq tagħna. Imma fl-istess waqt nafu li ġejna mifdija mill-Mulej u diġà nistgħu nikkontemplaw u niggostaw minn qabel fina u f'dak li għandna madwarna s-sinjali tal-Qawmien, tal-Għid, li jġib ħolqien ġdid.

Dan hu l-kontenut tat-tama tagħna. In-Nisrani ma jgħixx barra mid-dinja, jaf jagħraf fl-istess ħajtu u f'dak ta' madwaru s-sinjali tal-ħażen, tal-egoiżmu u tad-dnub. Hu solidali ma' min qed ibati, ma' min qed jibki, ma' min hu emarġinat, ma' min iħossu qalbu maqtugħa… Imma, fl-istess waqt, in-Nisrani tgħallem jaqra dan kollu bl-għajnejn tal-Għid, bl-għajnejn ta' Kristu Rxoxt. U għalhekk jaf li qed ngħixu ż-żmien tal-istennija, iż-żmien ta' xenqa li tmur lil hemm mill-preżent, iż-żmien tal-milja sħiħa. Fit-tama nafu li l-Mulej bil-ħniena tiegħu jrid ifejjaq għalkollox il-qlub miġruħa u mċekkna u dak kollu li l-bniedem għarraq bil-ħażen tiegħu, u li hekk hu se jġedded dinja u umanità ġdida, sa fl-aħħar irrikonċiljati fi mħabbtu.

Kemm drabi aħna l-Insara nħossuna ttentati naqtgħu qalbna, inkunu pessimisti… Xi drabi nħallu jkaxkarna t-tgergir bla siwi, inkella nibqgħu bla kliem u bilkemm nafu x'għandna nitolbu, x'għandna nittamaw… Imma għal darb'oħra jaqbeż għalina l-Ispirtu s-Santu, nifs tat-tama tagħna, li jżomm ħajja l-karba u l-istennija tal-qalb tagħna. L-Ispirtu jara fina iktar minn dak li jidher negattiv bħalissa u jurina minn issa s-smewwiet ġodda u l-art ġdida li l-Mulej qed iħejji għall-umanità.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 1 ta' Marzu 2017*

## It-Tama Nisranija – 13. Ir-Randan hu mixja ta' tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

F'dan il-jum, l-Erbgħa tar-Rmied, nidħlu fiż-Żmien liturġiku tar-Randan. U ladarba qed nagħmlu ċ-ċiklu tal-katekeżi tagħna fuq it-tama Nisranija, illum nixtieq nippreżentalkom ir-*Randan* bħala *mixja ta' tama*.

Fil-fatt, din il-perspettiva dlonk nilmħuha jekk naħsbu kif fil-Knisja r-Randan beda bħala żmien ta' tħejjija għall-Għid, u għalhekk is-sens kollu ta' dan il-perjodu ta' erbgħin jum nistgħu *nifhmuh fid-dawl tal-misteru tal-Għid* li lejh hu orjentat. Nistgħu nistħajlu lill-Mulej Irxoxt isejħilna biex noħorġu mid-dlamijiet tagħna, u aħna nibdew mexjin lejh, li hu d-Dawl. U r-Randan hu mixja lejn Kristu Rxoxt, hu perjodu ta' penitenza, anki ta' sagrifiċċju, imma mhux bħala fini fih innifsu, imma maħsub biex jgħinna nirxoxtaw ma' Kristu, biex iġedded l-identità batteżimali tagħna, jiġifieri biex nitwieldu mill-ġdid "mill-għoli", mill-imħabba ta' Alla (ara Ġw 3:3). Għalhekk li r-Randan, min-natura tiegħu, hu żmien ta' tama.

Biex nifhmu aħjar xi jfisser dan, irridu nirriferu għall-esperjenza fundamentali tal-eżodu tal-Israelin mill-Eġittu, li l-Bibbja tirrakkonta fil-ktieb li jġib dan l-isem: l-*Eżodu*. Il-punt tat-tluq hu l-qagħda ta' jasar fl-Eġittu, il-moħqrija, ix-xogħol iebes u sfurzat. Imma l-Mulej ma nesiex lill-poplu tiegħu u l-wegħda tiegħu: isejjaħ lil Mosè u, bi driegħ qawwi, joħroġ lill-Israelin mill-Eġittu u jmexxihom mid-deżert lejn l-Art tal-ħelsien. Matul din il-mixja mill-jasar għall-ħelsien, il-Mulej jagħti lill-Israelin il-liġi, biex jedukahom kif għandhom iħobbu lilu, is-Sid waħdieni tagħhom, u kif iħobbu lil xulxin bħal aħwa. L-Iskrittura

turina li l-eżodu hu twil u mimli tiġrib: simbolikament itul erbgħin sena, jiġifieri t-tul ta’ ħajja ta’ nisel sħiħ. Nisel li, quddiem il-provi tal-mixja, hu dejjem ittentat jibki ż-żmien li għadda fl-Eġittu u li jerġa’ lura. Aħna wkoll ilkoll nafu x’inhi t-tentazzjoni li nerġgħu lura, ilkoll. Imma l-Mulej jibqa’ fidil u dak il-ġens fqajjar, immexxi minn Mosè, fl-aħħar jasal fl-Art Imwiegħda. Din il-mixja kollha hi mwettqa *fit-tama*: it-tama li għad jaslu f’dik l-Art, u proprju f’dan is-sens hi “eżodu”, ħruġ mill-jasar għall-ħelsien. U dawn l-erbgħin jum huma wkoll għalina lkoll ħruġ mill-jasar, mid-dnub, lejn il-libertà, lejn il-laqgħa ma’ Kristu Rxoxt. Kull pass, kull taħbit, kull prova, kull waqgħa u kull qawmien mill-ġdid, kollox għandu sens biss fi ħdan il-pjan ta’ salvazzjoni ta’ Alla, li għall-poplu tiegħu jrid il-ħajja u mhux il-mewt, il-ferħ u mhux in-niket.

L-*Għid ta’ Ġesù hu l-eżodu tiegħu*, li bih hu fetħilna t-triq biex naslu għall-ħajja sħiħa, eterna u hienja. Biex jiftħilna din it-triq, din il-mogħdija, Ġesù kellu jitneżża’ mill-glorja tiegħu, jiċċekken, isir ubbidjenti sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Biex jiftħilna t-triq għall-ħajja ta’ dejjem swielu demmu kollu, u grazzi għalih aħna ġejna mifdija mill-jasar tad-dnub. Imma dan ma jfissirx li hu diġà għamel kollox u aħna m’hemm bżonn nagħmlu xejn, li hu għadda mis-salib u aħna “se mmorru l-ġenna bil-ferrovija”. Le, mhux hekk. Is-salvazzjoni tagħna bla dubju hi don tiegħu, imma, ladarba hi storja ta’ mħabba, titlob l-“iva” tagħna u s-sehem tagħna fi mħabbtu, kif turina Ommna Marija u warajha l-qaddisin kollha.

Ir-Randan jgħix b’din id-dinamika: Kristu jimxi qabilna bl-eżodu tiegħu, u aħna naqsmu d-deżert grazzi għalih u warajh. Hu ttentat għalina, u rebaħ lit-Tentatur għalina, imma aħna wkoll irridu bħalu naffrontaw it-tentazzjonijiet u negħlbuhom. Hu jagħtina l-ilma ħaj tal-Ispirtu tiegħu, imma aħna rridu nersqu lejn l-għajn tiegħu u nixorbu, fis-Sagramenti, fit-talb, fl-adorazzjoni; hu d-dawl li jirbaħ id-dlamijiet, u aħna rridu nixegħlu l-fjamma ċkejkna li ġiet fdata lilna fil-jum tal-Magħmudija tagħna.

F’dan is-sens ir-Randan hu “sinjal sagramentali tal-konverżjoni tagħna” (*Missal Ruman*, Kolletta tal-Ewwel Ħadd tar-Randan); min jimxi t-triq tar-Randan dejjem jinsab fit-triq tal-konverżjoni. Ir-Randan hu sinjal sagramentali tal-mixja tagħna mill-jasar għall-ħelsien, li dejjem trid tiġi mġedda. Mixja li ċertament hi impenjattiva, kif għandha tkun, għax l-imħabba titlob impenn, imma hi mixja mimlija tama. Anzi, ngħid iżjed minn hekk: l-eżodu tar-Randan hu l-mixja li fiha l-istess tama *tiġi msawra*. It-taħbit tal-qsim tad-deżert – il-provi kollha, it-

tentazzjonijiet, l-illużjonijiet, it-taqriq kollu… –, dan kollu jiswa biex isawwar tama qawwija, soda, fuq ix-xempju ta’ dik tal-Verġni Marija, li qalb id-dlamijiet tal-passjoni u tal-mewt ta’ Binha ssoktat temmen u tittama fil-qawmien tiegħu, fir-rebħa tal-imħabba ta’ Alla.

B’qalbna miftuħa għal dan ix-xefaq, nidħlu llum fir-Randan. Inħossuna parti mill-poplu qaddis ta’ Alla, u nibdew bil-ferħ din il-mixja ta’ tama.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017*

**It-Tama Nisranija – 14. Nifirħu bit-tama (ara Rum 12:9-13)**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Nafu tajjeb li l-kmandament il-kbir li ħallielna l-Mulej Ġesù hu dak tal-imħabba: inħobbu lil Alla b'qalbna kollha, b'ruħna kollha u b'moħħna kollu, u nħobbu lill-proxxmu bħalna nfusna (ara Mt 22:37-39), jiġifieri aħna msejħin għall-imħabba, għall-karità. U din hi l-ogħla sejħa tagħna, l-ogħla vokazzjoni per eċċellenza; u magħha hu marbut ukoll il-ferħ tat-tama Nisranija. Min iħobb għandu l-ferħ tat-tama, li jasal biex jiltaqa' mal-imħabba kbira li hu l-Mulej.

L-Appostlu Pawlu, fis-silta tal-Ittra lir-Rumani li għadna kemm smajna, jifthilna għajnejna: hemm ir-riskju li l-karità tagħna tkun wiċċ b'ieħor, li l-imħabba tagħna tkun wiċċ b'ieħor. Għalhekk irridu nistaqsu lilna nfusna: Meta jiġri li nuru wiċċ b'ieħor? U kif nistgħu nkunu żguri li l-imħabba tagħna hi sinċiera, li l-karità tagħna hi awtentika? Li ma nkunux nagħmlu tabirruħna qed nagħmlu karità jew li l-imħabba tagħna tkun bħal tas-serje televiżivi: imħabba sinċiera, qawwija…

Il-*wiċċ b'ieħor* jista' jindiehes kullimkien, anki *fil-mod kif aħna nħobbu*. Dan jiġri meta tagħna tkun imħabba interessata, misjuqa mill-interessi personali; u kemm imħabbiet interessati jeżistu… meta s-servizzi ta' karità fejn jidhrilna li aħna ġenerużi nagħmluhom biex nidhru aħna u biex inħossuna sew: "Imma kemm jien tajjeb"! Le, dan hu wiċċ b'ieħor. Jew meta nimmiraw għal ħwejjeġ li "jidhru" biex nuru l-intelliġenza tagħna jew il-ħila tagħna. Wara dan kollu hemm idea falza, qarrieqa, li trid tgħidilna li, jekk inħobbu, dan għax aħna tajbin; bħallikieku l-karità kienet ħolqien tal-bniedem, prodott ta' qalbna. Imma l-karità hi qabelxejn *grazzja*, rigal; il-fatt li nistgħu nħobbu hu don ta' Alla, u rridu nitolbuhulu. U hu jagħtihulna minn qalbu, jekk nitolbuh. Il-karità hi grazzja: mhix li nuru dak li aħna aħna, imma dak li l-Mulej jagħtina u li aħna nilqgħu b'mod ħieles; u ma nistgħux nesprimuha fil-laqgħa tagħna mal-oħrajn jekk qabel ma titnissilx mil-laqgħa tagħna mal-wiċċ twajjeb u ħanin ta' Ġesù.

Pawlu jistedinna nagħrfu li aħna midinbin, u li anki l-mod ta' kif inħobbu hu mmarkat mid-dnub. Fl-istess waqt, imma, iħabbrilna *bxara ġdida, bxara ta' tama*: il-Mulej jiftaħ quddiemna triq ta' ħelsien, triq ta' salvazzjoni. Hi l-

possibbiltà li ngħixu aħna wkoll il-kmandament kbir tal-imħabba, li nsiru strumenti tal-karità ta' Alla. U dan iseħħ meta nħallu l-qalb ta' Kristu Rxoxt tfejjaqna u ġġeddidna. Kristu Rxoxt li jgħix fostna, li jgħix magħna hu kapaċi jfejjaq il-qalb tagħna: dan jagħmlu, jekk aħna nitolbuh. Hu li jippermettilna, imqar fiċ-ċokon u l-faqar tagħna, li nduqu l-ħniena tal-Missier u li niċċelebraw l-għeġubijiet ta' mħabbtu. U hekk nifhmu li dak kollu li nistgħu ngħixu u nagħmlu għal ħutna mhux ħlief it-tweġiba għal dak li Alla għamel u jissokta jagħmel għalina. Anzi, hu Alla nnifsu li jgħammar fil-qalb tagħna u fil-ħajja tagħna, u hekk ikompli jersaq qrib tagħna u jaqdi lil dawk kollha li ta' kuljum niltaqgħu magħhom fil-mixja tagħna, ibda minn dawk tal-aħħar u l-iktar fil-bżonn li fihom l-ewwel li hu jingħaraf.

Hekk l-Appostlu Pawlu b'dan il-kliem ma jridx tant iċanfarna, imma pjuttost *jagħmlilna l-qalb biex inqawwu fina t-tama*. Fil-fatt ilkoll kemm aħna nagħmlu l-esperjenza li ma ngħixux b'mod sħiħ jew kif għandu jkun il-kmandament tal-imħabba. Imma anki din hi grazzja, għax turina li waħidna m'għandniex il-ħila nħobbu tassew: għandna bżonn li l-Mulej iġedded kontinwament dan id-don fil-qalb tagħna, bl-esperjenza tal-ħniena bla tarf tiegħu. U allura tassew li nerġgħu lura biex napprezzaw il-ħwejjeġ żgħar, il-ħwejjeġ sempliċi, ordinarji; li nerġgħu lura biex napprezzaw dawn il-ħwejjeġ żgħar kollha ta' kuljum u nsiru kapaċi nħobbu lill-oħrajn kif iħobbhom Alla, irridulhom il-ġid, jiġifieri li jkunu qaddisin, ħbieb ta' Alla; u nithennew għall-possibbiltà li nersqu qrib ta' min hu fqir u umli, kif jagħmel Ġesù ma' kull wieħed u waħda minna meta nitbiegħdu minnu; li nitbaxxew maġenb riġlejn ħutna, kif hu, is-Samaritan it-Tajjeb, jagħmel ma' kull wieħed u waħda minna, bil-ħniena u l-maħfra tiegħu.

Għeżież ħuti, dan li fakkarna l-Appostlu Pawlu hu s-sigriet biex – ħa ninqeda bi kliemu – hu s-sigriet biex *"nifirħu bit-tama"* (Rum 12:12): hienja fit-tama. Il-ferħ tat-tama, biex nagħrfu li f'kull ċirkustanza, anki l-iktar waħda kerha, u anki fl-istess dgħufijiet tagħna, l-imħabba ta' Alla ma tonqosx. U hekk, bil-qalb miżjura mill-grazzja u l-fedeltà tiegħu, ngħixu fit-tama hienja li rroddu lil ħutna, imqar mill-ftit li nistgħu, il-ħafna li ta' kuljum nirċievu mingħandu. Grazzi.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 22 ta' Marzu 2017*

**It-Tama Nisranija – 15. Tama msejsa fuq il-Kelma (ara Rum 15:1-6)**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

L-Appostlu Pawlu diġà ilu xi ġimgħat jgħinna nifhmu aħjar x'inhi t-tama Nisranija. U għidna li mhix ottimiżmu, hi ħaġa iktar minn hekk. U l-Appostlu jgħinna nifhmuh dan. Illum dan jagħmlu billi jqabbilha ma' żewġ atteġġjamenti daqshekk ieħor importanti għal ħajjitna u għall-esperjenza tal-fidi tagħna: il-*"perseveranza"* u l-*"faraġ"* (vv. 4, 5). Fis-silta tal-Ittra lir-Rumani li għadna kemm smajna, darbtejn insibuhom imsemmija: l-ewwel f'riferiment għall-Iskrittura u mbagħad għal Alla nnifsu. X'inhi t-tifsira iktar profonda u iktar vera tagħhom? U b'liema mod jixħtu dawl fuq ir-realtà tat-tama? Dawn iż-żewġ atteġġjamenti: il-perseveranza u l-faraġ.

Il-*perseveranza* nistgħu nsejħulha wkoll *sabar*: hi l-ħila li nissaportu, nerfgħu fuq spallejna, "nissa-portu", nibqgħu fidili, anki meta t-toqol donnu jikber wisq, ma nibqgħux nifilħuh, u nħossuna mħajra niġġudikaw negattivament u nitilqu kollox u lil kulħadd. Il-*faraġ*, mill-banda l-oħra, hu l-grazzja li nagħrfu nilqgħu u nuru f'kull sitwazzjoni, anki f'dawk li huma iktar immarkati mid-delużjoni u t-tbatija, il-preżenza u l-ħidma kollha ħniena ta' Alla. Issa San Pawl ifakkarna li l-perseveranza u l-faraġ nirċevuhom b'mod partikulari *mill-Iskrittura* (v. 4), jiġifieri mil-Bibbja. Fil-fatt, il-Kelma ta' Alla, qabelxejn, twassalna biex nixħtu ħarsitna fuq Ġesù, biex insiru nafuh aħjar u nitwaħħdu miegħu, biex nixbhu dejjem iżjed lilu. It-tieni nett, il-Kelma turina li l-Mulej hu tabilħaqq "Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ" (v. 5), li jibqa' dejjem fidil għal imħabbtu lejna, jiġifieri li hu perseveranti fil-imħabba magħna, ma jegħja qatt iħobbna! Hu perseveranti: iħobbna dejjem! U jieħu ħsieb tagħna, jiksi l-ġrieħi tagħna biż-żegħila tat-tjieba tiegħu u tal-ħniena tiegħu, jiġifieri jfarraġna. Lanqas jegħja qatt ifarraġna.

F'din il-perspettiva, nifhmu wkoll l-affermazzjoni tal-bidu tal-Appostlu: "Aħna li aħna sħaħ fil-fidi għandna ngħinu lid-dgħajfa jerfgħu l-piż tagħhom u mhux infittxu nogħġbu lilna nfusna" (v. 1). Din l-espressjoni "aħna li aħna sħaħ" tista' tidher preżunzjoni, imma fil-loġika tal-Vanġelu nafu li mhux hekk, anzi, hu proprju bil-maqlub, għax il-qawwa tagħna mhix ġejja minna, imma mill-Mulej. Min iġarrab fil-ħajja tiegħu l-imħabba fidila ta' Alla u l-faraġ tiegħu hu kapaċi,

anzi, fid-dmir li jkun qrib tal-aħwa iżjed dgħajfa u jaqsam magħhom id-dgħufijiet tagħhom. Jekk aħna nkunu qrib tal-Mulej, ikollna dik is-saħħa biex inkunu qrib tal-iżjed dgħajfa, tal-iżjed fil-bżonn u nfarrġuhom u nqawwuhom. Din hi t-tifsira. Dan aħna nistgħu nagħmluh bla ma noqogħdu nieħdu pjaċir bina nfusna, imma billi sempliċement inħossuna bħal "kanal" li minnu jgħaddu d-doni tal-Mulej; u hekk fil-konkret insiru dawk li *"jiżirgħu" t-tama*. Dan hu li l-Mulej jitlob minna, b'dik il-qawwa u dik il-ħila li nfarrġu u niżirgħu t-tama. U llum hemm bżonn niżirgħu t-tama, imma mhix ħaġa ħafifa.

Il-frott ta' dan l-istil ta' ħajja mhix komunità fejn xi wħud huma ta' "klassi A", jiġifieri dawk b'saħħithom, u oħrajn ta' "klassi B", jiġifieri d-dgħajfa. Il-frott, kif jgħid San Pawl, hu li "tkunu fehma waħda bejnietkom skont Kristu Ġesù" (v. 5). Il-Kelma ta' Alla tkabbar fina *tama li tinbidel konkretement fi qsim, f'qadi lil xulxin*. Għax anki min hu "b'saħħtu" xi darba jew oħra ħa jsib ruħu jġarrab id-dgħufija u fil-bżonn tal-faraġ tal-oħrajn; u viċiversa, fid-dgħufija dejjem nistgħu noffru tbissima jew id lil ħuna fid-diffikultà. U hi komunità bħal din li "b'fomm wieħed u b'qalb waħda tfaħħar lil Alla" (ara v. 6). Imma dan kollu hu possibbli biss jekk inqiegħdu fiċ-ċentru lil Kristu, il-Kelma tiegħu, għax hu l-"qawwi", hu dak li jagħtina s-saħħa, li jagħtina s-sabar, li jagħtina t-tama, li jagħtina l-faraġ. Hu "ħuna l-qawwi" li jieħu ħsieb ta' kull wieħed u waħda minna: ilkoll fil-fatt għandna bżonn li niġu merfugħin fuq spallejn ir-Ragħaj it-Tajjeb u li nħossuna mdawra mill-ħarsa tiegħu ħelwa u kollha attenzjoni.

Għeżież ħbieb, qatt ma nistgħu nirringrazzjaw biżżejjed lil Alla għad-don tal-Kelma tiegħu, li hi preżenti fl-Iskrittura. Hemm li l-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu jidher bħala "Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ". U hemm li aħna nagħrfu kif it-tama tagħna mhix imsejsa fuq il-ħiliet tagħna u fuq is-saħħa tagħna, imma fuq it-tweżin ta' Alla u fuq il-fedeltà ta' mħabbtu, jiġifieri fuq il-qawwa u l-faraġ ta' Alla. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

## UDJENZA ĠENERALI

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017*

### It-Tama Nisranija – 16. It-tama kontra kull tama (ara Rum 4:16-25)

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Is-silta mill-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani li għadna kemm smajna hi rigal kbir għalina. Fil-fatt, aħna mdorrijin nagħrfu f'Abraham il-missier tagħna fil-fidi; illum l-Appostlu jfehimna kif Abraham hu għalina *missier fit-tama*; mhux biss *missier fil-fidi*, imma *missier fit-tama*. U dan għax fl-istorja tiegħu diġà nsibu bxara tal-Qawmien, tal-ħajja ġdida li tegħleb il-ħażen u l-istess mewt.

Fit-test jingħad li Abraham emmen f'Alla "li jagħti l-ħajja lill-mejtin, u li jsejjaħ fl-eżistenza lil dak li ma jeżistix" (Rum 4:17); u mbagħad jippreċiża: "U ma naqasx fil-fidi tiegħu, anqas meta ġieb quddiem għajnejh li ġismu kien mejjet għax kien għoddu laħaq il-mitt sena, u mejjet ukoll kien ġuf Sara" (Rum 4:19). Araw, din hi l-esperjenza li aħna wkoll imsejħin ngħixu. Alla li juri lilu nnifsu lil Abraham hu Alla li jsalva, Alla li joħroġ mill-qtigħ il-qalb u mill-mewt, Alla li jsejjaħ għall-ħajja. Fil-ġrajja ta' Abraham kollox isir għanja lil Alla li jeħles u jnissel mill-ġdid, kollox isir profezija. U jsir hekk għalina, għalina li issa nagħrfu u niċċelebraw it-twettiq ta' dan kollu fil-misteru tal-Għid. Fil-fatt Alla "qajjem mill-imwiet lil Ġesù Sidna" (Rum 4:24), biex aħna wkoll fih nistgħu ngħaddu mill-mewt għall-ħajja. Mela tabilħaqq Abraham jista' jissejjaħ "missier ta' kotra kbira ta' ġnus", għax jilma bħala bxara ta' umanità ġdida – aħna! –, li Kristu jifdi mid-dnub u mill-mewt u jdaħħal darba għal dejjem fit-tgħanniqa tal-imħabba ta' Alla.

Hawn, Pawlu jgħinna niffukaw fuq ir-rabta qawwija *bejn il-fidi u t-tama*. Fil-fatt hu jafferma li "meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen" (Rum

4:18). It-tama tagħna ma tistrieħx fuq raġunamenti, tbassir u rassigurazzjonijiet umani; u tidher hemm fejn ma fadalx iżjed tama, fejn m'għad hemm xejn fiex nittamaw, sewwasew kif seħħ lil Abraham, quddiem il-mewt imminenti tiegħu u l-isterilità ta' martu Sara. Għalihom kien qed joqrob it-tmiem, ma setgħux ikollhom tfal, u f'dik il-qagħda, Abraham emmen u ttama kontra kull tama. U din ħaġa kbira! It-tama kbira ssib għeruqha fil-fidi, u sewwasew għalhekk hi kapaċi tmur lil hemm minn kull tama. Iva, għax ma tinbeniex fuq il-kelma tagħna, imma fuq il-Kelma ta' Alla. Allura, imqar f'dan is-sens, aħna msejħin nimxu fuq l-eżempju ta' Abraham, li, imqar quddiem l-evidenza ta' realtà li donnha ddestinata biex tmut, jafda f'Alla, "żamm bis-sħiħ li min kien għamillu l-wegħda kien qawwi biżżejjed biex iżomm kelmtu" (Rum 4:21). Nixtieq nagħmlilkom mistoqsija: Aħna, ilkoll kemm aħna, konvinti minn dan? Aħna konvinti li Alla jridilna l-ġid u li dak kollu li wegħedna hu lest li jwasslu sat-tmiem? Imma, Dun, kemm irridu nħallsu? Hemm biss prezz wieħed: "iftħu qalbkom". Iftħu qalbkom u din il-qawwa ta' Alla tmexxikom 'il quddiem, kapaċi tagħmel l-għeġubijiet u tgħallimkom x'inhi t-tama. Dan hu l-uniku prezz: iftħu qalbkom għall-fidi u hu jagħmel il-bqija.

Dan hu l-paradoss u fl-istess waqt l-iktar element b'saħħtu u għoli tat-tama tagħna! Tama mibnija fuq wegħda li mill-perspettiva umana tidher inċerta u imprevedibbli, imma li qatt ma tonqos lanqas quddiem il-mewt, għax dak li qed jagħmel il-wegħda hu Alla tal-Qawmien u l-ħajja. Mhux qed iwiegħed wieħed kien li kien! Dak li qed jagħmel il-wegħda hu Alla tal-Qawmien u l-ħajja.

Għeżież ħuti, lill-Mulej illum nitolbuh il-grazzja li nibqgħu nistrieħu mhux tant fuq iċ-ċertezzi tagħna, fuq il-ħiliet tagħna, imma fuq it-tama li toħroġ mill-wegħda ta' Alla, bħala veri wlied ta' Abraham. Meta Alla jwiegħed, iwassal fit-tmiem dak li jkun wiegħed. Qatt ma jerġa' lura kelma waħda biss. U hekk il-ħajja tagħna tikseb dawl ġdid, fl-għarfien li Dak li qajjem lil Ibnu mill-mewt se jqajjem lilna wkoll u jagħmilna tabilħaqq ħaġa waħda miegħu, flimkien ma' ħutna kollha fil-fidi. Aħna lkoll nemmnu. Illum qegħdin kollha fil-pjazza, infaħħru lill-Mulej, inkantaw il-Missierna, imbagħad nirċievu l-barka… Imma dan jgħaddi. Imma din hi wkoll wegħda mimlija tama. Jekk illum aħna niftħu qalbna, niżgurakom li lkoll kemm aħna għad niltaqgħu fil-pjazza tal-Ġenna li ma tgħaddi qatt u tibqa' għal dejjem. Din hi l-wegħda ta' Alla u din hi t-tama tagħna, jekk aħna niftħu qlubna. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

## UDJENZA ĠENERALI

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 5 ta' April 2017*

### It-Tama Nisranija

### 17. Nagħtu raġuni tat-tama li hemm fina (ara 1 Pt 3:8-17)

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

L-Ewwel Ittra tal-Appostlu Pietru fiha kontenut straordinarju! Triq taqraha għal darba, darbtejn, tlieta biex tifhmu, dan il-kontenut straordinarju: għandha mod kif tagħti faraġ u sliem kbir, kif tfehimna li l-Mulej hu dejjem qrib tagħna u ma jitlaqna qatt waħidna, fuq kollox fis-sitwazzjonijiet l-iżjed delikati u ibsin tal-ħajja tagħna. Imma liema hu s-"sigriet" ta' din l-Ittra, u b'mod partikulari tas-silta li għadna kemm smajna (ara 1 Pt 3:8-17)? Din hi l-mistoqsija. Naf li llum intom sa taqbdu t-Testment il-Ġdid, tfittxu l-Ewwel Ittra ta' Pietru u taqrawha bil-mod il-mod, biex tifhmu s-sigriet u l-qawwa ta' din l-Ittra. Liema hu s-sigriet ta' din l-Ittra?

1. Is-sigriet qiegħed fil-fatt li din il-kitba *tniżżel l-għeruq tagħha direttament fl-Għid*, fil-qalba tal-misteru li wasalna biex niċċelebraw, u hekk tgħinna nifhmu d-dawl u l-hena kollha li joħorġu mill-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Kristu qam tassew, u din hi tislima sabiħa li nistgħu nagħtu lil xulxin nhar l-Għid: "Kristu qam! Kristu qam!", kif jagħmlu ħafna popli. Infakkru lil xulxin li Kristu qam, hu ħaj fostna, hu ħaj u jgħammar f'kull wieħed u waħda minna. Hu għalhekk li San Pietru jistedinna nqimuh fi qlubna (ara v. 16). Hemm il-Mulej daħal jgħammar fil-waqt tal-Magħmudija tagħna, u minn hemm jissokta jġedded lilna u l-ħajja tagħna, u jimliena bl-imħabba tiegħu u bil-milja tal-Ispirtu tiegħu. Hekk hu allura għaliex l-Appostlu jirrikkmandalna *nagħtu raġuni tat-tama li hemm fina* (ara v. 16): it-tama tagħna mhijiex xi kunċett, mhix sentiment, mhix mowbajl, mhix ġabra ta' għana! It-tama tagħna hi Persuna, hu l-Mulej Ġesù li aħna nagħrfuh ħaj u preżenti fina u f'ħutna, għax Kristu qam. Il-popli Slavi

meta jsellmu lil xulxin, flok jgħidu “l-għodwa t-tajba”, “il-lejl it-tajjeb”, fil-jiem tal-Għid isellmu lil xulxin bit-tislima “Kristu qam!”, “*Christos voskrese*!” jgħidu lil xulxin; u jieħdu gost jgħiduha! U din hi “l-għodwa t-tajba” u “l-lejl it-tajjeb” li jagħtu lil xulxin: “Kristu qam!”.

2. Nifhmu allura li din it-tama ma nistgħux tant nagħtu raġuni tagħha fuq livell teoriku, bil-kliem, imma fuq kollox bix-xhieda ta’ ħajjitna, u dan kemm fi ħdan il-komunità Nisranija, u kemm barra minnha. Jekk Kristu hu ħaj u jgħammar fina, fil-qalb tagħna, allura jeħtieġ anki nħalluh jidher, ma naħbuhx, u jaġixxi fina. Dan ifisser li l-Mulej Ġesù għandu jsir dejjem iżjed il-mudell tagħna: mudell ta’ ħajja u li aħna għandna nitgħallmu nġibu ruħna kif ġab ruħu hu. Nagħmlu dak li kien jagħmel Ġesù. It-tama li tgħammar fina, għalhekk, ma tistax tibqa’ moħbija fina, fil-qalb tagħna: tkun tama dgħajfa, li m’għandhiex il-kuraġġ toħroġ barra u turi ruħha; imma t-tama tagħna, kif joħroġ mis-Salm 33 ikkwotat minn Pietru, bil-fors trid toħroġ barra, tieħu l-għamla bnina u li ma tistax tifxilha tal-ħlewwa, tar-rispett, tat-tjieba mal-proxxmu, u tasal saħansitra biex taħfer lil min jagħmlilna d-deni. Persuna bla tama ma jirnexxilhiex taħfer, ma jirnexxilhiex tagħti l-faraġ tal-maħfra u *ssib* il-faraġ li taħfer. Iva, għax hekk għamel Ġesù, u hekk jibqa’ jagħmel permezz ta’ dawk li jagħmlulu wisa’ fil-qalb tagħhom u fil-ħajja tagħhom, għax jafu li l-ħażen ma tistax tirbħu bil-ħażen, imma bl-umiltà, il-ħniena u t-tjieba. Il-mafjużi jaħsbu li l-ħażen tista’ tirbħu bil-ħażen, u hekk jagħmlu vendetta u jagħmlu tant ħwejjeġ li kollha nafu x’inhuma. Imma ma jafux x’inhuma l-umiltà, il-ħniena u t-tjieba. U għaliex? Għax il-mafjużi ma għandhomx tama. Aħsbu f’dan.

3. Araw għaliex San Pietru jafferma li “aħjar tbati għax tkun għamilt it-tajjeb milli għax tkun għamilt il-ħażin” (v. 17): ma jridx jgħid li ħaġa sewwa tbati, imma li, meta nbatu għal xi ħaġa tajba, inkunu f’komunjoni mal-Mulej, li aċċetta li jbati u li jiġi msammar ma’ salib għas-salvazzjoni tagħna. Allura meta aħna wkoll, fl-iktar sitwazzjonijiet ċkejknin jew kbar tal-ħajja tagħna, naċċettaw li nbatu għat-tajjeb, inkunu qisna qed inqassmu madwarna żerriegħa tal-qawmien, żerriegħa tal-ħajja, u fid-dalma nagħmlu jiddi d-dawl tal-Għid. Għalhekk l-Appostlu jistedinna nwieġbu dejjem “bil-barka” (v. 9): il-barka mhix formalità, mhix biss sinjal ta’ kortesija, imma hi don kbir li aħna l-ewwel irċivejnieh u li għandna l-possibbiltà li naqsmu ma’ ħutna. Hi t-tħabbira tal-imħabba ta’ Alla, imħabba bla qies, li ma tispiċċax, li qatt ma tonqos u li hi l-bażi vera tat-tama tagħna.

Għeżież ħbieb, nifhmu wkoll għaliex l-Appostlu Pietru jsejħilna "hienja", meta nbatu għall-ġustizzja (ara v. 13). Mhux biss għal raġuni morali jew axxetika, imma għax kull darba li aħna noqogħdu l-aħħar u ma' min hu mwarrab jew meta ma nweġbux b'ħażen għall-ħażen, imma naħfru, bla vendetta, billi naħfru u nbierku, kull darba li nagħmlu dan aħna nilmaw bħala sinjali ħajjin u dawwala ta' tama, u hekk insiru strument ta' faraġ u ta' sliem, skont il-qalb ta' Alla. U hekk nibqgħu mexjin bil-ħlewwa, it-tjieba, bl-imħabba u billi nagħmlu l-ġid anki lil dawk li ma jħobbuniex, jew li jagħmlulna d-deni. Ejjew nimxu!

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

## UDJENZA ĠENERALI

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 12 ta' April 2017*

### It-Tama Nisranija – 18. It-tamiet tad-dinja u t-tama tas-Salib (ara Ġw 12:24-25)

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Il-Ħadd li għadda fakkarna d-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm, fost l-għajat ferrieħi tad-dixxipli u ta' ġmiegħi kbar. Dawn in-nies kellhom ħafna tama f'Ġesù: ħafna kienu qed jistennew minnu mirakli u sinjali kbar, manifestazzjonijiet ta' setgħa u saħansitra l-ħelsien mill-għedewwa ħakkiema. Min minnhom qatt stħajjel li fi ftit tal-jiem oħra Ġesù kellu jiġi umiljat, ikkundannat u mogħti l-mewt tas-salib? It-tamiet ta' din id-dinja li kellhom dawk in-nies ġew fix-xejn quddiem is-salib. Imma aħna nemmnu li sewwasew fil-Mislub it-tama tagħna titnissel mill-ġdid. It-tamiet ta' din id-dinja jaqgħu quddiem is-salib, imma jitwieldu tamiet ġodda, dawk li jibqgħu għal dejjem. Hi tama differenti dik li titwieled mis-salib. Hi tama differenti minn dawk li jiġu fix-xejn, minn dawk tad-dinja. Imma x'tama hija din? Liema hi dik it-tama li titwieled mis-salib?

Dan nistgħu nifhmuh jekk naraw x'jgħid Ġesù sewwasew wara li jidħol Ġerusalemm: *"Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott"* (Ġw 12:24). Ippruvaw ġibu f'moħħkom ħabba tal-qamħ jew żerriegħa ċkejkna, li taqa' fl-art. Jekk tibqa' magħluqa fiha nfisha, ma jiġri xejn; imma jekk titkisser, tinfetaħ, u hekk tagħti l-ħajja lil żbula, li tibda twarrad, u mbagħad lil xitla, u x-xitla tagħti l-frott.

Ġesù ġab lid-dinja tama ġdida u dan għamlu bħaż-żerriegħa: sar ċkejken ċkejken, bħal ħabba tal-qamħ; ħalla l-glorja tiegħu tas-Sema biex ġie fostna: "waqa' fl-art". Imma dan ma kienx biżżejjed. Biex jagħti l-frott Ġesù għex l-

imħabba sal-aħħar, ħalla li jitkisser mill-mewt bħal żerriegħa li titkisser taħt l-art. Proprju hemm, fl-iktar punt estrem li fih tbaxxa – li hu wkoll l-ogħla punt tal-imħabba – *warrdet it-tama*. Jekk xi ħadd minnkom jistaqsini: "Kif titwieled it-tama?". "Mis-salib. Ħares lejn is-salib, ħares lejn Kristu Kurċifiss u minn hemm tasallek it-tama li ma tgħib qatt iżjed, dik li tibqa' għall-ħajja ta' dejjem". U din it-tama warrdet sewwasew bil-qawwa tal-imħabba: għax l-imħabba li "kollox tittama, kollox tissaporti" (1 Kor 13:7), l-imħabba li hi l-ħajja ta' Alla, ġeddet dak kollu li messet miegħu. Hekk, fl-Għid, Ġesù bidel id-dnub tagħna f'maħfra, u dan għamlu billi ħadu fuqu. Imma isimgħu tajjeb kif inhi din it-trasformazzjoni li jġib miegħu l-Għid: Ġesù bidel id-dnub tagħna f'maħfra, il-mewt tagħna f'qawmien, il-biża' tagħna f'fiduċja. Għalhekk li fuq is-salib twieldet u dejjem titwieled mill-ġdid it-tama tagħna; għalhekk li ma' Ġesù kull dalma tagħna tista' tiġi mibdula f'dawl, kull telfa f'rebħa, kull qtigħ il-qalb f'tama. Kull waħda: iva, kull waħda. It-tama tegħleb kollox, għax ġejja mill-imħabba ta' Ġesù li sar bħall-ħabba tal-qamħ fl-art u miet biex jagħtina l-ħajja, u minn dik il-ħajja mimlija mħabba tiġina t-tama.

Meta nagħżlu t-tama ta' Ġesù, bil-ftit il-ftit niskopru li t-triq rebbieħa hi dik taż-żerriegħa, dik tal-imħabba umli. M'hemmx triq oħra biex nirbħu l-ħażen u nagħtu tama lid-dinja. Imma forsi ħa tgħiduli: "Le, din loġika telliefa!". Hekk tidher, li hi loġika telliefa, għax min iħobb jitlef kull setgħa. Qatt ħsibtu f'dan? Min iħobb jitlef kull setgħa, min jagħti, jitlaq xi ħaġa minn idejh, u li tħobb hu don. Fir-realtà l-loġika taż-żerriegħa li tmut, tal-imħabba umli, hi t-triq ta' Alla, u din biss tagħti l-frott. Dan narawh ukoll fina: meta niksbu xi ħaġa, dan iġagħalna nixxenqu għal xi ħaġa oħra: ksibt xi ħaġa għalija u dritt irrid oħra ikbar, u hekk sejrin, u qatt ma jien sodisfatt b'xejn. Kilba kerha dih! Iktar ma għandek, iktar trid. Min dejjem għatxan biex ikollu iżjed, l-għatx ma jaqtgħu qatt. U Ġesù ma joqgħodx jomgħodha dwar hekk: "Min iħobb ħajt*u*, jitlifha" (Ġw 12:25). Int dejjem trid, dejjem tfittex li tikseb tant ħwejjeġ, imma… se titlef kollox, anki ħajtek, jiġifieri: min iħobb *lilu nnifsu* u jgħix għall-interessi tiegħu, jintefaħ biss bih innifsu, u joħroġ tellief. Imma min jilqa', huwa disponibbli u lest jaqdi, jgħix bħal Alla: u hekk jirbaħ, isalva lilu nnifsu u lill-oħrajn; isir *żerriegħa ta' tama* għad-dinja. Kemm hi ħaġa sabiħa tgħin lill-oħrajn, taqdi lill-oħrajn… Nistgħu negħjew! Imma l-ħajja hekk hi, u l-qalb timtela bil-ferħ u bit-tama. Din hi mħabba u tama flimkien: taqdi u tagħti.

Daż-żgur, din l-imħabba vera tgħaddi mis-salib, is-sagrifiċċju, kif ġralu Ġesù. Is-salib hu t-triq obbligatorja, imma mhux id-destinazzjoni, hu biss mogħdija: id-destinazzjoni hi l-glorja, kif jurina l-Għid. U hawn insibu tgħinna xbieha oħra

mill-isbaħ, li Ġesù ħalla lid-dixxipli tiegħu fl-Aħħar Ċena. Jgħidilhom: "Il-mara, meta tkun se tiled tħossha mdejqa, għax tkun waslet is-siegħa tagħha; iżda meta tkun twieldet it-tarbija, ma tiftakarx iżjed fl-uġigħ, bil-ferħ li twieled bniedem fid-dinja" (Ġw 16:21). Araw: tagħti l-ħajja, mhux tagħmilha tiegħek. U dan hu li jagħmlu l-ommijiet: jagħtu ħajja oħra, ibatu, imma mbagħad jifirħu, kuntenti li taw id-dawl lil ħajja ġdida. Tagħti l-ferħ; l-imħabba tagħti dawl lill-ħajja u tagħti wkoll sens lit-tbatija. L-imħabba hi l-mutur li jmexxi t-tama tagħna. Intenni: l-imħabba hi l-mutur li jmexxi t-tama tagħna. U kull wieħed u waħda minna jista' jistaqsi lilu nnifsu: "Jiena nħobb? Tgħallimt inħobb? Qed nitgħallem kuljum inħobb ftit iżjed?", għax l-imħabba hi l-mutur li jmexxi t-tama tagħna.

Għeżież ħuti, f'dawn il-jiem, jiem ta' mħabba, inħallu jdawwarna l-misteru ta' Ġesù li, bħal ħabba tal-qamħ, imut biex jagħtina l-ħajja. Hu ż-żerriegħa tat-tama tagħna. Nikkontemplaw il-Kurċifiss, għajn ta' tama. Naqra naqra nibdew nifhmu illi li nittamaw ma' Ġesù jfisser nitgħallmu naraw diġà minn issa x-xitla li hemm moħbija fiż-żerriegħa, l-Għid fis-salib, il-ħajja fil-mewt. Issa rrid nagħtikom biċċa xogħol għad-dar. Nagħmlu sew jekk nieqfu quddiem il-Kurċifiss – kollha għandkom xi wieħed id-dar – inħarsu lejh u ngħidulu: "Miegħek xejn mhu mitluf. Miegħek nista' dejjem nittama. Int it-tama tiegħi". Nistħajlu issa lill-Kurċifiss u lkoll flimkien għal tliet darbiet ngħidu lil Ġesù Msallab: "Int it-tama tiegħi". Ilkoll: "Int it-tama tiegħi". B'iżjed saħħa! "Int it-tama tiegħi". Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 19 ta' April 2017*

**It-Tama Nisranija – 19. Kristu Rxoxt it-tama tagħna (ara 1 Kor 15)**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum qed niltaqgħu għad-dawl tal-Għid, li ċċelebrajna u nkomplu niċċelebraw bil-Liturġija. Għalhekk, fil-mixja tagħna ta' katekeżi fuq it-tama Nisranija, illum nixtieq inkellimkom fuq Kristu Rxoxt, it-tama tagħna, kif jippreżentah San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin (ara kap. 15).

L-Appostlu jrid isolvi problematika li żgur li fil-komunità ta' Korintu kienet fil-qalba ta' diskussjonijiet jaħarqu. Il-qawmien hu l-aħħar argument li taffronta l-Ittra, imma aktarx, fl-ordni tal-importanza, hu l-ewwel wieħed: fil-fatt kollox jistrieħ fuq dan il-presuppost.

Huwa u jkellem lill-Insara tiegħu, Pawlu jitlaq minn ċertezza kbira, li mhix il-frott ta' riflessjoni ta' xi raġel għaref, imma fatt, sempliċi fatt li daħal fil-ħajja ta' xi persuni. Il-Kristjaneżmu minn hawn jitwieled. Mhux xi ideoloġija, mhux xi sistema filosofika, imma mixja ta' fidi li titlaq minn ġrajja, li xhieda tagħha huma l-ewwel dixxipli ta' Ġesù. Pawlu dan kollu jiġbru hekk: Ġesù miet għal dnubietna, ġie midfun, u fit-tielet jum qam u deher lil Pietru u lit-Tnax (ara 1 Kor 15:3-5). Dan hu l-fatt: miet, indifen, qam u deher. Mela Ġesù huwa ħaj! Din hi l-qalba tal-messaġġ Nisrani.

Meta jħabbar din il-ġrajja, li hi l-qalba tal-fidi, Pawlu fuq kollox jisħaq fuq l-aħħar element tal-Misteru tal-Għid, jiġifieri fuq il-fatt li Ġesù qam. Fil-fatt, kieku kollox kellu jintemm mal-mewt, fih kien ikollna eżempju tal-ogħla għotja, imma dan ma kienx ikun biżżejjed biex iwelled il-fidi tagħna. Kien eroj. Le! Miet, imma qam. Għax il-fidi titnissel mill-qawmien. Li naċċettaw li Kristu miet, u miet mislub, mhuwiex att ta' fidi, hu fatt storiku. Imma li nemmnu li hu qam, iva. Il-fidi tagħna titwieled fl-għodwa tal-Għid. Pawlu jagħtina lista tal-persuni li lilhom deher Kristu Rxoxt (ara vv. 5-7). Hawn għandna ġabra ċkejkna tar-rakkonti kollha tal-Għid u tal-persuni kollha li ltaqgħu mal-Irxoxt. Fuq nett tal-lista hemma Kefa, jiġifieri Pietru, u l-grupp tat-Tnax, imbagħad "ħames mitt aħwa" li ħafna minnhom kienu għadhom jistgħu jagħtu x-xhieda tagħhom, imbagħad jissemma Ġakbu. Fl-aħħar tal-lista – qisu kien l-iżgħar fost kulħadd –

ipoġġi lilu nnifsu. Pawlu jgħid hekk fuqu nnifsu: "qisni twelidt mormi qabel il-waqt" (ara v. 8).

Pawlu juża din l-espressjoni għax l-istorja personali tiegħu hi drammatika: hu ma kienx xi abbati, imma kien persekutur tal-Knisja, kburi bil-konvinzjonijiet tiegħu; kien iħossu bniedem ta' suċċess, b'idea ċara ħafna ta' x'kienet il-ħajja bid-dmirijiet tagħha. Imma f'dan il-kwadru perfett – kollox kien perfett f'Pawlu, kien jaf kollox – f'dan il-kwadru ta' ħajja perfetta, jum minnhom wasal dak li assolutament ma kienx qed jistenna: il-laqgħa ma' Kristu Rxoxt, fit-triq ta' Damasku. Hemm ma kienx hemm biss bniedem li waqa' mal-art: kien hemm persuna maħtufa minn ġrajja li kellha taqilbilha ħajjitha ta' taħt fuq. U l-persekutur isir appostlu, għaliex? Għax jien rajt lil Ġesù ħaj! Jien rajt lil Ġesù Kristu Rxoxt! Dan hu l-fundament tal-fidi ta' Pawlu, kif ukoll tal-fidi tal-Appostli l-oħra, kif ukoll tal-fidi tal-Knisja, kif ukoll tal-fidi tagħna.

Kemm hi ħaġa sabiħa naħsbu li l-Kristjaneżmu, essenzjalment, hu dan! Mhux tant li aħna nfittxu lil Alla – tiftixa li, fil-verità, hi hekk imbandla –, imma pjuttost Alla li jfittex lilna. Ġesù qabadna, ħatafna, rebaħna għalih biex ma jitlaqna qatt u qatt iżjed. Il-Kristjaneżmu hu grazzja, hu sorpriża, u għalhekk jitlob qalb li kapaċi tistagħġeb. Qalb magħluqa, qalb li tirrazzjonalizza kollox mhijiex kapaċi tistagħġeb, u ma tistax tifhem x'inhu l-Kristjaneżmu. Għax il-Kristjaneżmu hu grazzja, u l-grazzja nistgħu nifhmuha biss, u iżjed u iżjed niltaqgħu magħha, fl-għoġba tal-laqgħa.

Mela, anki jekk aħna midinbin – u lkoll aħna –, jekk il-proponimenti tagħna li nagħmlu t-tajjeb baqgħu fuq il-karta, jew jekk, meta nħarsu lejn ħajjitna, nintebħu li kellna tant fallimenti… fl-għodwa tal-Għid nistgħu nagħmlu bħal dawk il-persuni li fuqhom jitkellem il-Vanġelu: immur fil-qabar ta' Kristu, nara l-ġebla kbira mgerrba, u naħseb kif Alla qed iwettaq għalija, għalina lkoll, futur li qatt ma stennejna. Immorru fil-qabar tagħna: kollha għandna xi qabar żgħir fina. Immorru hemm, u naraw kif Alla kapaċi jqum minn hemm. Hawn jinsab l-hena, hawn il-ferħ, il-ħajja, fejn kulħadd kien jaħseb li kien hemm biss dwejjaq, telfa u dalma. Alla jkabbar l-isbaħ ward tiegħu qalb il-blat l-aktar niexef.

Li nkunu Nsara jfisser ma nibdewx mill-mewt, imma mill-imħabba ta' Alla għalina, li rebaħ lill-eqqel għadu tagħna. Alla hu ikbar mix-xejn, u biżżejjed xemgħa mixgħula biex tirbaħ l-iktar lejl mudlam. Pawlu jgħajjat, f'eku tal-profeti: "Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt, in-niggieża tiegħek?" (v. 55). F'dawn il-jiem tal-Għid, ejjew inġorru f'qalbna din l-għajta. U jekk jistaqsuna għaliex qed nitbissmu daqshekk jew kif jirnexxielna naqsmu b'tant sabar mal-oħrajn, allura nistgħu nweġbuhom li Ġesù għadu hawn, li għadu jgħix ħaj fostna, li Ġesù jinsab hawn, fil-pjazza, magħna: ħaj u rxoxt.

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 26 ta' April 2017*

## It-Tama Nisranija – 20. "Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:20): il-wegħda li timla bit-tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

"*Jiena magħkom dejjem*, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:20). Dawn l-aħħar kelmiet tal-Vanġelu ta' Mattew ifakkruna fit-tħabbira profetika li nsibu fil-bidu: "U jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser *Alla magħna*" (Mt 1:23; ara Is 7:14). Alla hu magħna, il-jiem kollha, sal-aħħar taż-żmien. Ġesù jimxi magħna, kuljum, sal-aħħar taż-żmien. Il-Vanġelu kollu hu miġbur bejn dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet, kelmiet li jwasslulna l-misteru ta' Alla li ismu, l-identità tiegħu hi *li jkun magħna*: mhuwiex Alla iżolat, hu Alla-ma', b'mod partikulari *magħna*, jiġifieri mal-bnedmin. Alla tagħna mhuwiex Alla assenti, maħtuf minn xi sema mbiegħed ħafna; imma hu Alla "appassjonat" għall-bniedem, li jħobbu bi ħlewwa tant kbira li mhux kapaċi jinfired minnu. Aħna l-bnedmin kapaċi nfarrku r-rabtiet u l-pontijiet. Imma hu le. Jekk qalbna tixraf, tiegħu tibqa' dejjem tarmi s-sħana. Alla tagħna dejjem jimxi magħna, anki jekk b'xorti ħażina aħna ninsewh. Fuq dik il-linja li tifred in-nuqqas ta' twemmin mill-fidi, hi deċiżiva l-kixfa li aħna maħbuba u msieħba mill-Missier tagħna, li hu qatt ma jitlaqna għal riħna.

Il-ħajja tagħna hi *pellegrinaġġ, mixja*. Imqar dawk li huma mqanqla minn tama sempliċement umana, jintebħu li x-xefaq qed jiġbidhom lejh, li qed iħajjarhom jesploraw dinjiet li għadhom ma jafuhomx. Ir-ruħ tagħna hi *ruħ pellegrina*. Il-Bibbja mimlija stejjer ta' pellegrini u vjaġġaturi. Is-sejħa ta' Abraham tiftaħ b'dan il-kmand: "Qum u itlaq minn artek" (Ġen 12:1). U l-patrijarka ħalla dik ir-rokna tad-dinja li kien jafha tajjeb u li kienet benniena taċ-ċiviltà ta' żmienu. Kollox kien jipponta kontra s-sens ta' dak il-vjaġġ. Imma Abraham qabad u telaq. Ma nistgħux insiru rġiel u nisa maturi jekk ma nħossux ix-xefaq jiġbidna lejh: dak il-limitu bejn sema u art li jsejjaħ lejh poplu ta' nies mexjin.

*Fil-mixja tiegħu fid-dinja, il-bniedem mhu qatt waħdu.* Fuq kollox, in-Nisrani ma jħossu qatt abbandunat, għax Ġesù jiżgurana mhux biss li ħa jkun qed jistenniena fi tmiem il-vjaġġ twil tagħna, imma li ħa jimxi magħna f'kull jum ta' ħajjitna.

Kemm sa jdum Alla jieħu ħsieb tal-bniedem? Sa meta l-Mulej Ġesù, li jimxi magħna, sa meta sa jibqa' jieħu ħsiebna? It-tweġiba tal-Vanġelu ma tħallix lok għal dubju: *sal-aħħar taż-żmien!* Jgħaddu s-smewwiet, tgħaddi l-art, jitħassru t-tamiet umani, imma l-Kelma ta' Alla hi ogħla minn kollox u ma tgħaddix. U hu jkun Alla magħna, Alla Ġesù li jimxi magħna. Ma jkunx hemm jum minn ħajjitna li fih ma nibqgħux il-ħsieb fuq moħħ u qalb Alla. Imma xi ħadd jista' jgħidli: "Imma int x'qed tgħid?". Qed ngħid: mhux sa jkun hemm jum minn ħajjitna fejn ma nibqgħux fil-ħsieb u l-qalb ta' Alla. Hu ħsiebu fina, u jimxi magħna. U għaliex jagħmel dan? Sempliċement għax iħobbna. Fhimtuh dan? Iħobbna! U Alla żgur sa jipprovdi għal dak kollu li neħtieġu, mhux sa jitlaqna waħidna fi żmien il-prova u d-dalma. Din iċ-ċertezza trid tbejjet fil-qalb tagħna biex ma tintefa qatt. Hemm min isejħilha "Providenza". Jiġifieri l-qrubija ta' Alla, l-imħabba ta' Alla, il-mixi ta' Alla magħna jissejjaħ ukoll il-"Providenza ta' Alla": hu jipprovdi għal ħajjitna.

Mhux ta' b'xejn li qalb is-simboli Nsara tat-tama hemm wieħed li lili jogħġobni wisq: *l-ankra*. Din tesprimi l-fatt li t-tama tagħna mhix vojta; ma rridux inħawduha mas-sentiment li jinbidel ta' min irid itejjeb il-ħwejjeġ ta' din id-dinja b'mod xejn realistiku, għax jistrieħ biss fuq is-saħħa tar-rieda tiegħu nnifsu. Fil-fatt, it-tama Nisranija ssib għeruqha mhux fil-ġibda tal-futur, imma fiċ-*ċertezza ta' dak li Alla wiegħed u wettaq f'Ġesù Kristu*. Jekk hu ggarantielna li mhux sa jitlaqna qatt, jekk il-bidu ta' kull vokazzjoni hu "Ejja warajja", li biha hu jiżgurana li sa jibqa' miexi dejjem quddiemna, allura għaliex nibżgħu? B'din il-wegħda, l-Insara jistgħu jmorru kullimkien. Anki jekk naqsmu partijiet tad-dinja li sfaw midruba, fejn l-affarijiet mhumiex sejrin sew, aħna nkunu fost dawk li mqar hemm jibqgħu jittamaw. Jgħid is-Salm: "Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi" (Salm 23:4). Hu sewwasew fejn joktor id-dlam li hemm bżonn inżommu mixgħul id-dawl. Lura għall-ankra. Il-fidi tagħna hi l-ankra fis-sema. Aħna għandna ħajjitna ankrata fis-sema. Xi rridu nagħmlu? Niggranfaw mal-ħabel: dan dejjem hemm. U nibqgħu mexjin għax aħna żguri li l-ħajja tagħna għandha bħal ankra fis-sema, fuq dak ix-xatt fejn se naslu.

Daż-żgur, li kellna nafdaw biss fuq is-saħħa tagħna, kien ikollna raġuni inħossuna delużi u mirbuħa, għax id-dinja spiss twebbes rasha quddiem il-liġijiet tal-imħabba. Ħafna drabi tippreferi l-liġijiet tal-egoiżmu. Imma jekk tibqa' ħajja fina ċ-ċertezza li Alla ma jitlaqniex waħidna, li Alla jħobb bi ħlewwa liema bħalha lilna u lil din id-dinja, allura dritt tinbidel il-perspettiva. "*Homo viator, spe erectus*", kienu jgħidu l-antiki. Matul il-mixja, il-wegħda ta' Ġesù "Jiena magħkom" iżżommna fuq riġlejna, weqfin, bit-tama, nafdaw li Alla

kollu tjieba diġà qed jaħdem biex iwettaq dak li umanament jidher impossibbli, għax l-ankra qiegħda fuq ix-xtajta tal-Ġenna.

Il-poplu qaddis u fidil ta' Alla hu poplu fuq riġlejh – *"homo viator"* – u jinsab miexi, imma fuq riġlejh, *"erectus"*, u miexi fit-tama. U kull fejn imur, jaf li l-imħabba ta' Alla waslet hemm qablu: m'hemm l-ebda parti tad-dinja li tista' taħrab mir-rebħa ta' Kristu Rxoxt. U liema hi r-rebħa ta' Kristu Rxoxt? Ir-rebħa tal-imħabba. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 10 ta' Mejju 2017*

**It-Tama Nisranija – 21. Omm it-Tama**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Fil-mixja ta' katekeżi tagħna fuq it-tama Nisranija, illum inħarsu lejn Marija, Omm it-tama. Marija għaddiet minn kemm-il lejl fil-mixja tagħha ta' omm. Sa mill-ewwel darba li tidher fl-istorja tal-Vanġelu, il-figura tagħha tispikka bħallikieku kienet il-persunaġġ ta' xi dramm. Ma kinitx sempliċi tweġiba b'"iva" għall-istedina tal-anġlu: u hi, mara għadha fil-fjur ta' xbubitha, wieġbet bil-kuraġġ, minkejja li ma kellhiex idea ta' x'destin kien hemm jistennieha. Marija f'dak il-waqt tidher quddiemna bħala waħda mill-ħafna ommijiet tad-dinja tagħna, qalbiena sal-aħħar meta jiġu biex jilqgħu f'ġufhom l-istorja ta' bniedem ġdid li qed jitwieled.

Dik l-"iva" hi l-ewwel pass f'lista twila ta' ubbidjenzi – lista twila ta' ubbidjenzi! – li sa jsieħbu l-mixja tagħha ta' omm. Hekk Marija fil-vanġeli tidher bħala mara tas-skiet, li spiss ma tifhimx kulma qed iseħħ madwarha, imma li timmedita kull kelma u kull ġrajja fil-qalb tagħha.

F'din id-dispożizzjoni hemm parti sabiħa ħafna mill-psikoloġija ta' Marija: mhix mara li taqta' qalbha quddiem l-inċertezzi tal-ħajja, speċjalment meta donnu xejn ma jidher sejjer tajjeb. Lanqas mhi mara li tipprotesta bil-qawwa, li teħodha qatta' bla ħabel kontra d-destin tal-ħajja li spiss jidher ostili. Imma hi mara li tisma': tinsewx li dejjem hemm rabta kbira bejn it-tama u s-smigħ, u Marija hi mara li tisma'. Marija tilqa' l-ħajja kif tasal għandna, bil-jiem hienja tagħha, imma anki bit-traġedji tagħha li ma nkunux xtaqniehom. Sa dak il-lejl l-aktar għoli ta' Marija, meta Binha jiġi msammar mal-għuda tas-salib.

Sa dak il-jum, Marija kienet għoddha għebet mid-dramm tal-vanġeli: l-awturi sagri jħalluna nifhmu dan l-għajbien bil-mod il-mod tal-preżenza tagħha, il-fomm mitbuq tagħha quddiem il-misteru ta' Iben li jobdi lill-Missier. Imma Marija terġa' titfaċċa sewwasew fil-mument kruċjali: meta l-parti l-kbira tal-ħbieb tiegħu ħarbu għax beżgħu. L-ommijiet qatt ma jittradixxu, u f'dak il-waqt, f'riġlejn is-salib, ħadd minna ma jista' jgħid x'kienet il-passjoni l-iżjed kiefra: jekk hux dik ta' bniedem innoċenti qed imut fuq il-patibolu tas-salib, jew l-agunija ta' omm li ssieħeb dawk l-aħħar mumenti fil-ħajja ta' binha. Il-vanġeli

huma ta' ftit kliem, u diskreti ħafna. B'sempliċi verb ifissru l-preżenza tal-Omm: "kien hemm wieqfa" (Ġw 19:25), hi kienet hemm. Ma jgħidu xejn fuq ir-reazzjoni tagħha: jekk kinitx tibki jew le… xejn; l-ebda pinzellata biex ifissru t-tbatija ta' qalbha: fuq id-dettalji mbagħad daħlet tiġri l-immaġinazzjoni tal-poeti u l-pitturi li tawna xbihat li daħlu fl-istorja tal-arti u l-letteratura. Imma l-vanġeli jgħidulna biss: "kien hemm wieqfa". Kienet hemm, fl-ikreh mument, fl-iżjed mument kiefer, tbati ma' binha. "Kienet hemm".

Marija "kienet" hemm, sempliċement kienet hemm. Arawha mill-ġdid, ix-xebba ta' Nazaret, issa xagħarha griż biż-żmien li għadda minn fuqha, għadha tissara ma' Alla li għandu jiġi biss mgħannaq, u ma' ħajja li waslet fuq l-għatba tal-eħxen dalma. Marija "kienet" tinsab fl-eħxen dalma, imma hemm "kienet". Ma telqitx. Marija tinsab hemm, fedelment preżenti, kull darba li hemm bżonn iżżomm xemgħa mixgħula f'post iċ-ċpar u s-sħab. Lanqas hi ma tafu d-destin tal-qawmien li f'dak il-ħin Binha kien qed jiftaħ għalina l-bnedmin kollha: tinsab hemm b'fedeltà għall-pjan ta' Alla li tiegħu stqarret ruħha b'qaddejja fl-ewwel jum tas-sejħa tagħha, imma anki minħabba fl-istint tagħha ta' omm li sempliċiment tbati, kull darba li hemm xi ħadd minn uliedha li għaddej minn xi passjoni. It-tbatijiet tal-ommijiet: ilkoll xi darba ltqajna ma' nisa qawwija, li affrontaw tant tbatijiet ta' wliedhom!

Nerġgħu nsibuha fl-ewwel jum tal-Knisja, lilha, *omm it-tama*, qalb dik il-komunità ta' dixxipli hekk dgħajfa: wieħed kien ċaħdu, ħafna kienu ħarbu, kollha kienu beżgħu (ara Atti 1:14). Imma hi sempliċiment kienet hemm, bl-iktar mod normali, bħallikieku kienet xi ħaġa għalkollox naturali għaliha: fl-ewwel Knisja mgeżwra mid-dawl tal-Qawmien, imma anki mit-tregħid tal-ewwel passi li kellha twettaq fid-dinja.

Għalhekk ilkoll kemm aħna nħobbuha bħala Omm. Aħna ltiema: għandna Ommna fis-Sema, li hi l-Omm Qaddisa ta' Alla. Għax hi tgħallima l-virtù tal-istennija, anki meta kollox jidher bla sens: hi dejjem fiduċjuża fil-misteru ta' Alla, anki meta hu jidher li qed jinħeba ħtija tal-ħażen fid-dinja. Fil-mumenti ta' diffikultà, ħa tkun Marija, l-Omm li Ġesù ta lilna lkoll, li twieżen dejjem il-passi tagħna, u tgħid dejjem lil qalbna: "Qum! Ħares 'il quddiem, ħares lejn ix-xefaq", għax hi l-Omm tat-tama. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017*

**It-Tama Nisranija – 22. Marija Maddalena, Appostlu tat-Tama**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

F'dawn il-ġimgħat ir-riflessjoni tagħna qed iddur, biex ngħidu hekk, fl-orbita tal-Misteru tal-Għid. Illum se niltaqgħu ma' dik li, skont il-vanġeli, kienet l-ewwel waħda li rat lil Kristu Rxoxt: Marija Maddalena. Kien għadu kemm intemm il-mistrieħ tas-Sibt. Fil-jum tal-passjoni ma kienx hemm ħin biex ilestu r-riti funebri; għalhekk, f'dik l-għodwa ta' qsim il-qalb, in-nisa marru fuq il-qabar ta' Ġesù bil-fwejjaħ tad-dlik. L-ewwel li waslet kienet hi: Marija ta' Magdala, waħda mid-dixxipli li kienu ma' Ġesù sa mill-Galilija, għall-qadi tal-Knisja li kienet għadha titwieled. Fil-ġirja tagħha lejn il-qabar tidher il-fedeltà ta' tant nisa li għal snin sħaħ tarahom fil-passaġġi taċ-ċimiterji, jiftakru f'xi ħadd li m'għadux iżjed. Ir-rabtiet l-iżjed awtentiċi ma jitkissrux, lanqas bil-mewt: hemm min jibqa' jħobb, imqar jekk il-persuna maħbuba telqet għal dejjem.

Il-vanġelu (ara Ġw 20:1-2,11-18) jiddeskrivi lill-Maddalena billi dritt jgħid li kienet mara li malajr titħeġġeġ. Fil-fatt, wara l-ewwel żjara fil-qabar, hi terġa' lura qalbha maqtugħa fil-post fejn id-dixxipli kienu mistħobija; tgħidilhom li l-ġebla tneħħiet mid-daħla tal-qabar, u l-ewwel ipotesi tagħha hi l-iktar waħda sempliċi li tista' ssir: xi ħadd seraq il-ġisem ta' Ġesù. Hekk, l-ewwel aħbar li ġġib Marija mhix dik tal-qawmien, imma ta' serqa minn xi ħadd mhux magħruf, waqt li Ġerusalemm kollha kienet għadha rieqda.

Imbagħad il-vanġeli jirrakkuntaw it-tieni vjaġġ tal-Maddalena lejn il-qabar ta' Ġesù. Rasha iebsa kienet! Marret, reġgħet marret… għax ma kinitx konvinta! Din id-darba l-pass tagħha hu bil-mod, tqil ħafna. Marija qed tbati doppjament: l-ewwel nett għax miet Ġesù, u mbagħad għall-għibien inspjegabbli ta' ġismu.

Hu waqt li tinsab mixħuta ħdejn il-qabar, b'għajnejha mimlija dmugħ, li Alla jissorprendiha bl-aktar mod mhux mistenni. L-evanġelista Ġwanni jagħfas fuq kemm kien persistenti l-għama tagħha: lanqas tintebaħ bil-preżenza ta' żewġ anġli li jistaqsuha, u lanqas jgħaddilha minn moħħha l-iċken suspett meta tara lil dak ir-raġel li tfaċċa minn wara spallejha, li hi ħasbitu għassa mal-ġnien. Imma

hekk tiskopri l-aktar ġrajja straordinarja tal-istorja umana meta sa fl-aħħar tisma' min isejħilha b'isimha: "Marija!" (v. 16).

Xi ġmiel meta naħsbu kif l-ewwel dehra tal-Irxoxt – skont il-vanġeli – seħħet b'mod hekk personali! Kif hemm xi ħadd li jafna, li qed jara t-tbatija u l-qtigħ il-qalb tagħna, u li jitqanqal għalina, u li jsejħilna b'isimna. Hi liġi li nsibuha mnaqqxa f'ħafna paġni tal-vanġelu. Madwar Ġesù hemm tant persuni li qed ifittxu lil Alla: imma l-aktar realtà tal-għaġeb hi li, ħafna qabel, hemm qabelxejn Alla li ħsiebu f'ħajjitna, li jrid jerġa' jerfagħha 'l fuq, u biex jagħmel hekk isejħilna b'isimna, u jagħraf il-wiċċ personali ta' kull wieħed u waħda minna. Kull bniedem hu storja ta' mħabba li Alla jikteb fuq din l-art. Kull wieħed u waħda minna hu storja ta' mħabba ta' Alla. Kull wieħed minna Alla jsejjaħlu b'ismu: jafna b'isimna, iħares lejna, jistenniena, jaħfrilna, jistabar bina. Veru jew le? Kulħadd jgħaddi minn din l-esperjenza.

U Ġesù jsejħilha: "Marija!": ir-rivoluzzjoni ta' ħajjitna, ir-rivoluzzjoni ddestinata li tibdel il-ħajja ta' kull bniedem, tibda bl-eku ta' isem fil-ġnien tal-qabar vojt. Il-vanġeli jfissrulna l-ferħ ta' Marija: il-qawmien ta' Ġesù mhuwiex ferħ li jinżel qatra qatra, imma kaskata sħiħa li xxarrab għasra l-ħajja kollha. Il-ħajja Nisranija mhix minsuġa minn ferħ artab, imma minn mewġ qawwi li jkaxkar kollox. Ippruvaw aħsbu intom ukoll, bħalissa, bil-bagalja ta' delużjonijiet u telfiet li kull wieħed qed iġorr f'qalbu, li hemm Alla qrib tagħna li jsejħilna b'isimna u jgħidilna: "Qum, tibkix iżjed, għax jien ġejt biex neħilsek!". Xi ġmiel!

Ġesù mhux xi wieħed li jadatta ruħu għad-dinja, jew li ħa jittollera li fih sa jibqgħu jsaltnu l-mewt, id-diqa, il-mibegħda, it-tifrik morali tal-persuni… Alla tagħna mhux bla ħajja, imma Alla tagħna – ippermettuli l-kelma – hu ħalliem: joħlom it-trasformazzjoni tad-dinja, u wettaqha fil-misteru tal-Qawmien.

Marija riedet kieku tgħannaq lill-Imgħallem tagħha, imma hu issa orjentat lejn Missieru tas-Sema, waqt li lilha jibgħatha twassal l-aħbar lill-aħwa. U hekk dik il-mara, li qabel ma ltaqgħet ma' Ġesù kienet ilsira tal-ħażin (ara Lq 8:2), issa kienet saret *appostlu tat-tama ġdida u l-iżjed kbira*. L-interċessjoni tagħha tgħinna ngħixu aħna wkoll din l-esprjenza: fis-siegħa tal-biki, u fis-siegħa tal-abbandun, nisimgħu lil Kristu Rxoxt isejħilna b'isimna, u b'qalbna mimlija ferħ immorru nxandru: "Rajt lill-Mulej!" (v. 18). Ħajti nbidlet għax rajt lill-Mulej! Issa jien differenti minn qabel, jien persuna oħra. Inbdilt għax rajt lill-Mulej. Din hi l-qawwa tagħna u din hi t-tama tagħna. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 24 ta' Mejju 2017*

**It-Tama Nisranija – 23. Għemmaws, il-mixja tat-Tama**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum nixtieq nieqaf fuq l-esperjenza taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, li dwarha jitkellem il-Vanġelu ta' Luqa (ara 24:13-35). Ejjew nistħajlu x-xena: żewġt irġiel mexjin qalbhom maqtugħa, imnikkta, konvinti li ħallew warajhom il-qsim il-qalb ta' biċċa li spiċċat ħażin. Qabel dak l-Għid kienu mimlija ħeġġa: konvinti li dawn il-jiem kellhom ikunu deċiżivi għal dak li kienu qed jistennew u għat-tama tal-poplu kollu. Ġesù, li f'idejh kienu fdaw ħajjithom, sa fl-aħħar deher li kien wasal għall-battalja deċiżiva tiegħu: issa kien se juri qawwietu, wara perjodu twil ta' preparazzjoni u ta' ħajja fil-moħbi. Dan hu li kienu qed jistennew. U ma seħħx hekk.

Iż-żewġ pellegrini kienu xettlu fihom tama li hi biss umana, li issa kienet ġiet fix-xejn. Dak is-salib mgħolli fuq il-Kalvarju kien l-iktar sinjal elokwenti ta' telfa li ma kinux bassru. Jekk tassew dak Ġesù kien skont il-qalb ta' Alla, kellhom jikkonkludu li Alla kien bla saħħa, bla difiża f'idejn il-vjolenti, bla ħila li jġib reżistenza għall-ħażen.

Hekk, dak il-Ħadd filgħodu, dawn it-tnejn kienu qed jaħarbu minn Ġerusalemm. Quddiem għajnejhom kien għad kellhom il-ġrajjiet tal-passjoni, il-mewt ta' Ġesù; u ruħhom kienet għadha ħosbiena bit-turmenti ta' dawk il-ġrajjiet, tul il-mistrieħ impost mis-Sibt. Dik il-festa tal-Għid, li kellha tintona l-għanja tal-ħelsien, minflok kienet inbidlet fl-iktar jum ta' niket ta' ħajjithom. Iħallu Ġerusalemm warajhom biex imorru band'oħra, f'raħal kwiet. Għandhom il-bixra kollha ta' persuni li qed jaraw kif ikeċċu għal dejjem tifkira li għadha taħraq. Għalhekk jinsabu fit-triq, mexjin, imdejqa. Dan ix-xenarju – it-triq – diġà kien importanti fir-rakkonti tal-vanġeli; issa sa jsir dejjem iżjed, malli nibdew nisimgħu r-rakkont tal-istorja tal-Knisja.

Il-laqgħa ta' Ġesù ma' dawk iż-żewġ dixxipli donnha kienet għalkollox b'kumbinazzjoni: tixbah lil ħafna mid-drabi fil-ħajja meta jiġrilna li naħbtu ġo xulxin fit-triq. Iż-żewġ dixxipli mexjin kollhom imħassba u wieħed barrani jidħol magħhom fit-triq. Hu Ġesù; imma għajnejhom ma setgħux jagħrfuh. U

għalhekk Ġesù jibda t-"terapija tat-tama" tiegħu. Dak li jseħħ f'din it-triq hu terapija tat-tama. Min jagħmilha? Ġesù.

L-ewwel nett jistaqsi u jisma': Alla tagħna mhux Alla invadenti. Anki jekk diġà jaf il-motiv tad-delużjoni ta' dawk it-tnejn, jagħtihom iż-żmien biex setgħu jiflu fil-fond l-imrar li ħakimhom. Toħroġ stqarrija li hi ritornell tal-ħajja umana: *"Aħna konna nittamaw, imma... Aħna konna nittamaw, imma..."* (v. 21). Kemm dwejjaq, kemm telfiet, kemm fallimenti fil-ħajja ta' kull persuna! Fl-aħħar mill-aħħar ilkoll kemm aħna xi ftit bħal dawk iż-żewġ dixxipli. Kemm drabi fil-ħajja tagħna ttamajna, kemm drabi ħassejna li konna pass biss bogħod mill-kuntentizza tagħna, u mbagħad spiċċajna mgħattna mal-art kollna delużi. Imma Ġesù jimxi mal-persuni kollha li jħossuhom qalbhom maqtugħa u li mexjin rashom baxxuta. Hu jimxi magħhom, bil-kwiet, u jirnexxielu jerġa' jimlihom bit-tama.

Ġesù jkellimhom qabelxejn permezz tal-*Iskrittura*. Min jaqbad f'idejh il-ktieb ta' Alla mhux sa jsib fih stejjer ta' eroiżmu faċli, kampanji ta' rebħa ta' malajr. It-tama vera qatt ma tiġi bi prezz ċkejken: dejjem tgħaddi mit-telfiet. It-tama ta' min ma jbatix, forsi lanqas hi tama. Alla ma jiħux pjaċir b'min iħobbu bħallikieku kien xi kaptan li jkaxkar għal warajh lejn ir-rebħa lill-poplu tiegħu jgħum fid-demm tal-għedewwa tiegħu. Alla tagħna hu dawl baxx li jnemnem f'jum ta' kesħa u ta' riħ, u li tidher kemm tidher dgħajfa l-preżenza tiegħu f'din id-dinja, hu għażel il-post li kollha nistmerru.

Imbagħad Ġesù jtenni għaż-żewġ dixxipli *l-ġest li miegħu ddur kull Ewkaristija*: jaqbad il-ħobż, ibierku, jaqsmu u jnewwilhulhom. Forsi f'din is-serje ta' ġesti ma hemmx l-istorja ta' Ġesù? U forsi f'kull Ewkaristija m'hemmx anki l-ħolma ta' x'għandha tkun il-Knisja? Ġesù jaqbadna, iberikna, "jaqsam" il-ħajja tagħna – għax m'hemmx imħabba mingħajr sagrifiċċju – u joffriha lill-oħrajn, joffriha lil kulħadd.

Hi laqgħa ta' malajr, dik ta' Ġesù maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws. Imma fiha hemm id-destin kollu tal-Knisja. Tirrakkontalna li l-komunità Nisranija mhix magħluqa f'xi ċittadella ffortifikata, imma timxi fl-iżjed ambjent ħaj tagħha, jiġifieri fit-triq. U hemm tiltaqa' mal-persuni, mat-tamiet u l-qtigħ il-qalb tagħhom, xi drabi tqal. Il-Knisja tisma' l-istejjer ta' kulħadd, kif joħorġu mis-senduq prezzjuż tal-kuxjenza personali; biex imbagħad toffri l-Kelma tal-ħajja, ix-xhieda tal-imħabba, imħabba fidila sat-tmiem. U hekk il-qalb tal-bnedmin terġa' titkebbes bit-tama.

Ilkoll kemm aħna, fil-ħajja tagħna, kellna waqtiet diffiċli, mudlama; waqtiet li fihom imxejna bi qsim il-qalb, imħassba, bla xefaq, b'xi ħajt biss quddiemna. U

Ġesù dejjem qiegħed magħna biex jagħtina t-tama, biex ikebbes mill-ġdid il-qalb u jgħidilha: "Ibqa' miexja, jiena miegħek. Ibqa' miexi". Is-sigriet tat-triq li twassal għal Għemmaws kollu hawn qiegħed: anki meta kollox jidher bil-kontra, aħna nibqgħu maħbubin, u Alla mhu sa jieqaf qatt iħobbna. Alla jimxi magħna dejjem, dejjem, anki fil-waqtiet tal-ikbar tbatija, anki fil-waqtiet l-iżjed koroh, anki meta nħossuna telliefa: hemm hu l-Mulej. U din hi t-tama tagħna. Ejjew nibqgħu mexjin b'din it-tama! Għax hu jinsab magħna u jimxi magħna, dejjem!

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017*

**It-Tama Nisranija – 24. L-Ispirtu s-Santu jkattar fina t-Tama**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Hekk kif qed toqrob is-Solennità ta' Għid il-Ħamsin, ma nistgħux ma nitkellmux fuq ir-rabta li hemm bejn it-tama Nisranija u l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu hu r-riħ li jimbuttana 'l quddiem, li jżommna mexjin, li jgħinna nħossuna pellegrini u għorba, u ma jħalliniex noqogħdu komdi u nsiru poplu "wieqaf".

L-Ittra lil-Lhud tqabbel it-tama ma' ankra (ara 6:18-19); u ma' din ix-xbieha nistgħu nżidu dik tal-qlugħ. Jekk l-ankra hi dik li tagħti s-sigurtà lid-dgħajsa u żżommha "ankrata" qalb it-taqlib tal-mewġ, il-qlugħ hu dak li jmexxiha ħa ssalpa qalb l-ilmijiet tal-baħar. It-tama hi tassew bħal qlugħ; hi tiġbor ir-riħ tal-Ispirtu s-Santu u tibdlu f'qawwa li ċċaqlaq id-dgħajsa, skont il-każ, 'il barra fil-fond jew lejn ix-xatt.

L-Appostlu Pawlu jagħlaq l-Ittra tiegħu lir-Rumani b'dan l-awgurju: isimgħu tajjeb, isimgħu sew x'awgurju sabiħ: *"U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu"* (15:13). Ejjew nirriflettu ftit fuq il-kontenut ta' din il-kelma hekk sabiħa.

L-espressjoni *"Alla tat-tama"* mhux biss tfisser li Alla hu l-oġġett tat-tama tagħna, jiġifieri Dak li nittamaw li għad nilħqu jum wieħed fil-ħajja ta' dejjem; tfisser ukoll li Alla hu Dak li diġà minn issa jagħtina t-tama, anzi jagħmilna "hienja fit-tama" (Rum 12:12): hienja issa li qed nittamaw, u mhux biss

nittamaw li għad inkunu hienja. Hu l-ferħ tat-tama, diġà minn issa, u mhux nittamaw li xi darba għad nifirħu. "Sakemm hemm il-ħajja, hemm it-tama", jgħid qawl popolari; u hu minnu wkoll il-maqlub ta' dan: sakemm hemm it-tama, hemm il-ħajja. Il-bnedmin għandhom bżonn tat-tama biex jgħixu u għandhom bżonn tal-Ispirtu s-Santu biex jittamaw.

San Pawl – kif smajna – jattribwixxi lill-Ispirtu s-Santu l-ħila li jagħmel ukoll li *"t-tama tagħkom toktor"*. Li t-tama tagħna toktor ifisser li ma naqtgħu qalbna qatt; ifisser li nittamaw "kontra kull tama" (Rum 4:18), jiġifieri nittamaw ukoll meta jonqosna kull motiv uman biex nittamaw, kif ġralu Abraham meta Alla talbu biex joffrilu lil ibnu l-waħdieni, Iżakk, u kif seħħ, iżjed u iżjed, lill-Verġni Marija taħt is-salib ta' Ġesù.

L-Ispirtu s-Santu jagħmel possibbli din it-tama qatt mirbuħa u ġo fina jixhed li aħna wlied Alla u werrieta tiegħu (ara Rum 8:16). Kif jista' Dak li tana lil Ibnu l-waħdieni ma jagħtiniex kull ħaġa oħra miegħu (ara Rum 8:32)? "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5). Għalhekk ma tqarraqx, għax hemm l-Ispirtu s-Santu fina li jimbuttana 'l quddiem, dejjem! U għalhekk it-tama ma tqarraqx.

Hemm iżjed minn hekk: l-Ispirtu s-Santu mhux biss jagħmilna kapaċi nittamaw, imma anki li *niżirgħu t-tama*, li nkunu aħna wkoll – bħalu u bil-qawwa tiegħu – *"parakliti"*, jiġifieri farraġa u difensuri ta' ħutna, persuni li niżirgħu t-tama. Nisrani jista' jiżra' d-dwejjaq, jista' jiżra' t-taħwid, u dan mhuwiex Nisrani, u min jagħmel dan ma hux Nisrani tajjeb. Għax dan jiżra' t-tama: jiżra' ż-żejt tat-tama, jiżra' l-fwieħa tat-tama u mhux il-ħall tal-imrar u tan-nuqqas ta' tama. Il-Beatu Kardinal Newman, f'diskors tiegħu, qal hekk lill-fidili: "Mgħallma mill-istess tbatijiet tagħna, mill-istess uġigħ tagħna, anzi, mill-istess dnubiet tagħna, ikollna l-ħsieb u l-qalb tagħna mħarrġa għal kull opra ta' mħabba lejn dawk li għandhom bżonnha. Inkunu, skont il-ħila ta' kull wieħed u waħda, farraġa fuq ix-xbieha tal-Paraklitu – jiġifieri tal-Ispirtu s-Santu –, u f'kull sens ta' din il-kelma: avukati, assistenti, dawk li jġibu l-faraġ. Il-kliem u l-pariri tagħna, l-imġiba tagħna, leħinna, ħarsitna, ikunu twajba u sereni" (*Parochial and plain Sermons*, vol. V, Londra 1870, pp. 300s.). U huma fuq kollox il-foqra, l-imwarrba, dawk mhux maħbuba, li għandhom l-aktar bżonn ta' xi ħadd li jkun għalihom "paraklitu", jiġifieri farraġ u difensur, bħalma l-Ispirtu s-Santu jagħmel ma' kull wieħed u waħda minna, li ninsabu hawn fil-pjazza, farraġ u

difensur. Aħna rridu nagħmlu l-istess ma' dawk l-iktar fil-bżonn, mal-iktar mormija, ma' dawk li l-aktar għandhom bżonn, dawk li qed ibatu l-iżjed. Difensuri u farraġa!

L-Ispirtu s-Santu jseddaq it-tama mhux biss fil-qalb tal-bnedmin, imma anki *fil-ħolqien kollu*. Jgħid l-Appostlu Pawlu – din donnha ftit stramba, imma hi vera: li anki l-ħolqien "jistenna bil-ħerqa" l-ħelsien u "jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas" (ara Rum 8:20-22). "L-enerġija li kapaċi ċċaqlaq lid-dinja mhix xi qawwa anonima u għamja, imma hi l-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu li 'kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra' (Ġen 1:2) fil-bidu tal-ħolqien" (Benedittu XVI, *Omelija*, 31 ta' Mejju 2009). Anki dan iġagħalna nirrispettaw il-ħolqien: ma tistax tħammeġ kwadru u ma toffendix l-artista li ħolqu.

Ħuti, jalla l-festa li ġejja ta' Għid il-Ħamsin – li hu jum għeluq snin il-Knisja – issibna f'għaqda waħda fit-talb, ma' Marija, Omm Ġesù u ommna. U d-don tal-Ispirtu s-Santu jkattar fina t-tama. U ngħidilkom iżjed: ħa tgħinna naħlu t-tama ma' dawk kollha li huma l-iktar fil-bżonn, l-iżjed mormija u għal dawk kollha li għandhom bżonnha. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2017*

## It-Tama Nisranija – 25. Il-paternità ta' Alla, għajn tat-tama tagħna

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Kien hemm xi ħaġa li tiġbdek fil-mod kif kien jitlob Ġesù, tant tiġbdek li darba d-dixxipli tiegħu talbuh jurihom kif. L-episodju nsibuh fil-Vanġelu ta' Luqa, li fost l-evanġelisti hu dak li l-aktar iddokumenta l-misteru ta' Kristu "jitlob": il-Mulej kien jitlob. Id-dixxipli ta' Ġesù jintlaqtu mill-fatt li hu, speċjalment filgħodu u filgħaxija, kien jinġabar waħdu u "jintilef" fit-talb. U għalhekk, jum fost l-oħrajn, talbuh jgħallem lilhom ukoll (ara Lq 11:1).

U għalhekk Ġesù jgħaddilhom dik li saret it-talba Nisranija per eċċellenza: il-*Missierna*. Biex ngħidu kollox, Luqa, meta mqabbel ma' Mattew, jagħtina t-talba ta' Ġesù f'forma xi ftit iqsar, li tibda bl-invokazzjoni sempliċi: *"Missier"* (v. 2).

Il-misteru kollu tat-talb Nisrani jinġabar hawn, f'din il-kelma: li ssib il-kuraġġ issejjaħ lil Alla bl-isem ta' Missier. Dan taffermah ukoll il-liturġija meta, hija u tistedinna ngħidu flimkien it-talba ta' Ġesù, tuża l-espressjoni: "ejjew nitolbu".

Fil-fatt, li nsejħu lil Alla bl-isem ta' "Missier" xejn mhi ħaġa ovvja. Inħossuna aktar komdi ninqdew b'titli iktar għoljin, li jidhrilna li juru iżjed rispett lejn it-traxxendenza tiegħu. Imma meta nsejħulu "Missier", insibu ruħna f'relazzjoni ta' kunfidenza miegħu, bħal tfajjel li jdur lejn missieru, għax jaf li hu maħbub minnu u għażiż għalih. Din hi r-rivoluzzjoni l-kbira li l-Kristjaneżmu ġab fil-psikoloġija reliġjuża tal-bniedem. Il-misteru ta' Alla, li dejjem isaħħarna u quddiemu nħossuna hekk żgħar, issa m'għadux ibeżżagħna, ma jkeċċiniex, ma jġagħalniex nistħu. Din hi rivoluzzjoni diffiċli biex nilqgħuha fir-ruħ tagħna ta' bnedmin; tant hu hekk li mqar fir-rakkonti tal-Qawmien jingħad li n-nisa, wara li raw il-qabar vojt u l-anġlu, "tbiegħdu b'ġirja waħda mill-qabar, għax kellhom rogħda fuqhom u baqgħu mbellhin bil-biża'" (Mk 16:8). Imma Ġesù jurina li Alla hu Missier twajjeb, u jgħidilna: "Tibżgħux!".

Ejjew naħsbu fil-parabbola tal-Missier ħanin (ara Lq 15:11-32). Ġesù jirrakkonta l-istorja ta' missier li għal uliedu għandu biss imħabba. Missier li ma jikkastigax lil ibnu għall-arroganza tiegħu u li jasal saħansitra biex jafdalu s-

sehem tiegħu mill-wirt u jħallih jitlaq mid-dar. Alla hu Missier, jgħidilna Ġesù, imma mhux bil-mod uman, għax m'hemm l-ebda missier f'din id-dinja li kien sa jġib ruħu bħall-protagonista ta' din il-parabbola. Alla hu Missier bil-mod tiegħu: twajjeb, ma jtellax ħitan quddiem l-għażla ħielsa tal-bniedem, kapaċi biss jikkonjuga l-verb "tħobb". Meta l-iben ribelli, wara li jkun berbaq kollox, sa fl-aħħar jerġa' lura d-dar, dak il-missier miegħu ma jħaddimx il-kriterji tal-ġustizzja umana, imma jħoss qabelxejn il-bżonn li jaħfer, u bit-tgħanniqa tiegħu juri lil ibnu li matul dak iż-żmien twil tan-nuqqas tiegħu hu bkieh, b'uġigħ ta' qalb ħass in-nuqqas tiegħu għax ma setax jagħtih imħabbtu ta' missier.

X'misteru bla qies hu dan Alla li għandu din it-tip ta' mħabba għal uliedu!

Forsi għalhekk li, f'riflessjoni dwar il-qalba tal-misteru Nisrani, l-Appostlu Pawlu ma jħossx li jista' jaqleb fil-Grieg kelma li Ġesù, fl-Aramajk, lissinha *"abbà"*. Għal darbtejn San Pawl, fl-ittri tiegħu (ara Rum 8:15; Gal 4:6), imiss dan is-suġġett, u għal darbtejn iħalli din il-kelma mhux tradotta, fl-istess forma li fiha feġġet fuq fomm Ġesù, *"abbà"*, terminu iżjed intimu minn "missier", u li hawn min ittraduċieh "papà, pa".

Għeżież ħuti, aħna m'aħna qatt waħidna. Nistgħu nkunu mbiegħda, ostili, forsi nistgħu wkoll nistqarru li aħna "bla Alla". Imma l-Vanġelu ta' Ġesù Kristu jurina li Alla ma jafx joqgħod mingħajrna: hu qatt ma jista' jkun Alla "mingħajr il-bniedem"; huwa hu li ma jistax jgħaddi mingħajrna, u dan hu misteru kbir! Alla ma jistax ikun Alla mingħajr il-bniedem: x'misteru kbir dan! U din iċ-ċertezza hi *l-għajn tat-tama tagħna*, li nsibuha miġbura fl-invokazzjonijiet kollha tal-*Missierna*. Meta niġu bżonn l-għajnuna, Ġesù ma jgħidilniex nirrassenjaw ruħna u ningħalqu fina nfusna, imma nduru lejn il-Missier u nitolbuh b'fiduċja. Il-ħtiġijiet kollha tagħna, minn dawk l-iżjed ċari għal dawk ta' kuljum, bħall-ikel, is-saħħa, ix-xogħol, sa dak li nkunu maħfura u mwieżna qalb it-tentazzjonijiet, mhumiex il-mera tas-solitudni tagħna: hemm il-Missier li dejjem iħares lejna bi mħabba, u li żgur ma jitlaqniex waħidna.

Issa se nagħmlilkom proposta: kull wieħed u waħda minna għandu tant problemi u tant bżonnijiet. Ejja naħsbu ftit, fis-skiet, f'dawn il-problemi u f'dawn il-bżonnijiet. Naħsbu wkoll fil-Missier, fil-Missier tagħna, li ma jistax jgħaddi mingħajrna, u li bħalissa qed iħares fuqna. U lkoll flimkien, b'fiduċja u tama, nitolbu: "Missierna, li inti fis-Smewwiet…".

Grazzi!

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017*

**It-Tama Nisranija – 26. Ulied maħbuba, ċertezza tat-Tama**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum qed nagħmlu din l-udjenza f'żewġ postijiet, imma magħqudin flimkien bl-iskrins il-kbar: il-morda, biex ma jbatux wisq sħana, qegħdin fl-Awla Pawlu VI, u mhux hawn. Imma xorta nibqgħu lkoll flimkien u jgħaqqadna l-Ispirtu s-Santu, li hu dak li dejjem iġib l-għaqda. Insellmu lil dawk li jinsabu fl-Awla!

Ħadd minna ma jgħaddi mingħajr imħabba. U jasar ikrah li fih nistgħu naqgħu hu dak li naħsbu li l-imħabba nistgħu nimmeritawha. Forsi parti kbira mit-tbatija tal-bniedem tal-lum ġejja minn hawn: għax naħsbu li jekk ma nkunux b'saħħitna, attraenti u sbieħ, allura ħadd mhu ħa jagħti kasna. Tant persuni llum ifittxu li jidhru sempliċement biex jgħattu vojt li għandhom ġo fihom: bħallikieku konna persuni dejjem fil-bżonn ta' konfermi. Imma intom tistgħu timmaġinaw dinja fejn kulħadd ifittex mod kif jiġbed l-attenzjoni tal-oħrajn, waqt li ħadd mhu lest *iħobb b'xejn* lil persuna oħra? Immaġinaw dinja hekk: dinja fejn ma teżistix imħabba b'xejn! Tidher dinja umana, imma fir-realtà tkun infern. Tant narċisiżmi tal-bniedem jitnisslu minn sentiment ta' solitudni u għax iħossu ltim. Wara tant imġibiet apparentement inspjegabbli hemm mistura mistoqsija: possibbli jien ma jixraqlix nissejjaħ b'ismi, jiġifieri li niġi maħbub? Għax l-imħabba dejjem issejjaħ bl-isem…

Meta dak li mhux iħossu jew mhux maħbub ikun adolexxent, allura tista' tinbet il-vjolenza. Wara tant xejriet ta' mibegħda soċjali u ta' vandaliżmu spiss issib qalb li ħadd ma ta kasha. Ma jeżistux tfal kattivi, kif ma jeżistux adolexxenti ħżiena għalkollox, imma jeżistu persuni *mdejqa*. U x'jista' jagħmilna *ferħanin* jekk mhux l-esperjenza tal-imħabba mogħtija u milqugħa? Il-ħajja tal-bniedem hi skambju ta' *ħars*: xi ħadd li jħares lejna u jirnexxilu jikseb minn għandna l-ewwel *tbissima*, u aħna li nitbissmu mill-qalb lil min jinsab imsakkar fid-dwejjaq tiegħu, u hekk nifthulu triq quddiemu li minnha jista' joħroġ. Skambju ta' ħars: inħarsu f'għajnejn xulxin u hekk jinfetħu l-bibien tal-qalb.

L-*ewwel pass* li Alla jmidd lejna hu dak ta' mħabba li tasal qabilna u ma fihiex kundizzjonijiet. Alla li jħobb hu l-ewwel. Alla ma jħobbniex għax fina hemm xi raġuni li tqanqal l-imħabba. Alla jħobbna għax hu stess *hu mħabba*, u l-imħabba

min-natura tagħha trid tixtered, tingħata. Alla lanqas jorbot it-tjieba tiegħu mal-konverżjoni tagħna: jekk xejn, din hi konsegwenza tal-imħabba ta' Alla. San Pawl dan jgħidu b'mod perfett: "Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, *aħna li konna għadna midinbin*" (Rum 5:8). *Aħna li konna għadna midinbin.* Imħabba bla kundizzjonijiet. Konna "mbegħdin", bħall-iben il-ħali tal-parabbola: "Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru…" (Lq 15:20). Għall-imħabba tagħna Alla ħareġ minnu nnifsu, biex jiġi jsibna f'din il-miżbla fejn ma kienx jagħmel sens li hu jgħaddi. Alla ħabbna anki meta konna fl-iżball.

Min minna jħobb b'dan il-mod, jekk mhux min hu missier jew omm? Omm tkompli tħobb lil binha mqar meta binha jkun il-ħabs. Jien, fid-djoċesi li kelli qabel, niftakar ħafna ommijiet li kont tarahom ringiela wara xulxin biex jidħlu l-ħabs. U ma kinux jisthu. Binhom kien il-ħabs, imma kien bin*hom*. U kienu jbatu ħafna umiljazzjonijiet fil-perkwiżizzjoni, qabel jidħlu, imma: "*Ibni* hu!". "Imma Sinjura, ibnek delinkwent!". "Dak ibni!". Din l-imħabba ta' omm u ta' missier biss turina kif inhi l-imħabba ta' Alla. Omm ma titlobx li titħassar il-ġustizzja umana, għax kull żball jitlob fidwa, imma omm ma tieqaf qatt tbati għal binha. Tħobbu anki meta jidneb. Alla magħna jagħmel l-istess ħaġa: *aħna wliedu maħbuba!* Imma jista' jkun li Alla għandu xi wlied li ma jħobbhomx? Le. Aħna kollha wlied maħbuba ta' Alla. Ma hemm l-ebda saħta mdendla fuq ħajjitna, imma biss kelma tajba ta' Alla, li ħalaqna mix-xejn. Il-verità ta' kollox hi dik ir-*relazzjoni ta' mħabba* li torbot lill-Missier mal-Iben permezz tal-Ispirtu s-Santu, relazzjoni li fiha aħna milqugħin bi grazzja. Fih, fi Kristu Ġesù, aħna tant aħna mixtieqa, maħbuba. Hemm Xi Ħadd li stampa fina dak il-ġmiel tal-bidu, li l-ebda dnub, l-ebda għażla żbaljata ma tista' qatt tħassar għalkollox. Aħna f'għajnejn Alla dejjem aħna għejun ċkejkna magħmula biex minnhom igelgel ilma tajjeb. Dan qalu Ġesù lill-mara Samaritana: "L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 4:14).

X'inhi l-mediċina biex nibdlu l-qalb ta' persuni mdejqa? X'inhi l-mediċina biex nibdlu l-qalb ta' persuna li mhix kuntenta? [iwieġbu: l-imħabba] Għajtu iktar! [jgħajtu: l-imħabba!] Bravi! Bravi, kollha bravi! U kif turiha persuna li inti tħobbha? L-ewwel trid tgħannaqha. Turiha li hi mixtieqa, li hi importanti, u hekk ma tibqax imdejqa. *L-imħabba tgħajjat l-imħabba*, b'mod iżjed qawwi milli l-mibegħda tgħajjat il-mewt. Ġesù ma mietx u qam għalih innifsu, imma għalina, biex jinħafrulna dnubietna. Għalhekk dan hu ż-żmien tal-qawmien għal kulħadd: żmien li nerfgħu lill-foqra mill-qtigħ il-qalb, fuq kollox lil dawk li ilhom mixħutin fil-qabar ħafna iktar minn tlitt ijiem. Qed jonfoħ hawn, fuq wiċċna, ir-riħ tal-ħelsien. Qed iwarrad hawn id-don tat-tama. U t-tama hi dik ta' Alla l-Missier li jħobbna kif aħna: iħobbna dejjem u kollha. Grazzi!

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2017*

**It-Tama Nisranija – 27. Il-Qaddisin, xhieda u sieħba tat-Tama**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Nhar il-Magħmudija tagħna dwiet għalina l-invokazzjoni tal-qaddisin. Ħafna minna dakinhar kienu trabi, f'ħoġor il-ġenituri tagħna. Ftit qabel ma għamlilna d-dilka biż-Żejt tal-katekumeni, simbolu tal-qawwa ta' Alla fit-taqbida kontra l-ħażen, is-saċerdot stieden lill-miġemgħa kollha biex titlob għal dawk li kienu waslu biex jirċievu l-Magħmudija, bl-invokazzjoni lill-qaddisin. Dik kienet l-ewwel darba f'ħajjitna li ġejna rregalati b'din il-kumpanija ta' aħwa l-"kbar", irġiel u nisa – il-qaddisin – li għaddew mill-istess triq tagħna, li ħabbtu wiċċhom mal-istess taħbit tagħna u issa qed jgħixu għal dejjem fi ħdan Alla. L-Ittra lil-Lhud din il-kumpanija li għandna madwarna ssejħilha bl-espressjoni *"sħaba kbira ta' xhieda"* (12:1). Dak li huma l-qaddisin: sħaba kbira ta' xhieda.

L-Insara, fit-taqbida tagħhom kontra l-ħażen, ma jaqtgħux qalbhom. Il-Kristjaneżmu jxettel fih *fiduċja inkurabbli*: ma jemminx li l-qawwiet negattivi u tal-firda jistgħu qatt jirbħu. L-aħħar kelma fuq l-istorja tal-bniedem mhix il-mibegħda, mhix il-mewt, mhix il-gwerra. F'kull waqt tal-ħajja hemm jgħinna d-driegħ ta' Alla, u anki l-preżenza diskreta ta' dawk kollha li jemmnu u li "telqu qabilna bis-sinjal tal-fidi" (Kanoni Ruman). L-eżistenza tagħhom qed tgħidilna qabelxejn li l-ħajja Nisranija mhix xi ideal li ma jistax jintlaħaq. U flimkien ifarrġuna: m'aħniex waħidna, il-Knisja hi magħmula minn għadd bla qies ta' aħwa, spiss anonimi, li marru qabilna u li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu huma parti mill-ħajja ta' min għadu jgħix hawn isfel.

Dik tal-Magħmudija mhijiex l-unika invokazzjoni lill-qaddisin li timmarka l-mixja tal-ħajja Nisranija. Meta żewġ għarajjes jikkonsagraw imħabbithom fis-sagrament taż-Żwieġ, tiġi msejħa mill-ġdid fuqhom – din id-darba bħala koppja – l-interċessjoni tal-qaddisin. U din l-invokazzjoni hi għajn ta' fiduċja għaż-żewġ żgħażagħ li jkunu se jitilqu għall-"vjaġġ" tal-ħajja konjugali. Min iħobb tassew għandu x-xewqa u l-kuraġġ li jgħid "għal dejjem" – "għal dejjem" – imma jaf li għandu bżonn il-grazzja ta' Kristu u l-għajnuna tal-qaddisin biex jista' jgħix il-ħajja miżżewġa għal dejjem. Mhux kif jgħidu xi wħud: "sakemm iddum l-imħabba". Le: għal dejjem! Inkella aħjar wieħed ma jiżżewweġ xejn. Jew għal dejjem jew xejn. Għalhekk fil-liturġija taż-żwieġ nitolbu l-preżenza

tal-qaddisin. U fil-mumenti diffiċli jrid ikollok il-kuraġġ tgħolli ħarstek lejn is-sema, taħseb f'tant Insara li għaddew mit-tiġrib u żammew bojod l-ilbies tal-magħmudija tagħhom, għax ħasluhom fid-demm tal-Ħaruf (ara Apok 7:14): hekk jgħid il-Ktieb tal-Apokalissi. Alla ma jitlaqna qatt: kull darba li niġu bżonn, jiġi anġlu tiegħu jerfagħna u jimliena bil-faraġ. "Anġli" xi drabi b'wiċċ u qalb ta' bnedmin, għax il-qaddisin ta' Alla huma dejjem hawn, moħbija f'nofsna. Din iebsa nifhmuha jew imqar nistħajluha, imma l-qaddisin huma preżenti f'ħajjitna. U meta xi ħadd jitlob lil xi qaddis jew qaddisa, dan sewwasew għax hu qrib tagħna.

Anki s-saċerdoti jgħożżu t-tifkira ta' invokazzjoni lill-qaddisin imlissna fuqhom. Hu wieħed mill-iktar mumenti qawwija tal-liturġija tal-Ordinazzjoni. Il-kandidati jinxteħtu għal tulhom fl-art, b'wiċċhom mal-art. U l-ġemgħa kollha, immexxija mill-Isqof, titlob l-interċessjoni tal-qaddisin. Wieħed kapaċi jibqa' mgħaffeġ taħt it-toqol tal-missjoni fdata lilu, imma meta jħoss li l-Ġenna kollha qiegħda wara spallejh, li l-grazzja ta' Alla mhix sa tonqos għax Ġesù jibqa' dejjem fidil, allura jista' jibda l-mixja tiegħu b'serenità u ħeġġa. M'aħniex waħidna.

U x'aħna aħna? Aħna trab li jaspira lejn is-Sema. Il-forzi tagħna dgħajfin, imma b'saħħtu l-misteru tal-grazzja li hu preżenti fil-ħajja tal-Insara. Aħna fidili lejn din l-art, li Ġesù ħabb f'kull mument ta' ħajtu, imma nafu u rridu nittamaw fit-trasfigurazzjoni tad-dinja, fil-milja definittiva tagħha fejn saflaħħar ma jkunx hemm iżjed dmugħ, ħażen u tbatija.

Il-Mulej jagħti lilna lkoll *it-tama li nsiru qaddisin*. Imma xi ħadd forsi jistaqsini: "Dun, tista' ssir qaddis fil-ħajja ta' kuljum?". Iva, tista'. "Imma dan ifisser li rridu noqogħdu nitolbu l-jum kollu?". Le, ifisser li int trid tagħmel dmirek il-jum kollu: titlob, tmur għax-xogħol, tieħu ħsieb ta' wliedek. Imma trid tagħmel kollox b'qalb miftuħa għal Alla, hekk li x-xogħol, anki fil-mard u fit-tbatija, anki fid-diffikultajiet, ikun miftuħ għal Alla. U hekk nistgħu nsiru qaddisin. Ħa jagħtina l-Mulej it-tama li nsiru qaddisin. Ma naħsbux li hi xi ħaġa diffiċli, li iktar faċli tkun delinkwent milli qaddis! Le. Nistgħu nkunu qaddisin għax jgħinna l-Mulej; Hu li jgħinna.

Dan hu l-ikbar rigal li kull wieħed u waħda minna jista' jagħti lid-dinja. Ħa jagħtina l-Mulej il-grazzja li nemmnu b'tant qawwa fih li nsiru xbieha ta' Kristu għal din id-dinja. L-istorja tagħna għandha bżonn ta' "mistiċi": ta' persuni li jirrifjutaw kull ħakma, li jaspiraw għall-imħabba u għall-fraternità. Irġiel u nisa li jgħixu billi jilqgħu f'ħajjithom imqar biċċa żgħira ta' tbatija, għax jitgħabbew bl-uġigħ u t-taħbit tal-oħrajn. Imma mingħajr dawn l-irġiel u nisa, id-dinja

tibqa' bla tama. Għalhekk nawgura lilkom kollha – u dan nawgurah lili wkoll – li l-Mulej jagħtina t-tama li nsiru qaddisin.

Grazzi!

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*
*L-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2017*

**It-Tama Nisranija – 28. It-Tama, qawwa tal-martri**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum nirriflettu fuq *it-tama Nisranija bħala qawwa tal-martri*. Meta, fil-Vanġelu, Ġesù jibgħat lid-dixxipli f'missjoni, ma joqgħodx jimlielhom moħħhom b'kastelli fl-arja ta' suċċess faċli; bil-maqlub, iwisshom ċar li t-tħabbira tas-Saltna ta' Alla dejjem sa jkun hemm min hu kontriha. U juża anki espressjoni qawwija: "U lilkom kulħadd isir jobgħodkom – jobgħodkom – minħabba f'ismi" (Mt 10:22). L-Insara jħobbu, imma mhux dejjem huma maħbuba. Ġesù mill-ewwel ipoġġina quddiem din ir-realtà: xi ftit jew wisq, l-istqarrija tal-fidi tiġi fi klima ta' ostilità.

Għalhekk l-Insara huma rġiel u nisa "kontra l-kurrent". Dan normali: ladarba d-dinja hi mċappsa mid-dnub, li jidher f'bosta xejriet ta' egoiżmu u ta' inġustizzja, min jimxi wara Kristu miexi f'direzzjoni kuntrarja. Mhux bi spirtu ta' polemika, imma b'fedeltà għal-loġika tas-Saltna ta' Alla, li hi *loġika ta' tama,* u tissarraf fl-istil ta' ħajja msejjes fuq dak li jurina Ġesù.

U l-ewwel indikazzjoni hi l-*faqar*. Meta Ġesù jibgħat lil tiegħu f'missjoni, donnu iktar moħħu kif ħa "jneżżagħhom" milli kif ħa "jlibbishom"! Fil-fatt, Nisrani li mhuwiex umli u fqir, maqtugħ mill-għana u mill-poter u fuq kollox maqtugħ minnu nnifsu, ma jixbahx lil Ġesù. In-Nisrani jimxi fit-triq tiegħu f'din id-dinja b'dak li hu essenzjali għall-mixja, imma b'qalbu mimlija mħabba. Il-vera telfa għalih jew għaliha hu meta jaqa' fit-tentazzjoni tal-vendetta u tal-vjolenza, li jwieġeb għall-ħażen b'ħażen. Ġesù jgħidilna: "Qed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup" (Mt 10:16). Jiġifieri bla snien, bla munizzjon, bla armi. In-Nisrani pjuttost għandu jkun prudenti, xi drabi anki moħħu jilħaqlu: dawn huma virtujiet aċċettati mil-loġika tal-Vanġelu. Imma l-vjolenza qatt. Biex negħlbu l-ħażen, ma nistgħux ninqdew bl-istess metodi tal-ħażen.

L-unika qawwa tan-Nisrani hi l-Vanġelu. Fiż-żminijiet ta' diffikultà, irridu nemmnu li Ġesù jinsab quddiemna, u ma jiqafx jimxi mad-dixxipli tiegħu. Il-persekuzzjoni mhix kontradizzjoni għall-Vanġelu, imma tagħmel parti minnu: jekk ippersegwitaw lill-Imgħallem tagħna, kif nistgħu nittamaw li aħna nevitaw it-taqbida? Imma, qalb it-tiġrib kollu, in-Nisrani m'għandux jitlef it-tama

tiegħu, jew jaħseb li ġie abbandunat. Ġesù jiżgura lid-dixxipli tiegħu billi jgħidilhom: "Sa x-xagħar ta' raskom kollu hu magħdud" (Mt 10:30). Biex qisu jgħid li l-ebda tbatija tal-bniedem, l-anqas l-iċken waħda u l-aktar moħbija, ma hi inviżibbli f'għajnejn Alla. Alla jara, u żgur jipproteġi; u se jagħti l-fidwa tiegħu. Fil-fatt fostna hemm Xi Ħadd li hu aqwa mill-ħażen, iktar b'saħħtu mill-mafja, mill-komplotti mudlama, minn min jaqlagħha tajjeb minn fuq dahar dawk ta' qalbhom maqtugħa, minn min jgħaffeġ lill-oħrajn bi prepotenza… Xi ħadd li minn dejjem sema' l-vuċi ta' demm Abel li qed tgħajjat mill-art.

Għalhekk l-Insara għandhom ikunu dejjem fuq "in-naħa l-oħra" tad-dinja, dik magħżula minn Alla: mhux persekuturi, imma ppresegwitati; mhux arroganti, imma umli; mhux bejjiegħa tad-duħħan, imma sottomessi għall-verità; mhux imposturi, imma onesti.

Din il-fedeltà fl-istil ta' Ġesù – li hu stil ta' tama – sal-mewt, l-ewwel Insara sejħulha b'isem sabiħ ħafna: *"martirju"*, li jfisser *"xhieda"*. Kien hemm ħafna possibbiltajiet oħra, li joffri l-vokabularju: setgħet tissejjaħ eroiżmu, ċaħda tal-jien, sagrifiċċju tagħhom infushom. Imma l-Insara tal-ewwel siegħa sejħulha b'isem li jfewwaħ bid-dixxipulat. Il-martri ma jgħixux għalihom infushom, ma jitqabdux biex jaffermaw l-ideat tagħhom, u jaċċettaw il-mewt biss b'fedeltà għall-Vanġelu. Il-martirju lanqas mhu l-ogħla ideal tal-ħajja Nisranija, għax 'il fuq minnu hemm il-karità, jiġifieri l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Dan jgħidu tajjeb ħafna l-Appostlu Pawlu fl-innu lill-imħabba: "U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid" (1 Kor 13:3). Hi diżgustanti għall-Insara l-idea li dawk li jagħmlu l-attentati suwiċida jistgħu b'xi mod jissejħu "martri": m'hemm xejn fl-iskopijiet tagħhom li jista' mqar joqrob lejn l-atteġġjament ta' wlied Alla.

Xi drabi, aħna u naqraw l-istejjer ta' tant martri tal-bieraħ u tal-lum – li huma ħafna iktar fl-għadd mill-martri tal-ewwel żminijiet –, nibqgħu mistagħġbin quddiem il-qawwa li biha affrontaw il-prova. Din il-qawwa hi sinjal tat-*tama kbira* li kienet tmexxihom: it-tama żgura li xejn u ħadd ma seta' qatt jifridhom mill-imħabba ta' Alla mogħtija lilna f'Ġesù Kristu (ara Rum 8:38-39).

Ħa jagħtina Alla dejjem il-qawwa li nkunu xhieda tiegħu. Jagħtina li ngħixu t-tama Nisranija fuq kollox fil-martirju moħbi li nwettqu tajjeb u bi mħabba d-dmirijiet tagħna ta' kuljum. Grazzi.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 2 ta' Awwissu 2017*

## It-Tama Nisranija – 29. Il-Magħmudija: bieb tat-tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Kien hemm żmien meta l-knejjes kienu jħarsu lejn il-lvant. Kont tidħol fil-bini mqaddes minn bieb miftuħ lejn il-punent u, meta timxi fil-korsija, issib ruħek tħares lejn il-lvant. Dan kien simbolu importanti għall-bniedem tal-qedem, allegorija li matul l-istorja naqra naqra ġiet fix-xejn. Aħna l-bnedmin ta' din l-epoka moderna, wisq inqas imdorrija nifhmu s-sinjali kbar tal-kożmu, kważi qatt ma nintebħu b'dettall bħal dan. Il-punent hu l-punt kardinali ta' nżul ix-xemx, fejn id-dawl imut. Imma l-lvant hu l-post fejn id-dlamijiet jiġu mirbuħa mill-ewwel dawl ta' sbiħ il-jum u jfakkarna fi Kristu, ix-Xemx li żżurna mill-għoli fuq ix-xefaq tad-dinja tagħna (ara Lq 1:78).

Ir-riti qodma tal-Magħmudija kienu jipprevedu li l-katekumeni jagħmlu l-ewwel parti tal-istqarrija tal-fidi tagħhom b'ħarsithom 'il fuq lejn il-punent. U f'dik il-qagħda kienu jiġu mistoqsija: "Tiċħdu lix-Xitan, l-għemil u l-qerq kollu tiegħu?" – U l-Insara futuri kienu jtennu għalenija: "Niċħad!". Imbagħad kienu jduru lejn l-abside, fid-direzzjoni tal-lvant, mnejn jiġi d-dawl, u l-kandidati għall-Magħmudija kienu jiġu mistoqsija mill-ġdid: "Temmnu f'Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu?". U din id-darba jwieġbu: "Nemmen!".

Fi żminijietna kważi tlifna l-faxxinu ta' din ir-rit: tlifna s-sensibbiltà għal-lingwaġġ tal-kożmu. Naturalment baqgħet sħiħa l-istqarrija tal-fidi, magħmula skont dawn il-mistoqsijiet tal-Magħmudija, li huma proprji taċ-ċelebrazzjoni ta' xi sagramenti. Imma xorta waħda jibqa' intatt fit-tifsira tiegħu. Xi jfisser li nkunu Nsara? Ifisser li nħarsu lejn id-dawl, li nibqgħu nagħmlu l-istqarrija tal-fidi tagħna fid-dawl, anki meta d-dinja tkun imgeżwra fil-lejl u fid-dlamijiet.

L-Insara mhumiex eżenti mid-dlam, dak estern u dak intern. Ma jgħixux barra mid-dinja, imma, bil-grazzja ta' Kristu li rċivew fil-Magħmudija, huma rġiel u nisa "orjentati": ma jemmnux fid-dlam, imma fid-dawl inemnem tal-jum; ma jċedux għal-lejl, imma jittamaw fiż-żerniq ta' jum ġdid; mhumiex mirbuħa mill-mewt, imma mxennqa għall-qawmien; ma jitgħaffġux taħt il-ħażen, għax jafdaw dejjem fil-possibbiltajiet bla tarf tat-tajjeb. U din hi t-tama Nisranija

tagħna. Id-dawl ta' Ġesù, is-salvazzjoni li jġibilna Ġesù bid-dawl tiegħu li jsalvana mid-dlamijiet.

Aħna dawk li jemmnu li Alla hu Missier: dan hu d-dawl! M'aħniex iltiema, għandna Missier, u dan Missierna hu Alla. Nemmnu li Ġesù niżel fostna, mexa fl-istess ħajja tagħna, u fuq kollox sar ħabib tal-iżjed foqra u dgħajfa: dan hu d-dawl! Nemmnu li l-Ispirtu s-Santu jaħdem bla heda għall-ġid tal-bnedmin u tad-dinja, u saħansitra l-ikbar tbatijiet tal-istorja għad jiġu megħluba: din hi t-tama li terġa' tqajjimna kull filgħodu! Nemmnu li kull relazzjoni ta' rispett, kull ħbiberija, kull xewqa tajba, kull imħabba, saħanstira l-iċken u l-iżjed imwarrba, jum wieħed għad isibu l-milja tagħhom f'Alla: din hi l-qawwa li tmexxina biex inħaddnu bil-ħeġġa l-ħajja tagħna ta' kuljum! U din hi t-tama tagħna: ngħixu fit-tama u ngħixu fid-dawl, fid-dawl ta' Alla l-Missier, fid-dawl ta' Ġesù l-Feddej, fid-dawl tal-Ispirtu s-Santu li jmexxina biex nibqgħu għaddejjin 'il quddiem fil-ħajja.

Hemm imbagħad sinjal ieħor sabiħ ħafna tal-liturġija tal-Magħmudija li jfakkarna fl-importanza tad-dawl. Fi tmiem ir-rit, lill-ġenituri – jekk tkun tarbija – jew lill-istess imgħammed – jekk ikun adult – tingħatalhom xemgħa, li l-fjamma tagħha tinxtegħel mill-Blandun tal-Għid. Din hi x-xemgħa l-kbira li fid-dawl tal-Għid tidħol fi knisja mitfija għalkollox, biex turi l-misteru tal-Qawmien ta' Ġesù; minn dik ix-xemgħa jixegħlu x-xemgħat tagħhom u jgħaddu l-fjamma lil ta' ħdejhom: f'dak is-sinjal il-Qawmien ta' Ġesù jinfirex bil-mod il-mod fil-ħajjiet tal-Insara kollha. Il-ħajja tal-Knisja – sa nuża kelma xi ftit qawwija – hi kontaminazzjoni ta' dawl. Aktar ma aħna l-Insara jkollna minn dan id-dawl ta' Ġesù, aktar ma jkollna mid-dawl ta' Ġesù fil-ħajja tal-Knisja, aktar tkun ħajja. Il-ħajja tal-Knisja hi kontaminazzjoni ta' dawl.

L-isbaħ eżortazzjoni li nistgħu nagħmlu lil xulxin hi dik li nfakkru dejjem lil xulxin fil-Magħmudija tagħna. Nixtieq nistaqsikom: Kemm minnkom jiftakru d-data tal-Magħmudija tagħhom? Tweġbux issa, għax hawn min jistħi! Aħsbu ftit, u jekk ma tiftakruhiex, illum għandkom x'tagħmlu d-dar: mur għand ommok, għand missierek, għand zitek, għand zijuk, għand nanntek, in-nannu u staqsihom: "Jiena meta tgħammidt?". U tinsiha qatt iktar! Ċara? Se tagħmluha? Ix-xogħol li għandkom illum hu li titgħallmu jew tiftakru d-data tal-Magħmudija, li hi d-data meta twelidtu mill-ġdid, hi d-data tad-dawl, hi d-data li fiha – ippermettuli l-kelma – aħna ġejna kkontaminati mid-dawl ta' Kristu. Aħna twelidna darbtejn: l-ewwel darba għall-ħajja naturali, it-tieni, grazzi għal-laqgħa tagħna ma' Kristu, fil-Fonti tal-Magħmudija. Hemm mitna għall-mewt, biex ngħixu ta' wlied Alla f'din id-dinja. Hemm sirna bnedmin b'mod li qatt ma stħajjilna. Hu għalhekk li aħna lkoll jeħtieġ inxerrdu l-fwieħa tal-Griżma, li biha aħna ġejna mmarkati fil-jum tal-Magħmudija tagħna. Fina jgħix u jaħdem l-

Ispirtu ta' Ġesù, l-ewwel wieħed fost ħafna aħwa, fost dawk kollha li jeħduha kontra l-qawwa tad-dlam u l-mewt.

Xi grazzja meta Nisrani jsir tassew "Kristofru", jiġifieri li "nwasslu lil Ġesù" fid-dinja! Fuq kollox lil dawk li għaddejjin minn sitwazzjonijiet ta' luttu, ta' qtigħ il-qalb, ta' dlam u ta' mibegħda. U dan nifhmuh minn ħafna dettalji żgħar: mid-dawl li Nisrani jġorr fi ħbub għajnejh, mill-isfond ta' serenità li lanqas fl-iktar ġranet ikkumplikati ma tħossha mhedda, fix-xewqa li nerġgħu nħobbu mqar meta nkunu doqna ħafna delużjonijiet. Fil-ġejjieni, meta għad tinkiteb l-istorja ta' jiemna, x'sa jgħidu fuqna? Li konna kapaċi nittamaw, jew li ħbejna d-dawl tagħna taħt il-modd? Jekk nibqgħu fidili għall-Magħmudija tagħna, inkunu nxerrdu d-dawl tat-tama. Il-Magħmudija hi l-bidu tat-tama, dik it-tama ta' Alla, u hekk inkunu nistgħu ngħaddu lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin ir-raġuni għall-ħajja tagħhom.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 9 ta' Awwissu 2017*

## It-Tama Nisranija – 30. Il-maħfra divina: mutur ta' tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Smajnieha r-reazzjoni ta' dawk li kienu fuq il-mejda ma' Xmun il-Fariżew: *"Dan min hu biex jaħfer id-dnubiet ukoll?"* (Lq 7:49). Ġesù kien għadu kemm għamel ġest skandaluż. Mara mill-belt, magħrufa minn kulħadd bħala midinba, daħlet id-dar tax-Xmun, niżlet f'riġlejn Ġesù u sawbet fuqhom żejt ifuħ. Dawk kollha li kienu hemm mal-mejda bdew imaqamqu: jekk Ġesù hu profeta, m'għandux jilqa' ġesti ta' dan it-tip minn mara bħal dik. Dawk in-nisa, imsejkna, li kienu hemm biss biex tiltaqa' magħhom bil-moħbi, anki l-kapijiet, jew inkella biex jiġu mħaġġra. Skont il-mentalità ta' dak iż-żmien, bejn il-qaddis u l-midneb, bejn is-safi u l-imniġġes, il-qasma kellha tkun ċara.

Imma l-imġiba ta' Ġesù hi differenti. Sa mill-bidu tal-ministeru tiegħu fil-Galilija, hu resaq qrib tal-imġiddmin, l-imxajtnin, il-morda u l-imwarrbin kollha. Imġiba bħal din xejn ma kienet komuni, tant hu minnu li din is-simpatija ta' Ġesù għall-imwarrbin, dawk li "ma jista' jmisshom ħadd", kienet waħda mill-affarijiet li l-iżjed ħawdu moħħ in-nies ta' żmienu. Hemm fejn hemm persuna qed tbati, Ġesù jerfa' l-piż magħha, u dik it-tbatija ssir tiegħu. Ġesù ma jippritkax li l-qagħda ta' tbatija wieħed għandu jissaportiha b'eroiżmu, bħalma kienu tal-fehma l-filosfi Stojċi. Ġesù jaqsam hu fit-tbatija tal-bniedem, u meta jiġi wiċċ imb wiċċ miegħu, mill-ġewwieni tiegħu tnixxi dik l-imġiba li tikkaratterizza l-Kristjaneżmu: il-ħniena. Ġesù, quddiem it-tbatija tal-bniedem, tiġih ħniena; il-qalb ta' Ġesù hi ħanina. Ġesù tiġih ħniena. Litteralment: Ġesù jħossu jitqanqal minn ġewwa. Kemm drabi fil-vanġeli naraw reazzjonijiet bħal dawn. Il-qalb ta' Kristu tinkarna u turi l-qalb ta' Alla, li hemm fejn hemm raġel jew mara li qed ibatu, irid il-fejqan tagħhom, il-ħelsien tagħhom, il-ħajja sħiħa tagħhom.

Għalhekk li Ġesù *jiftaħ beraħ dirgħajh għall-midinba*. Kemm nies anki llum ikomplu jippersistu f'ħajja żbaljata għax ma jsibu lil ħadd li jħares lejhom b'mod differenti, bl-għajnejn, jew aħjar, bil-qalb ta' Alla, jiġifieri li jħares lejhom *bit-tama*. Imma Ġesù jara possibbiltà ta' qawmien anki f'min għamel tant għażliet żbaljati. Ġesù jinsab dejjem hemm, b'qalbu miftuħa; jiftaħ beraħ

dik il-ħniena li għandu f'qalbu; jaħfer, jgħannaq, jifhem, jersaq qrib: hekk hu magħmul Ġesù!

Xi drabi ninsew li għal Ġesù din ma kinitx xi mħabba faċli, bi prezz irħis. Il-vanġeli jsemmu l-ewwel reazzjonijiet negattivi għal Ġesù proprju meta hu ħafer id-dnubiet ta' wieħed raġel (ara Mk 2:1-12). Kien bniedem li qed ibati doppjament: għax ma setax jimxi u għax kien qed iħossu "fl-iżball". U Ġesù jifhem li t-tieni tbatija hi ikbar mill-ewwel waħda, tant li minnufih jilqgħu b'aħbar ta' ħelsien: "Ibni, dnubietek maħfura!" (v. 5). Jeħilsu minn dak is-sens ta' jasar li jħossu fl-iżball. Hawn xi kittieba – dawk li jaħsbu li huma perfetti: jiġuni f'moħħi tant Kattoliċi li jħossuhom perfetti u jżebilħu lill-oħrajn… x'għafsa ta' qalb, dan… – xi kittieba li kienu hemm ħassewhom skandalizzati minn dak il-kliem ta' Ġesù, li jidwu bħal xi dagħwa, għax Alla biss jista' jaħfer id-dnubiet.

Aħna li mdorrijin induqu l-maħfra tad-dnubiet, forsi "għal prezz tajjeb" iżżejjed, kultant irridu niftakru xi prezz swejna lill-imħabba ta' Alla. Kull wieħed u waħda minna jiswa biżżejjed: il-ħajja ta' Ġesù! Hu kien ikun lest jagħtiha mqar għal wieħed biss minna. Ġesù ma jitlax fuq is-salib biex ifejjaq il-morda, biex jipprietka l-imħabba, biex ixandar il-Beatitudnijiet. Bin Alla jitla' fuq is-salib fuq kollox biex jaħfer id-dnubiet, għax irid il-ħelsien sħiħ, definittiv tal-qalb tal-bnedmin. Għax ma jaċċettax li l-bniedem jaħli ħajtu kollha b'dan it-"tatù" li jibqa' ma jitħassar qatt, bil-ħsieb li ma jistax jiġi milqugħ mill-qalb ħanina ta' Alla. U b'dawn is-sentimenti Ġesù jiltaqa' mal-midinbin, magħna lkoll.

Hekk il-midinbin jiġu maħfura. Mhux biss iserrħu moħħhom fuq livell psikoloġiku, għax jiġu meħlusa mis-sens ta' ħtija. Ġesù jagħmel iżjed minn hekk: joffri lill-persuni li żbaljaw *it-tama ta' ħajja ġdida*. "Imma, Mulej, jiena ċerċura" – "Ħares 'il quddiem u jien nagħtik qalb ġdida". Din hi t-tama li jagħtina Ġesù. Ħajja mmarkata mill-imħabba. Mattew il-pubblikan isir appostlu ta' Kristu: Mattew, li hu traditur ta' pajjiżu, jisfrutta n-nies. Żakkew, għani korrott – dan żgur kien imlaħħaq fit-tixħim minn taħt – minn Ġeriko, jinbidel f'benefattur tal-foqra. Il-mara tas-Samarija, li kellha ħamest irġiel u issa kienet qed tgħix ma' ieħor, tisma' lil min iwegħedha "ilma ħaj" li jista' jnixxi għal dejjem fiha (ara Ġw 4:14). Hekk Ġesù jibdel il-qalb; jagħmel hekk magħna lkoll.

Nagħmlu sew naħsbu li Alla, bħala l-ewwel għaġna biex minnha jsawwar il-Knisja tiegħu, ma għażilx il-persuni li ma kienu jiżbaljaw qatt. Il-Knisja hi poplu ta' midinba li jduqu l-ħniena u l-maħfra ta' Alla. Pietru fehem iżjed veritajiet fuqu nnifsu meta idden is-serduk, milli mill-isforzi tiegħu ta' ġenerożità, li bihom kien ifettaħ sidru, għax iħossu superjuri għall-oħrajn.

Ħuti, aħna lkoll imsejkna midinba, fil-bżonn tal-ħniena ta' Alla li għandu l-qawwa li jibdilna u jerġa' jagħtina t-tama, u dan jagħmlu ta' kuljum. U jagħmlu! U lil dawk li fehmu din il-verità bażilari, Alla jagħtihom l-iżjed missjoni sabiħa tad-dinja, jiġifieri l-imħabba għal ħuthom, u t-tħabbira ta' ħniena li hu ma jċaħħad lil ħadd. U din hi t-tama tagħna. Ejja nimxu 'l quddiem b'din il-fiduċja fil-maħfra, fl-imħabba ħanina ta' Ġesù.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU
**UDJENZA ĠENERALI**

*Awla Pawlu VI*
*L-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2017*

**It-Tama Nisranija – 31. "Ara, se nġedded kollox" (Apok 21:5). Il-ġdid tat-tama Nisranija**

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Għadna kemm smajna l-Kelma ta' Alla fil-ktieb tal-Apokalissi, u jgħid hekk: "Ara, se nġedded kollox" (21:5). It-tama Nisranija hi msejsa fuq il-fidi f'Alla li dejjem joħloq il-ġdid fil-ħajja tal-bniedem, joħloq il-ġdid fl-istorja, joħloq il-ġdid fil-kożmu. Alla tagħna hu Alla li joħloq il-ġdid, għax hu Alla tas-sorpriżi.

Mhuwiex atteġġjament Nisrani dak ta' min ħarstu dejjem 'l isfel – kif jagħmlu l-ħnieżer: dejjem hekk mexjin – mingħajr ma jerfa' għajnejh lejn ix-xefaq. Bħallikieku l-mixja tagħna kollha se tieqaf hawn, fuq medda ta' ftit metri ta' vjaġġ; bħallikieku fil-ħajja tagħna ma kien hemm l-ebda destinazzjoni u l-ebda post fejn għad irridu naslu, u aħna konna mġiegħla noqogħdu nitlajjaw għal dejjem, mingħajr ebda raġuni għal dan it-taħbit kollu tagħna. Dan mhuwiex Nisrani.

L-aħħar paġni tal-Bibbja juruna l-aħħar xefaq tal-mixja ta' min jemmen: Ġerusalemm tas-Sema, Ġerusalemm ċelesti. Din hi mistħajla qabelxejn bħala għarix kbir, fejn Alla jilqa' lill-bnedmin kollha biex hu jgħix għal dejjem magħhom (Apok 21:3). U din hi t-tama tagħna. U x'se jagħmel Alla, meta sa fl-aħħar inkunu miegħu? Jimxi bi ħlewwa bla tarf magħna, bħal missier li jilqa' lil uliedu kollha li għal żmien twil tħabtu u batew. Ġwanni, fl-Apokalissi, iħabbar minn qabel: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin! […] Hu jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel. […] 'Ara, se nġedded kollox!'" (21:3-5). Alla tal-ġdid!

Ippruvaw immeditaw din is-silta tal-Iskrittura Mqaddsa mhux b'mod astratt, imma wara li tkunu qrajtu kronaka ta' żminijietna, wara li taraw l-aħbarijiet jew il-qoxra tal-ġurnali, fejn issibu tant traġedji, fejn iġibu aħbarijiet koroh u li lkoll kemm aħna qed nirriskjaw li nidrawhom iżżejjed. U sellimt lil xi wħud minn Barcellona: kemm aħbarijiet koroh minn hemmhekk! Sellimt lil xi wħud mill-Kongo, u kemm aħbarijiet koroh minn hemm! U kemm aktar! Biex inkun semmejt biss żewġ pajjiżi minn fostkom li tinsabu hawn… Ippruvaw aħsbu fl-

uċuħ tat-tfal imwerwra mill-gwerra, fil-biki tal-ommijiet, fil-ħolm imkisser ta' tant żgħażagħ, fir-rifuġjati li qed jaffrontaw vjaġġi terribbli, u huma sfruttati tant drabi… Il-ħajja b'xorti ħażina hi dan ukoll. Xi drabi jiġik li tgħid li hi fuq kollox hekk.

Jista' jkun. Imma hemm Missier li qed jibki magħna; hemm Missier li jxerred dmugħ ta' tjieba bla tarf għal uliedu. Aħna għandna Missier li jaf jibki, li jibki magħna. Missier li jistenniena biex ifarraġna, għax jaf minn xiex inbatu u ħejja għalina ġejjieni differenti. Din hi l-viżjoni kbira tat-tama Nisranija, li tikber ta' kuljum f'ħajjitna, u trid terfagħna 'l fuq.

Ma kienx bi żball li Alla riedna ngħixu, u ġagħal lilu nnifsu u lilna noqogħdu għal iljieli ibsin ta' tbatija. Imma hu ħalaqna għax iridna ferħanin. Hu l-Missier tagħna, u jekk aħna hawn, issa, qed ngħixu ħajja li mhijiex dik li hu ried għalina, Ġesù jiggarantilna li Alla nnifsu qed iwettaq il-fidwa tagħna. Hu qed jaħdem biex jifdina.

Aħna nemmnu u nafu li l-mewt u l-mibegħda mhumiex l-aħħar kelma mlissna dwar l-istorja tal-ħajja tal-bniedem. Li tkun Nisrani jimplika perspettiva ġdida: ħarsa mimlija tama. Hemm min jemmn li l-ħajja żżomm il-kuntentizza kollha għaż-żgħożija u għall-imgħoddi, u li l-ħajja naqra naqra sejra lura. Oħrajn iżommu li l-ferħ tagħna hu biss għal ftit ħin u ħaġa li tgħaddi, u li l-ħajja tal-bnedmin ma tagħmilx sens. Dawk li quddiem tant traġedji jgħidu: "Imma l-ħajja x'sens fiha? It-triq tagħna hi dak li ma jagħmilx sens". Imma aħna l-Insara ma nemmnux hekk. Aħna nemmnu li fuq ix-xefaq tal-bniedem hemm xemx li ddawwal għal dejjem. Nemmnu li l-isbaħ jiem tagħna għad iridu jaslu. Aħna nies iżjed tar-rebbiegħa milli tal-ħarifa. Jien nixtieq nistaqsi, issa – kulħadd iwieġeb fil-qalb tiegħu, fis-skiet, imma jwieġeb –: "Jiena raġel, mara, żagħżugħ, żagħżugħa tar-rebbiegħa jew tal-ħarifa? Ruħi tinsab fir-rebbiegħa jew fil-ħarifa?". Ħa jwieġeb kulħadd għalih. Ejja nħarsu lejn dinja ġdida li qed twarrad, pjuttost milli lejn il-weraq li sfar fuq il-friegħi. Ejja ma ningħalqux fin-nostalġiji tagħna, fil-biki tal-passat u t-tgergir: nafu li Alla jridna werrieta ta' wegħda u bdiewa bieżla ta' ħolmiet kbar. Tinsewhiex dik il-mistoqsija: "Jiena persuna tar-rebbiegħa jew tal-ħarifa?". Tar-rebbiegħa, li tistenna l-ward, li tistenna l-frott, li tistenna x-xemx li hu Ġesù, jew tal-ħarifa, li dejjem wiċċha 'l isfel, imdejqa u, kif għidt drabi oħra, b'wiċċ ta' bżaru tal-ħall?

In-Nisrani jaf li s-Saltna ta' Alla, li fiha hu jsaltan bi mħabba, qed tikber bħal għalqa kbira tal-qamħ, anki jekk fin-nofs hemm is-sikrana. Dejjem ħa jkun hemm problemi, ħa jkun hemm min ipaċpaċ, il-gwerer, il-mard… il-problemi. Imma l-qamħ jikber xorta, u fl-aħħar il-ħażen għad jinqered. Il-futur mhuwiex tagħna, imma nafu li Ġesù Kristu hu l-akbar grazzja li għandna fil-ħajja: hu t-

tgħanniqa ta' Alla li hemm tistenniena fl-aħħar, imma li diġà minn issa sseħibna u tfarraġna fil-mixja tagħna. Hu jwassalna għall-"għamara" l-kbira ta' Alla mal-bnedmin (ara Apok 21:3), ma' tant ħutna oħra, fejn inqiegħdu f'riġlejn Alla t-tifkira tal-jiem li għexna hawn isfel. Xi ġmiel meta niskopru f'dak il-waqt li xejn ma ntilef, l-ebda tbissima u l-ebda demgħa! Kienet kemm kienet twila ħajjitna, quddiemna tidher bħallikieku nkunu għexnieha f'nifs wieħed. U li l-ħolqien ma ntemmx mas-sitt jum tal-Ġenesi, imma baqa' għaddej bla heda, għax Alla dejjem ħaseb fina. Sa dak il-jum li fih kollox għad jitwettaq, f'dik l-għodwa li fiha jintemm id-dmugħ kollu tagħna, fl-istess waqt li fih Alla jlissen l-aħħar kelma tiegħu ta' barka: "Ara – jgħid il-Mulej – se nġedded kollox!" (v. 5). Iva, Missierna hu Alla tal-ġdid u tas-sorpriżi. U dak il-jum aħna nkunu tassew hienja, u nibku. Iva: imma nibku bil-ferħ.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

## UDJENZA ĠENERALI

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2017*

### It-Tama Nisranija – 32. Il-memorja tal-vokazzjoni ġġedded it-tama

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum nixtieq nerġa' lura fuq tema importanti: ir-rabta bejn it-tama u l-memorja, b'riferiment partikulari għall-memorja tal-vokazzjoni. U bħala ikona se naqbad is-sejħa tal-ewwel dixxipli ta' Ġesù. Fil-memorja tagħhom baqgħet hekk impressa din l-esperjenza, li xi ħadd niżżel saħansitra x'kienet is-siegħa: "Kien ħabta tal-għaxar siegħa" (Ġw 1:39). Ġwanni l-evanġelista jirrakkonta l-episodju bħala tifkira ċara ta' żgħożitu, li baqgħet sħiħa fil-memorja tiegħu ta' anzjan: għax Ġwanni kiteb dawn il-ħwejjeġ meta kien diġà mdaħħal fiż-żmien.

Il-laqgħa kienet seħħet qrib ix-xmara Ġordan, fejn kien jgħammed Ġwanni l-Battista; u dawn iż-żgħażagħ Galilej kienu għażlu lill-Battista bħala gwida spiritwali tagħhom. Jum wieħed ġie Ġesù, biex jitgħammed fix-xmara. L-għada għadda mill-ġdid, u allura l-Għammiedi – jiġifieri Ġwanni l-Battista – qal lil tnejn miż-żewġ dixxipli tiegħu: "Araw il-Ħaruf ta' Alla!" (v. 36).

U għal dawn it-tnejn din kienet ix-"xrara". Ħallew lill-ewwel mgħallem tagħhom u telqu jimxu wara Ġesù. Huma u mexjin, hu dar fuqhom u għamlilhom il-mistoqsija deċiżiva: "Xi tridu?" (v. 38). Fil-Vanġeli Ġesù jidher bħala espert tal-qalb umana. F'dak il-ħin kien għadu kemm iltaqa' ma' żewġ żgħażagħ qed ifittxu, imħassbin imma b'mod tajjeb. Fil-fatt, liema żgħożija hi żgħożija sodisfatta, mingħajr mistoqsija li tagħmel sens? Iż-żgħażagħ li mhuma jfittxu xejn mhumiex żgħażagħ, diġà ħarġu bil-pensjoni, xjaħu qabel iż-żmien. Xi dwejjaq meta tara żgħażagħ diġà bil-pensjoni… U Ġesù, fil-Vanġelu kollu, fil-laqgħat kollha li jkollu fit-triq, jidher bħala dak li "jqabbad" il-qlub. Minn

hawn toħroġ dik il-mistoqsija tiegħu li tipprova toħroġ ix-xewqa għall-ħajja u għall-ferħ li kull żagħżugħ iġorr f'qalbu: "X'qed tfittex?". Anki jien illum nixtieq nistaqsi liż-żgħażagħ hawn fil-pjazza u lil dawk li qed isegwuna permezz tal-midja: "Int, li int żagħżugħ jew żagħżugħa, x'inti tfittex? X'qed tfittex fil-qalb tiegħek?".

Is-sejħa ta' Ġwanni u ta' Indrì hekk titlaq: hi l-bidu ta' ħbiberija ma' Ġesù li hi hekk qawwija li twassalhom biex jgħixu ħajja u passjonijiet komuni ma' tiegħu. Iż-żewġ dixxipli jibdew joqogħdu ma' Ġesù u dritt jinbidlu f'missjunarji, għax meta tintemm dik il-laqgħa ma jerġgħux lura d-dar b'rashom mistrieħa: tant hu hekk li ħuthom – Xmun u Ġakbu – dlonk jidħlu huma wkoll f'din il-mixja. Marru għandhom u qalulhom: "Sibna l-Messija, sibna profeta kbir": jagħtuhom l-aħbar. Huma missjunarji ta' dik il-laqgħa. Kienet laqgħa li tant messitilhom qalbhom, tant jithennew dawn id-dixxipli li baqgħu jiftakru għal dejjem dak il-jum li dawwal u orjenta ż-żgħożija tagħhom.

Kif niskopruha l-vokazzjoni tagħna f'din id-dinja? Nistgħu niskopruha b'ħafna modi, imma din il-paġna tal-Vanġelu turina li l-ewwel indikazzjoni hi l-ferħ tal-laqgħa ma' Ġesù. Żwieġ, ħajja kkonsagrata, saċerdozju: kull vokazzjoni vera tibda b'laqgħa ma' Ġesù li jagħtina ferħ u tama ġdida; u jwassalna, anki billi jgħaddina minn provi u diffikultajiet, għal laqgħa dejjem iżjed sħiħa, tikber, dik il-laqgħa, iżjed kbira, il-laqgħa tagħna miegħu u dejjem lejn il-milja tal-ferħ.

Il-Mulej ma jridx irġiel u nisa li jimxu warajh kontra qalbhom, mingħajr ma jġorru f'qalbhom arja ta' ferħ. Lilkom, li qegħdin hawn fil-pjazza, nistaqsikom – kull wieħed u waħda ħa jwieġeb lilu nnifsu – intom għandkom f'qalbkom arja ta' ferħ? Ħa jistaqsi kulħadd: "Jien għandi fija, fil-qalb tiegħi, arja ta' ferħ?". Ġesù jixtieq persuni li daqu kif, li toqgħod miegħu jġib ferħ bla qies, li nistgħu nġeddu kull jum ta' ħajjitna. Dixxiplu tas-Saltna ta' Alla li ma jafx jifraħ, ma jistax jevanġelizza lil din id-dinja, hu bniedem imdejjaq. Insiru predikaturi ta' Ġesù mhux billi nsinnu l-armi tar-retorika: int tista' toqgħod tparla, u tparla, u tparla, imma jekk ma jkunx hemm ħaġa oħra… Kif insiru predikaturi ta' Ġesù? Billi għajnejna jkunu jibbru bil-ferħ veru. Naraw tant Insara, anki fostna, li b'għajnejhom jgħaddulek il-ferħ tal-fidi: b'għajnejhom!

Għalhekk in-Nisrani – bħall-Verġni Marija – iħares il-fjamma tan-namur tiegħu: innamrati ma' Ġesù. Veru, jiġu l-provi fil-ħajja, hemm mumenti li fihom irridu

nibqgħu mexjin minkejja l-kesħa u l-irjieħ kontrina, minkejja tant imrar. Imma l-Insara jafuha t-triq li twassal għal dak in-nar qaddis li qabbadhom darba għal dejjem.

Imma, nitlobkom: ejjew ma noqogħdux nisimgħu mill-persuni delużi u mdejqa; ma nisimgħux min min jirrikkmandalna ċinikament biex ma nittamawx fil-ħajja; ma nafdawx f'min irid jitfilna kull ħeġġa għax jgħidilna li l-ebda biċċa xogħol ma timmerita s-sagrifiċċju ta' ħajja sħiħa; ma nisimgħux minn dawk li qalbhom "xjaħet" u jridu jifgaw il-ħeġġa taż-żgħożija. Ejja mmorru għand ix-xjuħ li għandhom għajnejhom jiddu bit-tama! Ejja nikkultivaw utopji tajbin: Alla jridna noħolmu bħalu u miegħu, aħna u mexjin, attenti għar-realtà. Noħolmu dinja differenti. U jekk ħolma tintfielna, ħa nfittxu li nerġgħu noħolmuha mill-ġdid, nixorbu kollna tama mill-memorja tal-għeruq tagħna, ta' dak il-ġamar li, forsi wara ħajja mhux daqshekk tajba, jinsab moħbi taħt l-irmied tal-ewwel laqgħa tagħna ma' Ġesù.

Mela din hi d-dinamika fundamentali tal-ħajja Nisranija: niftakru f'Ġesù. Pawlu qallu hekk lid-dixxiplu tiegħu: "Ftakar fi Kristu Ġesù" (2 Tim 2:8); dan hu l-parir tal-kbir San Pawl: "Ftakar fi Kristu Ġesù". Niftakru f'Ġesù, fin-nar tal-imħabba li bih jum wieħed ħarisna lejn ħajjitna bħala proġett ta' tjieba, u ma' din il-fjamma nġeddu t-tama tagħna.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*L-Erbgħa 20 ta' Settembru 2017*

**It-Tama Nisranija – 33.** ***Nedukaw għat-tama***

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Il-katekeżi tal-lum għandha bħala tema: *"Nedukaw għat-tama"*. U għalhekk jien se nagħtiha billi nindirizzakom direttament, bl-"inti", għax nistħajjilni qed nitkellem bħala edukatur, bħala missier lil żagħżugħ, jew lil kull persuna oħra li moħħha miftuħ biex titgħallem.

Aħseb ftit; hemm fejn Alla żergħek, ittama! Dejjem ittama.

Iċċedix għal-lejl: ftakar li l-ewwel għadu li trid tqiegħed taħtek mhux qiegħed barra minnek: jinsab fik. Għalhekk, tagħtix spazju lil ħsibijiet koroh, mudlama. Din id-dinja hi l-ewwel miraklu li għamel Alla, u Alla qiegħed f'idejna l-grazzja ta' għeġubijiet ġodda. Fidi u tama jimxu flimkien. Emmen fl-eżistenza tal-veritajiet l-iżjed għolja u sbieħ. Afda f'Alla l-Ħallieq, fl-Ispirtu s-Santu li jċaqlaq kollox lejn it-tajjeb, fit-tgħanniqa ta' Kristu li qed jistenna lil kull bniedem fi tmiem ħajtu; emmen li hu qed jistennik. Id-dinja timxi grazzi għall-ħarsa ta' tant bnedmin li fetħu xquq, li bnew pontijiet, li ħolmu u emmnu; imqar meta madwarhom kienu jisimgħu kliem ta' tmaqdir.

Qatt taħseb li t-taqbida li qed tagħmel hawn isfel hi għalkollox bla siwi. Fl-aħħar tal-ħajja m'hemmx nawfraġju jistenniena: fina hemm tbaqbaq żerriegħa tal-assolut. Alla ma jqarraqx bina: jekk qiegħed tama f'qalbna, ma jridx ikissirha bi frustrazzjonijiet kontinwi. Kollox jitwieled biex iwarrad f'rebbiegħa eterna. Anki Alla lilna ħalaqna biex inwarrdu. Qed niftakar f'dak id-djalogu, meta s-siġra tal-ballut talbet lis-siġra tal-lewż: "Kellimni dwar Alla". U l-lewża warrdet.

Kull fejn tkun, ibni! Jekk int mixħut fl-art, qum! Qatt tibqa' fl-art, qum, ħalli lil min jgħinek terġa' fuq saqajk. Jekk int bilqiegħda, aqbad miexi! Jekk id-dwejjaq tiegħek qed iwaħħlek, keċċih bl-opri tajba! Jekk tħossok vojt u demoralizzat, itlob li l-Ispirtu s-Santu jista' mill-ġdid jimla x-xejn tiegħek.

Ħabrek għall-paċi fost il-bnedmin, u tismax il-leħen ta' min ivenven mibegħda u firdiet. Tismagħhomx dawn l-ilħna. Il-bnedmin, huma kemm huma differenti minn xulxin, ġew maħluqa biex jgħixu flimkien. Fejn hemm id-differenzi, stabar: jum wieħed għad tiskopri li f'kull persuna hemm maħżuna biċċa mill-verità.

Ħobb lill-persuni. Ħobbhom wieħed wieħed u waħda waħda. Irrispetta l-mixja ta' kulħadd, sew jekk hi dritt u sew jekk imqallba, għax kulħadd għandu storja tiegħu x'jirrakkonta. Imqar kull wieħed u waħda minna għandu l-istorja tiegħu x'jirrakkonta. Kull tarbija li titwieled hi l-wegħda ta' ħajja li għal darb'oħra turi li hi iktar felħana mill-mewt. Kull imħabba li titnissel hi qawwa ta' bidla li tixxennaq għall-hena.

Ġesù tana dawl li jilma fid-dlam: ħarsu, ipproteġih. Dak id-dawl waħdieni hu l-ikbar għana fdata lilek fil-ħajja tiegħek.

U fuq kollox, oħlom! Tibżax toħlom. Oħlom! Oħlom dinja li għadek m'intix tara, imma li żgur għad tasal. It-tama twassalna biex nemmnu fl-eżistenza ta' ħolqien li dejjem jitwessa' sa ma jasal għat-twettiq sħiħ tiegħu, meta Alla jsir kollox f'kulħadd. Il-bnedmin li għandhom ħila jimmaġinaw irregalaw lill-bniedem kixfiet xjentifiċi u teknoloġiċi. Ferqu l-oċeani, terrqu fuq artijiet li qatt ħadd ma kien għadu rifes fuqhom. Il-bnedmin li kkultivaw it-tamiet huma wkoll dawk li għelbu l-jasar, u ġabu kundizzjonijiet ta' ħajja aħjar fuq din l-art. Aħseb f'dawn il-bnedmin.

Kun responsabbli ta' din id-dinja u tal-ħajja ta' kull bniedem. Ftakar li kull inġustizzja kontra fqir hi ġerħa miftuħa, u tnaqqas mill-istess dinjità tiegħek. Il-ħajja ma tiqafx mal-eżistenza tiegħek, u f'din id-dinja għad jiġu ġenerazzjonijiet oħra wara tagħna, u tant oħrajn warajhom. U ta' kuljum itlob lil Alla d-don tal-

kuraġġ. Ftakar li Ġesù għalina għeleb il-biża’. Hu rebaħ fuq il-biża’! L-ikbar għadu qarrieq tagħna ma għandu saħħa ta’ xejn kontra l-fidi. U meta ssib ruħek imbeżża’ quddiem xi diffikultà tal-ħajja, ftakar li int ma tgħixx biss għalik innifsek. Fil-Magħmudija ħajtek diġà ġiet mgħaddsa fil-misteru tat-Trinità u int kollok kemm int ta’ Ġesù. U jekk jum wieħed jieħdok il-biża’, u int taħseb li l-ħażen hu kbir wisq biex tista’ tħabbatha miegħu, aħseb biss li Ġesù jgħix fik. U huwa hu li, permezz tiegħek, bil-ħlewwa tiegħu jrid iqiegħed l-għedewwa kollha tal-bniedem taħt riġlejh: id-dnub, il-mibegħda, il-kriminalità, il-vjolenza; l-għedewwa kollha tagħna.

Ħa jkollok dejjem il-kuraġġ tal-verità, imma ftakar: int m’int superjuri għal ħadd. Ftakru dan: m’inti aqwa minn ħadd. Li kieku int kellek tkun anki l-aħħar wieħed li emmint fil-verità, minħabba f’hekk taħrabx mistħi mill-kumpanija tal-bnedmin. Imqar li kellek tgħix fis-silenzju ta’ eremitaġġ, ġorr f’qalbek it-tbatijiet ta’ kull ħlejqa. Int Nisrani; u fit-talb agħti kollox f’idejn Alla.

U żomm ħajja fik l-ideali. Għix għal xi ħaġa li tmur lil hemm mill-bniedem. U jekk jum wieħed dawn l-ideali kellhom jitolbuk tħallas kont għoli, tiqafx iġġorrhom f’qalbek. Il-fedeltà kollox tikseb.

Jekk tiżbalja, erġa’ qum: xejn ma hu iżjed uman milli wieħed jiżbalja. U dawk l-istess żbalji m’għandhomx isiru ħabs għalik. Tinqafilx fl-iżbalji tiegħek. L-Iben ta’ Alla ma ġiex għal min hu b’saħħtu, imma għall-marid: mela ġie għalik ukoll. U jekk sa terġa’ tiżbalja ’l quddiem, tibżax, int erġa’ qum! Taf għaliex? Għax Alla hu ħabib tiegħek.

Jekk tħossok mifni bid-dwejjaq, emmen bil-qawwa kollha fil-persuni li qed jaħdmu għat-tajjeb: fl-umiltà tagħhom hemm iż-żerriegħa ta’ dinja ġdida. Fittex il-kumpanija tal-persuni li żammew qalbhom bħal dik tat-tfal. Tgħallem mill-ġmiel, żomm ħaj is-sens ta’ stagħġib.

Għix, ħobb, oħlom, emmen. U, bil-grazzja ta’ Alla, qatt taqta’ qalbek.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 27 ta' Settembru 2017*

**It-Tama Nisranija – 34. *L-għedewwa tat-tama***

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Bħalissa aħna qed nitkellmu fuq it-tama; imma llum nixtieq nirrifletti magħkom fuq *l-għedewwa tat-tama*. Għax it-tama għandha l-għedewwa tagħha: bħal kull ħaġa tajba f'din id-dinja, għandha l-għedewwa tagħha.

U ġieni f'moħħi l-mit antik tal-vażett ta' Pandora: meta jinfetaħ dan il-vażett minnu joħorġu tant diżgrazzji għall-istorja tad-dinja. Imma ftit jiftakruha l-aħħar parti tal-istorja, li tiftaħ bħal xaqq ta' dawl: wara li jkun ħareġ il-ħażen kollu minn ħalq il-vażett, don ċkejken bħal donnu jerġa' jgħolli rasu quddiem dak il-ħażen kollu li xtered. Pandora, il-mara li kellha f'idejha l-vażett, tarah l-aħħar ħaġa: il-Griegi jsejħulu *elpìs*, jiġifieri *tama*.

Dan il-mit jirrakkontalna għaliex għall-bniedem it-tama hi daqshekk importanti. Mhux minnu li "sakemm hemm il-ħajja, hemm it-tama", kif jingħad. Jekk xejn, il-kuntrarju: hi t-tama li żżomm il-ħajja fuq saqajha, li tipproteġiha, li tħarisha u li tkabbarha. Li kieku l-bnedmin ma rawmux fihom it-tama, li kieku ma ħallewx din il-virtù tweżinhom, qatt ma kienu joħorġu mill-għerien, u ma kienu jħallu l-ebda marka fl-istorja tad-dinja. Din hi l-aktar ħaġa divina li tista' teżisti fil-qalb tal-bniedem.

Poeta Franċiż – Charles Péguy – ħallielna paġni mill-isbaħ fuq it-tama (ara *Il-portiku tal-misteru tat-tieni virtù*). B'mod poetiku hu jgħidilna li Alla ma jistagħġibx daqshekk bil-fidi tal-bnedmin, u lanqas bl-imħabba tagħhom; imma

dak li tassew jimlieh bl-għoġba u jqanqallu qalbu hi t-tama tal-bnedmin: "Li dawn l-ulied imsejkna", jikteb, "qed jaraw kif sejrin l-affarijiet u jemmnu li għada filgħodu sa jkunu aħjar". Ix-xbieha tal-poeta tfakkarna fl-uċuħ ta' tant bnedmin li għaddew minn din id-dinja – bdiewa, ħaddiema foqra, immigranti jfittxu futur aħjar – li ssieltu bil-qawwa minkejja l-imrar tal-preżent iebes, miżgħud b'tant provi, imma misjuqa mill-fiduċja li wliedhom kien sa jkollhom ħajja iżjed ġusta u iżjed serena. Issieltu għal uliedhom, issieltu fit-tama.

*It-tama hi l-ispinta fil-qalb ta' min jitlaq* u jħalli d-dar, l-art, xi kultant anki l-familjari u l-qraba – qed jiġuni f'moħħi l-immigranti –, biex ifittex ħajja aħjar, li tixraq iżjed lilu u lill-għeżież tiegħu. U hi wkoll *spinta fil-qalb ta' min jilqa'*: ix-xewqa li jiltaqgħu, li jagħrfu lil xulxin, li jiddjalogaw… It-tama hi l-ispinta biex *"naqsmu fil-vjaġġ"*, għax il-vjaġġ isir minn tnejn flimkien: dawk li jaslu fl-art tagħna, u aħna li nersqu lejn qalbhom, biex nifhmuhom, biex nifhmu l-kultura tagħhom, l-ilsien tagħhom. Hu vjaġġ bejn tnejn, imma mingħajr tama dak il-vjaġġ ma nistgħux nagħmluh. It-tama hi l-ispinta biex naqsmu l-vjaġġ tal-ħajja, kif tfakkarna l-Kampanja tal-Caritas li qed ninawguraw illum. Ħuti, ejjew ma nibżgħux naqsmu l-vjaġġ flimkien! Ejjew ma nibżgħux! Ma nibżgħux naqsmu t-tama!

It-tama mhijiex virtù għal min għandu l-istonku mimli. Huwa għalhekk li, minn dejjem, *il-foqra huma l-ewwel li jġorru fihom it-tama*. U f'dan is-sens nistgħu ngħidu li l-foqra, anki t-tallaba, huma l-protagonisti tal-Istorja. Biex daħal fid-dinja, Alla ġie bżonn tagħhom: ta' Ġużeppi u ta' Marija, tar-ragħajja ta' Betlehem. Fil-lejl tal-ewwel Milied kien hemm dinja rieqda, komda b'ħafna ċertezzi li kienet kisbet. Imma ċ-ċkejkna kienu qed iħejju fis-satra r-rivoluzzjoni tat-tjieba. Kienu foqra għalkollox, xi ħadd forsi kien iżomm xi ftit fil-wiċċ tas-sopravivenza, imma kienu għonja bl-aktar ġid prezzjuż li jeżisti fid-dinja, jiġifieri r-rieda li jġibu bidla.

Xi drabi, li l-ħajja tkun tatek kollox hija sfortuna. Aħsbu ftit f'żagħżugħ li qatt m'għallmuh il-virtù tal-istennija u tas-sabar, li ma kellu għalfejn jagħraq għall-ebda raġuni, li ħarat it-triq u ta' għoxrin sena "diġà jaf kif timxi d-dinja"; dan ġie ddestinat għall-agħar kundanna: dik li ma jixtieq xejn iżjed. Hi din, l-agħar kundanna. Jagħlaq il-bieb tiegħu għax-xewqat, għall-ħolm. Jidher żagħżugħ, imma fil-verità diġà xirfet ix-xitwa fuq qalbu. Huma ż-żgħażagħ tax-xitwa.

Li jkollok qalb vojta hi l-agħar xkiel għat-tama. Hu riskju li ħadd ma jista' jgħid li hu eskluż minnu; għax li niġu ttentati kontra t-tama jista' jiġrilna anki aħna u mexjin it-triq tal-ħajja Nisranija. L-irħieb tal-qedem kienu kkundannaw wieħed mill-agħar għedewwa tal-ħeġġa. Kienu jgħidu hekk: dak id-"demonju ta' nofsinhar" li ħajja sħiħa ta' tħabrik iċediha, proprju waqt li x-xemx tkun qed tisreġ bil-qawwa fil-għoli. Din it-tentazzjoni taħsadna meta l-inqas inkunu nistennewha: il-jiem isiru monotoni u ta' dwejjaq, l-ebda valur ma jibqa' jidher li jimmerita t-taħbit tagħna. Dan l-atteġġjament jissejjaħ *telqa* li tħassar il-ħajja minn ġewwa sakemm tħalliha bħal qoxra vojta.

Meta jiġri dan, in-Nisrani jaf li dik il-kundizzjoni jrid jiġġildilha, u qatt ma jħalliha tirkeb fuq dahru. Alla ħalaqna għall-ferħ u għall-kuntentizza, u mhux biex noqogħdu ninħlew fi ħsibijiet malinkoniċi. Għalhekk hu importanti li nieħdu ħsieb tal-qalb tagħna, neħduha kontra t-tentazzjonijiet tad-dwejjaq, li żgur mhumiex ġejjin minn Alla. U hemm fejn is-saħħa tagħna tidher fjakka u l-battalja kontra l-ansjetà partikularment iebsa, nistgħu dejjem nirrikorru għall-isem ta' Ġesù. Nistgħu ntennu dik it-talba sempliċi, li tagħha nsibu ħjiel anki fil-Vanġelu u li saret il-fus ta' tant tradizzjonijiet spiritwali Nsara: "Mulej Ġesù Kristu, Bin Alla l-ħaj, ħenn għalija midneb!". X'talba sabiħa! "Mulej Ġesù Kristu, Bin Alla l-ħaj, ħenn għalija midneb!". Din hi talba tat-tama, għax jien indur lejh li jista' jiftaħ beraħ il-bibien u jsewwi l-problema u jgħinni nħares lejn ix-xefaq, ix-xefaq tat-tama.

Ħuti, m'aħniex waħidna fit-taqbida tagħna kontra l-qtigħ il-qalb. Jekk Ġesù rebaħ id-dinja, hu jista' wkoll jirbaħ fina dak kollu li jeħodha kontra t-tajjeb. Jekk Alla hu magħna, ħadd ma jista' jisirqilna dik il-virtù li assolutament neħtieġu biex ngħixu. Ħadd ma jista' jisirqilna t-tama. Ejjew nibqgħu mexjin!

---

## APPELL WARA L-KATEKEŻI

Bi pjaċir qed nilqa' r-rappreżentanti tal-Caritas, li ġew hawn biex jagħtu bidu uffiċjali għall-kampanja "Naqsmu l-vjaġġ flimkien" – isem sabiħ dan li tajtu lill-kampanja tagħkom: naqsmu l-vjaġġ flimkien –, li ridt li nagħmluh f'din l-udjenza. Nagħti merħba lill-immigranti, li qed ifittxu l-ażil u r-rifuġjati li,

flimkien mal-ħaddiema tal-Caritas Taljana u ta' organizzazzjonijiet Kattoliċi oħra, huma sinjal ta' Knisja li qed tfittex li tkun miftuħa, inklużiva, akkoljenti. Grazzi lilkom kollha tas-servizz bla heda tagħkom. Intom diġà ċapċaptu, imma lilhom jixirqilhom tassew applaws kbir, minn kulħadd!

Bit-tħabrik tagħkom ta' kuljum, intom tfakkruna li Kristu nnifsu qed jitlobna nilqgħu lil ħutna immigranti u refuġjati b'dirgħajna, b'dirgħajna miftuħa beraħ. Nilqgħu proprju hekk, b'dirgħajna miftuħa beraħ. Meta d-dirgħajn huma miftuħa beraħ, huma lesti għal tgħanniqa sinċiera, għal tgħanniqa kollha mħabba, tgħanniqa li tħaddan kollox, xi ftit bħal dan il-kolonnat fil-Pjazza, li jirrappreżenta lill-Knisja omm li tħaddan lil kulħadd u taqsam magħhom l-istess vjaġġ wieħed.

Nagħti merħba wkoll lir-rappreżentanti ta' tant organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili impenjati fl-għajnuna lill-immigranti u r-rifuġjati li, flimkien mal-Caritas, taw l-għajnuna tagħhom fil-ġbir tal-firem għal liġi ġdid tal-immigrazzjoni li tkun iżjed rilevanti għall-kuntest attwali. Nagħtikom ilkoll merħba.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 4 ta' Ottubru 2017*

## It-Tama Nisranija – 35. *Missjunarji tat-tama llum*

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

F'din il-katekeżi nixtieq nitkellem fuq it-tema "Missjunarji tat-tama llum". Qed nieħu pjaċir nagħmel dan fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru, li fil-Knisja hu ddedikat b'mod partikulari lill-missjoni, u anki nhar il-festa ta' San Franġisk ta' Assisi, li kien missjunarju kbir tat-tama!

Fil-fatt, in-Nisrani mhuwiex profeta ta' ħwejjeġ koroh. Aħna m'aħniex profeti tal-isfortuna. L-essenza tat-tħabbira tiegħu hi l-kuntrarju, bil-maqlub tal-isfortuna: hu Ġesù, li miet għax ħabbna u li Alla qajmu mill-imwiet fi sbiħ il-Għid. U din hi l-qalba tal-fidi Nisranija. Li l-Vanġeli kellhom jieqfu mad-difna ta' Ġesù, l-istorja ta' dan il-profeta konna nżiduha ma' tant bijografiji ta' persunaġġi erojċi li qattgħu ħajjithom jaħdmu għal ideal. Hekk il-Vanġelu kien ikun ktieb li jedifikana, anki jfarraġna, imma ma kienx ikun aħbar ta' tama.

Imma l-Vanġeli ma jagħlqux mal-Ġimgħa l-Kbira, imorru lil hemm; u hi sewwasew din il-biċċa oħra li tibdlilna ħajjitna. Dak is-Sibt wara li hu ġie msallab, id-dixxipli ta' Ġesù kienu mifnija; dik il-blata mgerrba fuq id-daħla tal-qabar kienet għalqet ukoll it-tliet snin entużjażmanti li huma għexu mal-Imgħallem ta' Nazaret. Deher li kien spiċċa kollox, u xi wħud, delużi u mwerwra, ġa kienu qed iħallu Ġerusalemm.

Imma Ġesù jqum mill-mewt! Dan il-fatt mhux mistenni jaqleb ta' taħt fuq u jibdel il-ħsieb u l-qalb tad-dixxipli. Għax Ġesù ma jqumx biss għalih innifsu,

bħallikieku t-twelid mill-ġdid tiegħu kien prerogattiva li hu għajjur għaliha: jekk jitla' għand il-Missier, dan għax irid li l-qawmien tiegħu jieħu sehem fih kull bniedem, u jkaxkar miegħu fl-għoli lil kull ħlejqa. U dakinhar ta' Għid il-Ħamsin id-dixxipli jiġu mibdula min-nifs tal-Ispirtu s-Santu. Mhux biss għandhom aħbar sabiħa xi jwasslu lil kulħadd, imma huma stess huma differenti minn qabel, qishom reġgħu twieldu għal ħajja ġdida. Il-qawmien ta' Ġesù jibdilna bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ġesù huwa ħaj, hu ħaj fostna, hu ħaj u għandu dik il-qawwa li tibdel.

Kemm hi ħaġa sabiħa li naħsbu li aħna l-ħabbara tal-qawmien ta' Ġesù mhux biss bil-kliem, imma bil-fatti u bix-xhieda ta' ħajjitna! Ġesù ma jridx dixxipli li jafu biss jirrepetu formli li tgħallmu bl-amment. Hu jrid xhieda: persuni li jxerrdu t-tama bil-mod kif huma jilqgħu, jitbissmu, iħobbu. Fuq kollox iħobbu: għax il-qawwa tal-qawmien lill-Insara tagħmilhom kapaċi jħobbu mqar meta l-imħabba donnha tkun tilfet ir-raġunijiet tagħha. Hemm xi ħaġa "iżjed" fil-ħajja Nisranija, u li ma nistgħux infissruha sempliċiment bħala kuraġġ jew ottimiżmu ikbar. Il-fidi, it-tama tagħna mhix biss ottimiżmu; hi xi ħaġa oħra, iktar! Hi bħallikieku dawk li jemmnu kienu persuni b'"biċċa aktar mis-sema" fuq rashom. Kemm hi sabiħa din: aħna persuni li għandna biċċa iżjed mis-sema fuq rasna, aħna msieħba minn preżenza li hemm min bilkemm jirnexxielu jħossha.

Hekk xogħol l-Insara f'din id-dinja hu dak li jiftħu wesgħat ta' salvazzjoni, bħal ċelloli ta' riġenerazzjoni li għandhom il-ħila jroddu l-ħajja lil dak li donnu deher mitluf għal dejjem. Meta s-sema jkun kollu sħab, min jaf jitkellem dwar ix-xemx huwa barka. Araw, il-veru Nisrani dan hu: mhux igerger u jirrabja, imma konvint, bil-qawwa tal-qawmien, li l-ebda ħażen mhu hemm għal dejjem, l-ebda lejl mhu bla tmiem, l-ebda bniedem ma hu għalkollox żbaljat, m'hemm l-ebda mibegħda li ma tintrebaħx bl-imħabba.

Daż-żgur, xi drabi d-dixxipli jkollhom iħallsu qares għal din it-tama mogħtija lilhom minn Ġesù. Jiġuna f'moħħna tant Insara li ma telqux lill-poplu tagħhom, meta wasal iż-żmien tal-persekuzzjoni. Baqgħu hemm, fejn lanqas il-jum tal-għada ma kien ċert, fejn ma setgħu jagħmlu l-ebda proġett, baqgħu hemm jittamaw f'Alla. U jiġuna f'moħħna ħutna fil-Lvant Nofsani li qed jagħtu xhieda kollha tama u anki joffru ħajjithom għal din ix-xhieda. Dawn huma l-veri Nsara! Dawn qed iġorru s-Sema f'qalbhom, iħarsu lil hemm, dejjem lil hemm. Min kellu l-grazzja li jħaddan il-qawmien ta' Ġesù jista' jkompli jittama f'dak li jidher bla tama. Il-martri ta' kull żmien, bil-fedeltà tagħhom lejn Kristu,

jirrakkontaw li l-inġustizzja mhijiex l-aħħar kelma fil-ħajja. Fi Kristu Rxoxt nistgħu nkomplu nittamaw. Il-bnedmin li għandhom "għaliex" jgħixu, jirreżistu iżjed minn oħrajn fi żminijiet ibsin. Imma min għandu lil Kristu miegħu tabilħaqq ma jibża' minn xejn iżjed. U għalhekk l-Insara, l-Insara veri, qatt ma huma bnedmin faċli jew li jċedu malajr. L-umiltà tagħhom ma rridux nifxluha ma' sens ta' inċertezza jew ta' ċediment. San Pawl jixpruna lil Timotju biex ibati għall-Vanġelu, u jgħidlu hekk: "Għax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan" (2 Tim 1:7). Meta jaqgħu, dejjem jerġgħu jqumu fuq saqajhom.

Araw, ħuti, għaliex in-Nisrani hu missjunarju tat-tama. Mhux b'merti tiegħu, imma grazzi għal Ġesù, il-ħabba tal-qamħ li, għax waqgħet fl-art, mietet u tat ħafna frott (ara Ġw 12:24).

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 11 ta' Ottubru 2017*

## It-Tama Nisranija – 36. *L-istennija attenta*

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum nixtieq nieqaf ftit fuq dik id-dimensjoni tat-tama li hi *l-istennija attenta*. It-tema tas-sahra hi waħda mill-aspetti ewlenin tat-Testment il-Ġdid. Ġesù jipprietka hekk lid-dixxipli tiegħu: "Żommu ġenbejkom imħażżma u l-imsiebaħ tagħkom mixgħula; kunu bħal nies jistennew lil sidhom lura mill-festa tat-tieġ, biex malli jiġi u jħabbat, jiftħulu minnufih" (Lq 12:35-36). F'dan iż-żmien ta' wara l-qawmien ta' Ġesù, fejn jaleternaw kontinwament bejniethom mumenti sereni u oħrajn ta' tbatija, l-Insara qatt ma jintelqu. Il-Vanġelu jirrikkmandalna li nkunu bħall-qaddejja li qatt ma jmorru jorqdu, sakemm ma jkunx daħal lura sidhom. Din id-dinja titlob minna responsabbiltà, u aħna nassumuha kollha u bi mħabba. Ġesù jrid li l-ħajja tagħna tkun ħabrieka, li qatt ma nbaxxu l-miri tagħna, biex nilqgħu bi gratitudni u għoġba kull jum ġdid mogħti lilna mill-Mulej. Kull għodwa hi paġna bajda li n-Nisrani jibda jikteb bl-opri tajba tiegħu. Aħna *diġà* ġejna salvati mill-fidwa ta' Ġesù, imma issa *nistennew* id-dehra sħiħa tal-ħakma tiegħu: meta saflaħħar Alla jkun kollox f'kulħadd (ara 1 Kor 15:28). Xejn ma hu iżjed żgur, fil-fidi tal-Insara, minn dan l-"appuntament", dan l-appuntament mal-Mulej, meta hu għad jiġi. U meta jasal dan il-jum, aħna l-Insara rridu nkunu bħal dawk il-qaddejja li qattgħu l-lejl b'ġenbejhom imħażżma u l-imsiebaħ mixgħula: irridu nkunu lesti biex nilqgħu s-salvazzjoni li ġejja, lesti għal din il-laqgħa. Ħsibtu, intom, kif għad tkun dik il-laqgħa ma' Ġesù, meta hu jiġi? Sa tkun tgħanniqa, ferħ bla qies, ferħ kbir! Irridu ngħixu fl-istennija ta' din il-laqgħa!

In-Nisrani mhux magħmul biex joqgħod jagħmel id-dwejjaq; jekk xejn, hu magħmul biex *jistabar*. Jaf li mqar fil-monotonija ta' ċerti ġranet dejjem l-istess

hemm moħbi misteru ta’ grazzja. Hemm persuni li bil-perseveranza ta’ mħabbithom isiru bħal bjar li jsaqqu d-deżert bl-ilma. Xejn ma jiġri għalxejn, u l-ebda sitwazzjoni li fiha jsib ruħu mgħaddas in-Nisrani ma hi kompletament reżistenti għall-imħabba. L-ebda lejl ma hu daqshekk twil li jista’ jnessi l-ferħ taż-żerniq. U iżjed ma jkun mudlam il-lejl, eqreb hu sbiħ il-jum. Jekk nibqgħu magħquda ma’ Ġesù, il-kesħa tal-mumenti ibsin ma tħalliniex paralizzati; u mqar jekk id-dinja kollha kellha tipprietka kontra t-tama, jekk kellha tgħidilna li l-futur sa jġibilna biss sħab iswed, in-Nisrani jaf li f’dak l-istess futur hemm il-miġja lura ta’ Kristu. Meta sa jseħħ dan ħadd ma jaf, imma l-ħsieb li fl-aħħar tal-istorja tagħna hemm Ġesù Ħanin, hu biżżejjed biex nafdaw u ma nisħtux il-ħajja. Kollox għad jiġi mifdi. Kollox. Se nbatu, sa jkun hemm mumenti li jqanqlu rabja u korla, imma t-tifkira ħelwa u qawwija ta’ Kristu tkeċċi t-tentazzjoni tal-ħsieb li din il-ħajja hi xi żball.

Issa li sirna nafu lil Ġesù, aħna ma nistgħux ħlief *inħarsu lejn l-istorja b’fiduċja u tama*. Ġesù hu bħal dar, u aħna qegħdin fiha, u mit-twieqi ta’ din id-dar aħna nħarsu lejn id-dinja. Għalhekk ma ningħalqux fina nfusna, ma noqogħdux nibku b’malinkonija xi passat li jidher tad-deheb, imma ejjew inħarsu dejjem ’il quddiem, lejn futur li mhuwiex biss opra ta’ jdejna, imma li qabelxejn hu fil-ħsieb kostanti tal-providenza ta’ Alla. Dak kollu li hu mudlam, jum wieħed għad isir dawl.

U naħsbu wkoll li Alla ma jgiddibx lilu nnifsu. Qatt. Alla ma jqarraq qatt bina. Ir-rieda tiegħu għalina mhix mudlama, imma hi pjan ta’ salvazzjoni mirqum tajjeb: “Irid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità” (1 Tim 2:4). Għalhekk ma nintelqux f’idejn il-ġrajjiet li jgħaddu minn għalina b’pessimiżmu, bħallikieku l-istorja kienet ferrovija li tlifna l-kontroll tagħha. Ir-rassenjazzoni mhijiex virtù Nisranija. Bħalma mhix ħaġa tan-Nisrani li jagħti spallejh jew ibaxxi rasu quddiem destin li jidher donnu ma jistax jaħrab minnu.

Min iġib it-tama lid-dinja qatt ma hu persuna li ċċedi. Ġesù jgħidilna biex nistennewh, imma ma noqogħdux b’idejna fuq żaqqna: “Henjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru!” (Lq 12:37). Ma hemmx bennej tal-paċi li fl-aħħar mill-aħħar ma pperikolax il-paċi personali tiegħu għax tgħabba bil-problemi tal-oħrajn. Il-persuna li ċċedi ma hijiex bennejja tal-paċi imma għażżiena, trid toqgħod komda hi. Mentri n-Nisrani hu bennej tal-paċi meta jirriskja, meta jkollu l-kuraġġ li jirriskja biex iġib il-ġid, il-ġid li Ġesù tana, li tana bħala teżor.

F'kull jum ta' ħajjitna, intennu dik l-invokazzjoni li l-ewwel dixxipli, fl-ilsien Aramajk tagħhom, kienu jesprimu bil-kliem *Marana tha*, li nerġgħu nsibuha fl-aħħar vers tal-Bibbja: "Ejja, Mulej Ġesù!" (Apok 22:20). Hu r-ritornell ta' kull ħajja Nisranija: fid-dinja tagħna m'għandna bżonn ta' xejn iktar ħlief iż-żegħila ta' Kristu. Xi grazzja tkun jekk, fit-talb, fil-jiem tqal ta' din il-ħajja, nisimgħu leħnu li jweġibna u jiżgurana: "Arani ġej minnufih" (Apok 22:7)!

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2017*

## It-Tama Nisranija – 37. *Henjin dawk li jmutu fil-Mulej*

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Illum nixtieq inqiegħed f'konfront ma' xulxin it-tama Nisranija u r-realtà tal-mewt, realtà li ċ-ċiviltà moderna tagħna dejjem iżjed qed tipprova tħassar. Hekk, meta tasal il-mewt, għal min ikun qrib tagħna u għalina stess, insibu ruħna m'aħniex imħejjija, sajma wkoll mill-"alfabett" meħtieġ biex nistgħu ngħaqqdu kliem li jagħmel sens madwar il-misteru tagħha, li xorta waħda jibqa'. U safrattant, l-ewwel sinjali ta' ċivilizzazzjoni umana għaddew proprju minn din l-enigma. Nistgħu ngħidu li l-bniedem twieled mal-kult tal-mejtin.

Ċiviltajiet oħra, qabel din tagħna, kellhom il-kuraġġ li jħarsu lejha f'wiċċha. Kienet ġrajja rrakkuntata mix-xjuħa lill-ġenerazzjonijiet ġodda, bħal realtà li ma tistax taħrabha u li kienet tobbliga lill-bniedem biex jgħix għal xi ħaġa assoluta. Jgħid is-Salm 90: "Għallimna ngħoddu jiem ħajjitna, sabiex aħna nimxu bil-għaqal" (v. 12). Jekk wieħed jitgħallem jgħodd jiem ħajtu, qalbu tikseb l-għerf! Kliem li jdaħħalna f'realiżmu san, u jkeċċi minna l-ħsieb li nistgħu kollox. Aħna x'aħna? Aħna "kważi m'aħna xejn" (ara 89:48); jiemna jgħaddu ħfief: imqar li kellna ngħixu mitt sena, fl-aħħar jidhirlna li kollox kien bħal nifs. Ħafna drabi nisma' anzjani jgħidu: "Il-ħajja għaddiet bħal nifs…".

Hekk il-mewt tneżża' għarwiena lil ħajjitna. Tgħinna niskopru li l-għemejjel tagħna ta' kburija, ta' qilla u ta' mibegħda kienu frugħa: frugħa biss. B'għafsa ta' qalb nintebħu li ma ħabbejniex biżżejjed u li ma fittixniex dak li kien

essenzjali. U, bil-maqlub, naraw dak li żrajna tabilħaqq tajjeb: l-imħabba li mħabba fiha ssagrifikajna ruħna, u li issa taqbdilna jdejna.

Ġesù xeħet dawl fuq il-misteru tal-mewt tagħna. Bi mġiebtu, jawtorizzana biex inħossuna mnikkta meta tmut persuna għażiża għalina. Hu tħawwad "ħafna" quddiem il-qabar ta' ħabibu Lazzru, u "beka" (Ġw 11:35). F'din l-imġiba tiegħu, lil Ġesù nħossuh qrib ħafna, bħal ħuna. Hu beka għal ħabibu Lazzru.

U għalhekk Ġesù jitlob lill-Missier, għajn tal-ħajja, u jordna lil Lazzru joħroġ mill-qabar. U hekk seħħ. It-tama Nisranija tixrob minn din l-imġiba ta' Ġesù kontra l-mewt umana: jekk din hi preżenti fil-ħolqien, xorta hi sfreġju li jisfratta l-pjan ta' mħabba ta' Alla, u l-Feddej tagħna jrid ifejjaqna minnha.

Band'oħra l-Vanġeli jirrakkuntaw dwar missier li kellu lil bintu marida sew, u jdur b'fidi fuq Ġesù biex isalvaha (ara Mk 5:21-24,35-43). U ma hemmx figura li tqanqal iżjed minn dik ta' missier jew ta' omm b'binhom jew binthom morda. U minnufih Ġesù jmur ma' dak ir-raġel, li kien jismu Ġajru. F'ċertu punt jasal xi ħadd mid-dar ta' Ġajru u jgħidlu li t-tifla mititlu, u m'hemmx bżonn idejqu iżjed lill-Imgħallem. Imma Ġesù jgħid lil Ġajru: "Tibżax, biss inti emmen!" (Mk 5:36). Ġesù jaf li dak ir-raġel hu ttentat jirreaġixxi b'rabja u qtigħ il-qalb, għax mititlu bintu, u jħeġġu biex iżomm taqbad il-fjamma ċkejkna li xegħlet fil-qalb tiegħu: il-fidi. "Tibżax, biss inti emmen!". "Tibżax, imma ibqa' żomm mixgħula dik il-fjamma!". U mbagħad, meta jaslu d-dar, hu jqajjem lit-tifla mill-mewt u jroddha ħajja lill-għeżież tagħha.

Ġesù jqegħedna fuq dan it-"tarf" tal-fidi. Lil Marta li tibki t-telfa ta' ħuha Lazzru jaffaċċjaha bid-dawl ta' domma: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?" (Ġw 11:25-26). Dan hu li Ġesù jtenni lil kull wieħed u waħda minna, kull darba li żżurna l-mewt biex iċċarrat in-nisġa tal-ħajja u tal-imħabbiet tagħna. Ħajjitna kollha qiegħda hawn, titliegħeb bejn it-telgħa tal-fidi u l-preċipizzju tal-biża'. Jgħidilna Ġesù: "Jien m'iniex il-mewt, jiena l-qawmien u l-ħajja. Temmnu inti dan? Temmnu?". Aħna, li llum ninsabu hawn fil-Pjazza, nemmnuh dan?

Aħna lkoll ċkejkna u bla difiża quddiem il-misteru tal-mewt. Imma, xi grazzja tkun jekk f'dak il-mument inħarsu fil-qalb tagħna l-fjamma ċkejkna tal-fidi! Ġesù jaqbdilna jdejna, kif qabad f'id bint Ġajru, biex itennilna mill-ġdid: *"Talità kum"*, "Tfajla, qum!" (Mk 5:41). Se jgħidu lilna, lil kull wieħed u waħda minna: "Qum, irxoxta!". Jien issa nistedinkom tagħlqu għajnejkom u taħsbu f'dak il-mument: tal-mewt tagħna. Kull wieħed u waħda minna jaħseb fil-mewt tiegħu, u jistħajjel lilu nnifsu f'dak il-mument li għad iseħħ, meta Ġesù jaqbdilna jdejna u jgħidilna: "Ejja, ejja miegħi, qum". Hemm tintemm it-tama u tkun ir-realtà, ir-realtà tal-ħajja. Aħsbu sew: Ġesù nnifsu għad jiġi għand kull wieħed u waħda minna u jaqbdilna jdejna, bil-ħlewwa tiegħu, bit-tjieba tiegħu, bl-imħabba tiegħu. U kull wieħed ħa jtenni fil-qalb tiegħu l-kelma ta' Ġesù: "Qum, ejja. Qum, ejja. Qum, irxoxta!".

Din hi t-tama tagħna quddiem il-mewt. Għal min jemmen, hi bieb li jinfetaħ kollu beraħ; għal min jiddubita hi bħal xaqq ta' dawl li jgħaddi minn fuq l-għatba tal-bieb għax il-bieb ma jkunx magħluq għalkollox. Imma għalina lkoll sa tkun grazzja, meta dan id-dawl, tal-laqgħa tagħna ma' Ġesù, idawwalna.

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

IL-PAPA FRANĠISKU

***UDJENZA ĠENERALI***

*Pjazza San Pietru*

*L-Erbgħa 25 ta' Ottubru 2017*

**It-Tama Nisranija – 38. *Il-ġenna, destinazzjoni tat-tama tagħna***

*Għeżież ħuti, l-għodwa t-tajba!*

Din hi l-aħħar katekeżi fuq it-tema tat-tama Nisranija, li akkumpanjatna mill-bidu ta' din is-sena liturġika. U se nagħlaq billi nitkellem fuq il-*ġenna*, bħala *destinazzjoni tat-tama tagħna*.

"Ġenna" hi waħda mill-aħħar kelmiet imlissna minn Ġesù fuq is-salib, li hu lissen lill-ħalliel it-tajjeb. Ejja nieqfu għal ftit tal-ħin fuq dik ix-xena. Fuq is-salib, Ġesù mhuwiex waħdu. Maġenbu, fuq il-lemin u fuq ix-xellug, hemm żewġ delinkwenti. Forsi, huwa u għaddej minn quddiem dawk it-tliet slaleb weqfin fuq il-Golgota, xi ħadd ħa nifs twil 'il barra, għax ħaseb li fl-aħħar kienet qiegħda ssir ġustizzja la kienu qed jinqatlu nies ta' dik ix-xorta.

Ħdejn Ġesù hemm ukoll kriminal niedem: wieħed li għaraf li kien jixraqlu dak it-turment terribbli. Aħna nsejħulu l-"ħalliel it-tajjeb", li jeħodha kontra l-ieħor u jgħid: aħna qed nieħdu dak li ħaqqna ta' għemilna (ara Lq 23:41).

Fuq il-Kalvarju, f'dak il-jum traġiku u qaddis tal-Ġimgħa, Ġesù jasal sal-punt estrem tal-inkarnazzjoni tiegħu, tas-solidarjetà tiegħu mal-midinbin. Hemm iseħħ dak li l-profeta Isaija kien qal fuq il-Qaddej sofferenti: "Kien magħdud mal-midinbin" (53:12; ara Lq 22:37).

Huwa hemm, fuq il-Kalvarju, li Ġesù għandu l-aħħar appuntament ma' midneb, biex lilu wkoll jiftaħlu beraħ il-bibien tas-Saltna tiegħu. Dan interessanti: din hi l-unika darba li tidher il-kelma "ġenna" fil-Vanġeli. Ġesù jwegħedha lil "xitan fqajjar" li fuq l-għuda tas-salib kellu l-kuraġġ li jdur lejh u jagħmillu l-aktar talba umli: "Ftakar fija meta tidħol fis-saltna tiegħek" (Lq 23:42). Ma kellux opri tajba biex jiddandan, ma kellu xejn, imma jafda ruħu f'idejn Ġesù, li fih jagħraf l-innoċenti, it-twajjeb, hekk differenti minnu (v. 41). Kienet biżżejjed dik il-kelma ta' ndiema umli biex tmiss il-qalb ta' Ġesù.

Il-ħalliel it-tajjeb ifakkarna kif tassew ninsabu quddiem Alla: li aħna wliedu, li lilu tiġih ħniena minna, li lilu nsibuh żarmat kull darba li nuruh in-nostalġija tagħna għal imħabbtu. Fil-kmamar ta' tant sptarijiet u fiċ-ċelel tal-ħabsijiet dan il-miraklu jiġi ripetut tant drabi: ma hemmx persuna, għexet kemm għexet ħażin, li fadlilha biss il-qtigħ il-qalb u hi mċaħħda mill-grazzja. Quddiem Alla aħna nidhru kollha b'idejna vojta, xi ftit jew wisq bħall-pubblikan tal-parabbola li waqaf jitlob fuq wara nett tat-Tempju (ara Lq 18:13). U kull darba li wieħed, meta jagħmel l-aħħar eżami tal-kuxjenza ta' ħajtu, jiskopri li n-nuqqasijiet tiegħu huma bil-wisq iżjed mill-opri tajba, ma għandux għax jaqta' qalbu, imma jrid jafda ruħu f'idejn il-ħniena ta' Alla. U dan jimliena bit-tama, dan jiftħilna qalbna!

Alla hu Missier, u jistenna sal-aħħar li nerġgħu lura għandu. U lill-iben il-ħali li reġa' lura, li beda jistqarr ħtijietu, il-missier jagħlaqlu ħalqu b'tgħanniqa (ara Lq 15:20). Dan hu Alla: hekk iħobbna!

Il-ġenna mhijiex post tal-ħrejjef, u lanqas ma hi xi ġnien tas-sħarijiet. Il-ġenna hi t-tgħanniqa ma' Alla, Imħabba bla tarf, u fiha nidħlu grazzi għal Ġesù, li miet fuq is-salib għalina. Fejn hemm Ġesù, hemm il-ħniena u l-ferħ; mingħajru hemm il-kesħa u d-dalma. Fis-siegħa tal-mewt, in-Nisrani jtenni lil Ġesù: "Ftakar fija". U anki jekk ma jibqa' ħadd iżjed li jiftakar fina, lil Ġesù ħa nsibuh hemm, maġenbna. Irid jeħodna fl-isbaħ post li jeżisti. Irid jeħodna hemm b'dak il-ftit jew ħafna ġid li għamilna f'ħajjitna, biex xejn ma jintilef minn dak li hu diġà feda. U fid-dar tal-Missier se jieħu wkoll dak kollu li fina għad għandu bżonn jinħeles: in-nuqqasijiet u l-iżbalji ta' ħajja sħiħa. Din hi d-destinazzjoni ta' ħajjitna: li kollox jitwettaq, u jinbidel fi mħabba.

Jekk dan nemmnuh, il-mewt ma tibqax tbeżżagħna, u nistgħu wkoll nittamaw li nitilqu minn din id-dinja b'mod seren, b'ħafna fiduċja. Min iltaqa' ma' Ġesù u sar jafu, ma jibża' minn xejn iżjed. U nistgħu ntennu aħna wkoll kliem ix-xwejjaħ Xmuni, anki hu mbierek mil-laqgħa ma' Kristu, wara ħajja sħiħa fl-istennija: "Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skont kelmtek, għax għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek" (Lq 2:29-30).

U f'dak il-waqt, sa fl-aħħar, ma jkollna bżonn ta' xejn iżjed, ma nibqgħux naraw imċajpar. Ma nibkux iżjed għalxejn, għax kollox ikun għadda; anki l-profeziji, anki l-għarfien. Imma l-imħabba le, dik tibqa'. Għax "l-imħabba ma tintemm qatt" (ara 1 Kor 13:8).

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

Dawn tista' ssibhom ukoll *online* minn:

https://www.laikos.org/Papa_Frangisku_Katekezi_Tama.htm

Jew billi tiskennja dan il-*QR code*: